

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

P9_TA(2021)0499

L-Att dwar is-Swieq Diġitali *I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Diċembru 2021 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (COM(2020)0842 – C9-0419/2020 – 2020/0374(COD)) ⁽¹⁾

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2022/C 251/33)

Emenda 1**Proposta għal regolament****Premessa 1***Test propost mill-Kummissjoni*

- (1) Is-servizzi diġitali b'mod ġenerali u l-pjattaformi online b'mod partikolari għandhom rwol dejjem aktar importanti fl-ekonomija, b'mod partikolari fis-suq intern, billi jipprovdu opportunitajiet ġodda ta' negozju **fl-Unjoni u jiffaċilitaw il-kummerċ transfruntier.**

Emenda

- (1) Is-servizzi diġitali b'mod ġenerali u l-pjattaformi online b'mod partikolari għandhom rwol dejjem aktar importanti fl-ekonomija, b'mod partikolari fis-suq intern, billi jipprovdu **lill-utenti kummerċjali b'gateways biex jilhqqu l-utenti finali madwar l-Unjoni u lil hinn minnha, jiffaċilitaw il-kummerċ transfruntier u jifsthu opportunitajiet kompletament** ġodda ta' negozju **għal għadd kbir ta' kumpaniji fl-Unjoni għall-benefiċċju tal-konsumaturi tal-Unjoni.**

⁽¹⁾ Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0332/2021).

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

- (2) Fl-istess ħin, is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandhom bosta karatteristiċi li jistgħu jiġu sfruttati mill-fornituri tagħhom. Fost l-oħrajn, dawn il-karatteristiċi tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma jinkludu l-ekonomiji ta' skala estremi, li ħafna drabi jirriżultaw minn kostijiet marġinali kważi żero biex jiżdiedu l-utenti kummerċjali jew l-utenti finali. Fost karatteristiċi oħra tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma hemm l-effetti qawwija ħafna tan-network, l-abbiltà li jikkollegaw ħafna utenti kummerċjali ma' ħafna utenti finali għax dawn is-servizzi għandhom diversi naħat, il-grad sinifikanti ta' dipendenza tal-utenti kummerċjali u tal-utenti finali, l-effetti ta' intrappolament, in-nuqqas ta' multi-homing għall-istess għan mill-utenti finali, l-integrazzjoni vertikali, u l-vantaġġi xprunati mid-data. Meta ma' dawn il-karatteristiċi kollha tingħaqad l-imġiba inġusta ta' fornituri ta' dawn is-servizzi, dawn jistgħu jimminaw għmielu l-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma u jħallu impatt fuq il-ġustizzja tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-fornituri ta' dawn is-servizzi u l-utenti kummerċjali u l-utenti finali tagħhom, u dan iwassal għal tnaqqis mgħaġġel u potenzjalment estensiv fl-għażliet disponibbli fil-prattika għall-utenti kummerċjali u l-utenti finali, filwaqt li l-fornitur ta' dawk is-servizzi jista' jikseb il-pożizzjoni tal-hekk imsejjaħ gwardjan.

Emenda

- (2) Fl-istess ħin, is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandhom bosta karatteristiċi li jistgħu jiġu sfruttati mill-fornituri tagħhom. Fost l-oħrajn, dawn il-karatteristiċi tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma jinkludu l-ekonomiji ta' skala estremi, li ħafna drabi jirriżultaw minn kostijiet marġinali kważi żero biex jiżdiedu l-utenti kummerċjali jew l-utenti finali. Fost karatteristiċi oħra tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma hemm l-effetti qawwija ħafna tan-network, l-abbiltà li jikkollegaw ħafna utenti kummerċjali ma' ħafna utenti finali għax dawn is-servizzi għandhom diversi naħat, il-grad sinifikanti ta' dipendenza tal-utenti kummerċjali u tal-utenti finali, l-effetti ta' intrappolament, in-nuqqas ta' multi-homing għall-istess għan mill-utenti finali, l-integrazzjoni vertikali, u l-vantaġġi xprunati mid-data. Meta ma' dawn il-karatteristiċi kollha tingħaqad l-imġiba inġusta ta' fornituri ta' dawn is-servizzi, dawn jistgħu jimminaw għmielu l-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma u jħallu impatt fuq il-ġustizzja tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-fornituri ta' dawn is-servizzi u l-utenti kummerċjali u l-utenti finali tagħhom, u dan iwassal għal tnaqqis mgħaġġel u potenzjalment estensiv fl-għażliet disponibbli fil-prattika għall-utenti kummerċjali u l-utenti finali, filwaqt li l-fornitur ta' dawk is-servizzi jista' jikseb il-pożizzjoni tal-hekk imsejjaħ gwardjan. **Fl-istess ħin, jenħtieġ li jiġi rikonoxxut li s-servizzi li jaġixxu f'kapaċità ta' skop mhux kummerċjali bħal proġetti kollaborattivi jenħtieġ li ma jitqisux bħala servizzi ewlenin għall-fini ta' dan ir-Regolament.**

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

- (4) Il-kombinament ta' dawk il-karatteristiċi tal-gwardjani aktarx li ħafna drabi għal żbilanċi serji fis-saħħa tan-negożjar u għaldaqstant għal Prattiki u kundizzjonijiet inġusti għall-utenti kummerċjali u għall-utenti finali ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti mill-gwardjani, għad-detriment tal-prezzijiet, tal-kwalità, tal-għażla u tal-innovazzjoni tagħhom.

Emenda

- (4) Il-kombinament ta' dawk il-karatteristiċi tal-gwardjani aktarx li ħafna drabi **twassal** għal żbilanċi serji fis-saħħa tan-negożjar u għaldaqstant għal Prattiki u kundizzjonijiet inġusti għall-utenti kummerċjali u għall-utenti finali ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti mill-gwardjani, għad-detriment tal-prezzijiet, tal-kwalità, **tal-istandards tal-privatezza u tas-sigurtà, tal-kompetizzjoni ġusta**, tal-għażla u tal-innovazzjoni tagħhom.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

- (6) Il-gwardjani għandhom impatt sinifikanti fuq is-suq intern għax jipprovdu gateways għal għadd kbir ta' utenti kummerċjali biex jilhqg lill-utenti finali, kullimkien fl-Unjoni u fi swieq differenti. L-impatt negattiv tal-prattiki inġusti fuq is-suq intern u l-kontestabbiltà partikolarment dgħajfa tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma, inkluż l-implikazzjonijiet negattivi ta' għadd fuq is-soċjeta' u l-ekonomija, wasslu biex il-leġiżlaturi nazzjonali u r-regolaturi settorjali jieħdu azzjoni. Diġà għew adottati jew proposti għadd ta' soluzzjonijiet regolatorji **nazzjonali** biex jindirizzaw Prattiki inġusti u l-kontestabbiltà tas-servizzi diġitali jew għall-inqas rigward uħud minnhom. Dan ħoloq riskju ta' soluzzjonijiet regolatorji diverġenti u b'hekk frammentazzjoni tas-suq intern, u għalhekk żied ir-riskju ta' żieda fil-kostijiet tal-konformità minħabba settijiet differenti ta' rekwiżiti regolatorji nazzjonali.

Emenda

- (6) Il-gwardjani għandhom impatt sinifikanti fuq is-suq intern, għax jipprovdu gateways għal għadd kbir ta' utenti kummerċjali biex jilhqg lill-utenti finali, kullimkien fl-Unjoni u fi swieq differenti. L-impatt negattiv tal-prattiki inġusti fuq is-suq intern u l-kontestabbiltà partikolarment dgħajfa tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma, inkluż l-implikazzjonijiet negattivi ta' għadd fuq is-soċjeta' u l-ekonomija, wasslu biex il-leġiżlaturi nazzjonali u r-regolaturi settorjali jieħdu azzjoni. Diġà għew adottati jew proposti għadd ta' soluzzjonijiet regolatorji **f'livell nazzjonali** biex jindirizzaw Prattiki inġusti u l-kontestabbiltà tas-servizzi diġitali jew għall-inqas rigward uħud minnhom. Dan ħoloq riskju ta' soluzzjonijiet regolatorji diverġenti u b'hekk frammentazzjoni tas-suq intern, u għalhekk żied ir-riskju ta' żieda fil-kostijiet tal-konformità minħabba settijiet differenti ta' rekwiżiti regolatorji nazzjonali.

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

- (8) B'approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali diverġenti, jenħtieġ jiġu eliminati l-ostakli għal-libertà tal-forniment u r-riċezzjoni tas-servizzi, inkluż is-servizzi bl-immnut, fis-suq intern. Għaldaqstant, jenħtieġ jiġi stabbilit sett immirat ta' **regoli obbligatorji** armonizzati fil-livell tal-Unjoni ħalli jiġu żgurati swieq diġitali kontestabbli u ġusti li jinkludu l-preżenza ta' gwardjani fi ħdan is-suq intern.

Emenda

- (8) B'approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali diverġenti, jenħtieġ **li** jiġu eliminati l-ostakli għal-libertà tal-forniment u r-riċezzjoni tas-servizzi, inkluż is-servizzi bl-immnut, fis-suq intern. Għaldaqstant, jenħtieġ **li** jiġi stabbilit sett immirat ta' **obbligi legali** armonizzati fil-livell tal-Unjoni ħalli jiġu żgurati swieq diġitali kontestabbli u ġusti li jinkludu l-preżenza ta' gwardjani fi ħdan is-suq intern **għall-benefiċċju tal-ekonomija kollha tal-Unjoni u b'mod partikolari tal-konsumaturi tal-Unjoni.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

- (9) Il-frammentazzjoni tas-suq intern tista' tiġi evitata b'mod effettiv biss jekk l-Istati Membri ma jitħallewx japplikaw regoli **nazzjonali** li **jkunu speċifiċi għat-tipi ta' impriżi** u **servizzi koperti minn dan ir-Regolament**. Fl-istess ħin, dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkumplimenta l-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni, u għalhekk jenħtieġ jiġi speċifikat li dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, għar-regoli nazzjonali korrispondenti tal-kompetizzjoni u għal regoli nazzjonali oħra tal-kompetizzjoni dwar l-imġiba unilaterali li huma bbażati fuq valutazzjoni individwalizzata tal-pożizzjonijiet u tal-imġiba fis-suq, inkluż l-effetti probabbli tagħha u l-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-imġiba pprojbita, u li jipprevedu l-possibbiltà li l-impriżi jagħmlu argumenti ta' effiċjenza u ġustifikazzjoni oġġettiva għall-imġiba inkwistjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma taffettwax l-obbligi imposti fuq il-gwardjani skont dan ir-Regolament u l-applikazzjoni uniformi u effettiva tagħhom fis-suq intern.

Emenda

- (9) Il-frammentazzjoni tas-suq intern tista' tiġi evitata b'mod effettiv biss jekk l-Istati Membri ma jitħallewx japplikaw regoli **jew obbligi ulterjuri għall-gwardjani bil-għan li jiżguraw swieq kontestabbli u ġusti**. **Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-abbiltà tal-Istati Membri milli jimponu l-istess obbligi jew obbligi aktar stretti jew differenti fuq il-gwardjani sabiex jiġu segwiti interessi pubbliċi leġittimi oħra, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni**. **Dawk l-interessi pubbliċi leġittimi jistgħu jkunu, fost l-oħrajn, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-ġlieda kontra atti ta' kompetizzjoni inġusta u l-protezzjoni u t-trawwim tal-libertà tal-midja u l-pluraliżmu, il-libertà ta' espressjoni, kif ukoll id-diversità fil-kulturi jew fil-lingwi**. Fl-istess ħin, dan ir-Regolament għandu l-għan li jikkumplimenta l-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni, u għalhekk jenħtieġ **li** jiġi speċifikat li dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE, għar-regoli nazzjonali korrispondenti tal-kompetizzjoni u għal regoli nazzjonali oħra tal-kompetizzjoni dwar l-imġiba unilaterali li huma bbażati fuq valutazzjoni individwalizzata tal-pożizzjonijiet u tal-imġiba fis-suq, inkluż l-effetti probabbli tagħha u l-kamp ta' applikazzjoni preċiż tal-imġiba pprojbita, u li jipprevedu l-possibbiltà li l-impriżi jagħmlu argumenti ta' effiċjenza u ġustifikazzjoni oġġettiva għall-imġiba inkwistjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma taffettwax l-obbligi **u l-projbizzjonijiet** imposti fuq il-gwardjani skont dan ir-Regolament u l-applikazzjoni uniformi u effettiva tagħhom fis-suq intern.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

- (10) L-objettiv tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE u tar-regoli nazzjonali korrispondenti tal-kompetizzjoni li jikkonċernaw l-imgħiba multilaterali u unilaterali antikompetittiva kif ukoll il-kontroll tal-fużjonijiet hu l-protezzjoni tal-kompetizzjoni mingħajr distorsjoni fis-suq. Dan ir-Regolament għandu objettiv kumplementari għal, iżda differenti minn, dak li jipproteġi l-kompetizzjoni mingħajr distorsjoni fi kwalunkwe suq partikolari, kif definit f'termini ta' liġi tal-kompetizzjoni, jiġifieri li tiżgura li s-swieq fejn hemm gwardjani, ikunu u jibqgħu kontestabbli u ġusti, indipendentement mill-effetti attwali, probabbli jew preżunti tal-imgħiba ta' gwardjan partikolari koperta minn dan ir-Regolament dwar il-kompetizzjoni fsuq partikolari. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu l-għan li jipproteġi interess legali differenti minn dawk ir-regoli u jenħtieġ **ikun** mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom.

Emenda

- (10) L-objettiv tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE u tar-regoli nazzjonali korrispondenti tal-kompetizzjoni li jikkonċernaw l-imgħiba multilaterali u unilaterali antikompetittiva kif ukoll il-kontroll tal-fużjonijiet hu l-protezzjoni tal-kompetizzjoni mingħajr distorsjoni fis-suq. Dan ir-Regolament għandu objettiv kumplementari għal, iżda differenti minn, dak li jipproteġi l-kompetizzjoni mingħajr distorsjoni fi kwalunkwe suq partikolari, kif definit f'termini ta' liġi tal-kompetizzjoni, jiġifieri li tiżgura li s-swieq fejn hemm gwardjani, ikunu u jibqgħu kontestabbli u ġusti, **u li jiġu mħarsa d-drittijiet rispettivi tal-utenti kummerċjali u tal-utenti finali**, indipendentement mill-effetti attwali, probabbli jew preżunti tal-imgħiba ta' gwardjan partikolari koperta minn dan ir-Regolament dwar il-kompetizzjoni fsuq partikolari. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu l-għan li jipproteġi interess legali differenti minn dawk ir-regoli u jenħtieġ **li jkun** mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ jikkumplimenta wkoll, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom, ir-regoli li jirriżultaw minn atti oħra tal-liġi tal-Unjoni li jirregolaw ċerti aspetti tal-forniment tas-servizzi koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁶⁾, ir-Regolament (UE) xx/xx/UE [DSA] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁷⁾, ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁸⁾, id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁹⁾, id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁰⁾, u d-Direttiva (UE) 2010/13 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³¹⁾, kif ukoll regoli nazzjonali **mmirati biex jinforzaw jew, skont il-każ, jimplimentaw dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.**

⁽²⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57).

⁽²⁷⁾ Ir-Regolament (UE) .../. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – proposta dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE.

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁽²⁹⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92).

⁽³⁰⁾ Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

⁽³¹⁾ Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

(11) Dan ir-Regolament jenħtieġ **li** jikkumplimenta wkoll, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom, ir-regoli li jirriżultaw minn atti oħra tal-liġi tal-Unjoni li jirregolaw ċerti aspetti tal-forniment tas-servizzi koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁶⁾. Ir-Regolament (UE) xx/xx/UE [DSA] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁷⁾, ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁸⁾, id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁹⁾, **id-Direttiva 2002/58/KE**, id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁰⁾, **id-Direttiva (UE) 2019/882**, **id-Direttiva (UE) 2018/1808** u d-Direttiva (UE) 2010/13 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³¹⁾, **id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE** kif ukoll regoli **fil-livell** nazzjonali **adottati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Fir-rigward ta' regoli speċifiċi dwar il-kunsens għall-ipproċessar ta' data personali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, dan ir-Regolament japplika dawn ir-regoli mingħajr ma jaffettwahom.**

⁽²⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57).

⁽²⁷⁾ Ir-Regolament (UE) .../. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – proposta dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE.

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁽²⁹⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92).

⁽³⁰⁾ Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

⁽³¹⁾ Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Il-kontestabbiltà dgħajfa u l-prattiki inġusti fis-settur diġitali huma aktar frekwenti u evidenti f'ċerti servizzi diġitali milli f'oħrajn. Dan hu l-każ b'mod partikolari għas-servizzi diġitali mifruxa u użati b'mod komuni li jintermedjaw direttament l-aktar bejn l-utenti kummerċjali u l-utenti finali, u meta karatteristiċi bħall-ekonomiji ta' skala estremi, l-effetti qawwija ħafna fuq in-network, l-abbiltà li jikkollegaw ħafna utenti kummerċjali ma' ħafna utenti finali għax dawn is-servizzi għandhom diversi naħat, l-effetti ta' intrappolament, in-nuqqas ta' multi-homing jew l-integrazzjoni vertikali huma l-aktar prevalenti. Ħafna drabi, ikun hemm biss fornitur kbir wieħed jew ftit fornituri kbar ħafna ta' dawk is-servizzi diġitali. Dawn il-fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma tfaċċaw l-aktar bħala gwardjani għall-utenti kummerċjali u għall-utenti finali b'impatti estensivi, filwaqt li kisbu l-abbiltà li jstabbilixxu faċilment kundizzjonijiet u termini kummerċjali b'mod unilaterali u detrimental għall-utenti kummerċjali u l-utenti finali tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ **issir** enfasi biss fuq dawk is-servizzi diġitali li jintużaw l-aktar mill-utenti kummerċjali u mill-utenti finali u meta, **abbażi tal-kundizzjonijiet attwali tas-suq, it-tħassib** dwar il-kontestabbiltà dgħajfa u l-prattiki inġusti mill-gwardjani hu aktar evidenti u urġenti minn perspettiva tas-suq intern.

Emenda

(12) Il-kontestabbiltà dgħajfa u l-prattiki inġusti fis-settur diġitali huma aktar frekwenti u evidenti f'ċerti servizzi diġitali milli f'oħrajn. Dan hu l-każ b'mod partikolari għas-servizzi diġitali mifruxa u użati b'mod komuni li jintermedjaw direttament l-aktar bejn l-utenti kummerċjali u l-utenti finali, u meta karatteristiċi bħall-ekonomiji ta' skala estremi, l-effetti qawwija ħafna fuq in-network, l-abbiltà li jikkollegaw ħafna utenti kummerċjali ma' ħafna utenti finali għax dawn is-servizzi għandhom diversi naħat, l-effetti ta' intrappolament, in-nuqqas ta' multi-homing jew l-integrazzjoni vertikali huma l-aktar prevalenti. Ħafna drabi, ikun hemm biss fornitur kbir wieħed jew ftit fornituri kbar ħafna ta' dawk is-servizzi diġitali. Dawn il-fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma tfaċċaw l-aktar bħala gwardjani għall-utenti kummerċjali u għall-utenti finali b'impatti estensivi, filwaqt li kisbu l-abbiltà li jstabbilixxu faċilment kundizzjonijiet u termini kummerċjali b'mod unilaterali u detrimental għall-utenti kummerċjali u l-utenti finali tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ **li ssir** enfasi biss fuq dawk is-servizzi diġitali li jintużaw l-aktar mill-utenti kummerċjali u mill-utenti finali u meta **t-tħassib** dwar il-kontestabbiltà dgħajfa u l-prattiki inġusti mill-gwardjani hu aktar evidenti u urġenti minn perspettiva tas-suq intern.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

- (13) B'mod partikolari, is-servizzi ta' intermedjazzjoni online, il-magni tat-tiftix online, is-sistemi operatorji, in-networking soċjali online, is-servizzi ta' pjattaforma tal-video-sharing, is-servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri, is-servizzi ta' cloud computing u s-servizzi ta' reklamar online kollha għandhom il-kapaċità li jaffettwaw għadd kbir ta' utenti finali u negozji bl-istess mod u dan joħloq riskju ta' Prattiki kummerċjali inġusti. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma u jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Is-servizzi ta' intermedjazzjoni online jistgħu jkunu attivi wkoll fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u jistgħu jintermedjaw jew jiġu użati biex jipprovdu tali servizzi kif elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³²⁾. F'ċerti ċirkostanzi, il-kunċett ta' utenti finali jenħtieġ **ikun** jinkludi lill-utenti li tradizzjonalment jitqiesu bħala utenti kummerċjali, iżda f'sitwazzjoni partikolari ma jużawx is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma biex jipprovdu oġġetti jew servizzi lil utenti finali oħra, bħal pereżempju n-negozji li jiddependu fuq servizzi ta' cloud computing għall-finijiet tagħhom stess.

⁽³²⁾ Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1.

Emenda

- (13) B'mod partikolari, is-servizzi ta' intermedjazzjoni online, il-magni tat-tiftix online, is-sistemi operatorji **bħal apparati intelliġenti, l-internet tal-oġġetti jew servizzi diġitali integrati fil-vetturi**, in-networking soċjali online, is-servizzi ta' pjattaforma tal-video-sharing, is-servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri, is-servizzi ta' cloud computing, **is-servizzi ta' assistenti virtwali; il-browsers tal-internet, it-TV konness** u s-servizzi ta' reklamar online kollha għandhom il-kapaċità li jaffettwaw għadd kbir ta' utenti finali u negozji bl-istess mod u dan joħloq riskju ta' Prattiki kummerċjali inġusti. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma u jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Is-servizzi ta' intermedjazzjoni online jistgħu jkunu attivi wkoll fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u jistgħu jintermedjaw jew jiġu użati biex jipprovdu tali servizzi kif elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³²⁾. F'ċerti ċirkostanzi, il-kunċett ta' utenti finali jenħtieġ **li jkun** jinkludi lill-utenti li tradizzjonalment jitqiesu bħala utenti kummerċjali, iżda f'sitwazzjoni partikolari ma jużawx is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma biex jipprovdu oġġetti jew servizzi lil utenti finali oħra, bħal pereżempju n-negozji li jiddependu fuq servizzi ta' cloud computing għall-finijiet tagħhom stess.

⁽³²⁾ Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 11
Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

- (14) Għadd ta' servizzi anċillari oħra, bħas-servizzi ta' identifikazzjoni **jew** ta' pagament **u s-servizzi** tekniċi li jappoġġaw il-forniment ta' servizzi ta' pagament, jistgħu jiġu pprovduti mill-gwardjani flimkien mas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħhom. Peress li l-gwardjani ta' spiss ikunu jipprovdu l-portafoll tas-servizzi tagħhom bħala parti minn ekosistema integrata li l-fornituri terzi ta' dawn is-servizzi anċillari ma jkollhomx aċċess għaliha, tal-anqas mhux bl-istess kundizzjonijiet, u jistgħu jorbtu l-aċċess għas-servizz ewlieni tal-pjattaforma mat-teħid ta' servizz anċillari wieħed jew aktar, il-gwardjani aktarx ikollhom abbiltà u inċentiv akbar biex iżidu s-setgħa tagħhom bħala gwardjani mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħhom għal dawn is-servizzi anċillari, għad-detrimet tal-għażla u l-kontestabbiltà ta' dawn is-servizzi.

Emenda

- (14) Għadd ta' servizzi anċillari oħra, bħas-servizzi ta' identifikazzjoni, **is-servizzi** ta' pagament, **is-servizzi** tekniċi li jappoġġaw il-forniment ta' servizzi ta' pagament **jew is-sistemi ta' pagament in-app**, jistgħu jiġu pprovduti mill-gwardjani flimkien mas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħhom. Peress li l-gwardjani ta' spiss ikunu jipprovdu l-portafoll tas-servizzi tagħhom bħala parti minn ekosistema integrata li l-fornituri terzi ta' dawn is-servizzi anċillari ma jkollhomx aċċess għaliha, tal-anqas mhux bl-istess kundizzjonijiet, u jistgħu jorbtu l-aċċess għas-servizz ewlieni tal-pjattaforma mat-teħid ta' servizz anċillari wieħed jew aktar, il-gwardjani aktarx ikollhom abbiltà u inċentiv akbar biex iżidu s-setgħa tagħhom bħala gwardjani mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħhom għal dawn is-servizzi anċillari, għad-detrimet tal-għażla u l-kontestabbiltà ta' dawn is-servizzi.

Emenda 244
Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (14a) **Il-gwardjani jistgħu jipprovdu wkoll servizzi anċillari oħra, pereżempju attivitajiet ta' bejgħ bl-immnut jew ta' distribuzzjoni, li huma mmirati lejn l-utenti finali flimkien mas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħhom. Tali servizzi anċillari jistgħu jikkompetu mal-utenti kummerċjali tas-servizz ewlieni tal-pjattaforma u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iżbilanċ f'suq partikolari u fl-aħħar mill-aħħar iżidu b'mod inġust il-poter tal-gwardjan, inkluż fir-rigward tas-sħab kummerċjali tal-gwardjan, bħal pereżempju fornituri ta' oġġetti jew servizzi, li jiddependu fuq tali servizz anċillari. Sabiex il-gwardjani jinżammu milli jibbenefikaw b'mod inġust mill-ingranaġġ ipprovdut permezz tal-forniment ta' servizzi paralleli, tali servizzi anċillari jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għall-obbligi applikabbli għas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

- (20) Jekk ikun hemm għadd kbir ħafna ta' utenti kummerċjali li jiddependu minn servizz ewlieni tal-pjattaforma biex jilhqqu lil għadd kbir ħafna ta' utenti finali **attivi** kull xahar, il-fornitur ta' dak is-servizz ikun jista' jinfluwenza l-operazzjonijiet ta' parti sostanzjali tal-utenti kummerċjali għall-vantaġġ tiegħu u jindika fil-prinċipju li l-fornitur iservi bħala gateway importanti. Il-livelli rilevanti rispettivi għal dawk in-numri jenħtieġ jiġu stabbiliti b'mod li jkunu jirrappreżentaw persentaġġ sostantiv tal-popolazzjoni kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-utenti finali, u tal-popolazzjoni kollha tan-negozji li jużaw il-pjattaformi biex jiġi ddeterminat il-limitu għall-utenti kummerċjali.

Emenda

- (20) Jekk ikun hemm għadd kbir ħafna ta' utenti kummerċjali li jiddependu minn servizz ewlieni tal-pjattaforma biex jilhqqu lil għadd kbir ħafna ta' utenti finali kull xahar, il-fornitur ta' dak is-servizz ikun jista' jinfluwenza l-operazzjonijiet ta' parti sostanzjali tal-utenti kummerċjali għall-vantaġġ tiegħu u jindika fil-prinċipju li l-fornitur iservi bħala gateway importanti. Il-livelli rilevanti rispettivi għal dawk in-numri jenħtieġ **li** jiġu stabbiliti b'mod li jkunu jirrappreżentaw persentaġġ sostantiv tal-popolazzjoni kollha tal-Unjoni fir-rigward tal-utenti finali, u tal-popolazzjoni kollha tan-negozji li jużaw il-pjattaformi biex jiġi ddeterminat il-limitu għall-utenti kummerċjali.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

- (21) Pożizzjoni stabbilita u deġġiema fl-operazzjonijiet tiegħu jew il-prevedibbiltà li fil-futur tinkiseb din il-pożizzjoni sseħħ b'mod partikolari meta l-kontestabbiltà tal-pożizzjoni tal-fornitur ta' servizz ewlieni tal-pjattaforma tkun limitata. Dan aktarx iseħħ meta dak il-fornitur ikun ipprovdva servizz ewlieni tal-pjattaforma f'mill-inqas tliet Stati Membri lil għadd kbir ħafna ta' utenti kummerċjali u utenti finali għal mill-inqas tliet snin.

Emenda

- (21) Pożizzjoni stabbilita u deġġiema fl-operazzjonijiet tiegħu jew il-prevedibbiltà li fil-futur tinkiseb din il-pożizzjoni sseħħ b'mod partikolari meta l-kontestabbiltà tal-pożizzjoni tal-fornitur ta' servizz ewlieni tal-pjattaforma tkun limitata. Dan aktarx iseħħ meta dak il-fornitur ikun ipprovdva servizz ewlieni tal-pjattaforma f'mill-inqas tliet Stati Membri lil għadd kbir ħafna ta' utenti kummerċjali u utenti finali għal mill-inqas tliet snin. **Lista ta' indikaturi li għandhom jintużaw mill-fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma meta jiġu kkalkulati l-utenti finali ta' kull xahar u l-utenti kummerċjali ta' kull sena jenħtieġ li tiġi pprovduta f'Anness għal dan ir-Regolament.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

- (22) Dawn il-limiti jistgħu jiġu affettwati minn żviluppi tekniċi u tas-suq. Għalhekk il-Kummissjoni jenħtieġ tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tispeċifika l-metodoloġija li tiddetermina jekk intlahqox il-limiti kwantitattivi, u biex taġġustaha regolarment skont l-iżviluppi tas-suq u teknoloġiċi, skont il-ħtieġa. Dan hu rilevanti b'mod partikolari fejn jidħol il-limitu li jirreferi għall-kapitalizzazzjoni tas-suq, li jenħtieġ jiġi indiċjat f'intervalli xierqa.

Emenda

- (22) Dawn il-limiti jistgħu jiġu affettwati minn żviluppi tekniċi u tas-suq. Għalhekk il-Kummissjoni jenħtieġ **li** tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tispeċifika l-metodoloġija li tiddetermina jekk intlahqox il-limiti kwantitattivi **u taġġorna l-lista ta' indikaturi stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament**, u biex taġġustaha regolarment skont l-iżviluppi tas-suq u teknoloġiċi, skont il-ħtieġa. Dan hu rilevanti b'mod partikolari fejn jidħol il-limitu li jirreferi għall-kapitalizzazzjoni tas-suq, li jenħtieġ **li** jiġi indiċjat f'intervalli xierqa.

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

- (23) Il-fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma **li jilħqu l-limiti kwantitattivi iżda** jistgħu jippreżentaw **argumenti sostanzjati biżżejjed biex juru li, fiċ-ċirkostanzi** li jopera fihom is-servizz ewlieni tal-pjattaforma rilevanti, dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti oġġettivi **għal** gwardjan, **jenħtieġ ma jiġux iddeżinjati direttament iżda wara investigazzjoni ulterjuri biss**. L-oneru tal-evidenza li s-suppożizzjoni li tirriżulta mill-ilħuq ta' limiti kwantitattivi jenħtieġ ma tapplikax għal fornitur speċifiku, jenħtieġ jinġarr minn dak il-fornitur. **Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ tqis biss l-elementi relatati direttament mar-rekwiżiti li jikkostitwixxu gwardjan, jiġifieri jekk hux gateway importanti operat minn fornitur b'impatt sinifikanti fis-suq intern u b'pożizzjoni stabbilita u dejiema, attwali jew prevedibbli. Kwalunkwe ġustifikazzjoni għal raġunijiet ekonomiċi li ttipprova turi effiċjenzi li jirriżultaw minn tip speċifiku ta' mġiba mill-fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jenħtieġ titwarrab għax mhix rilevanti għad-deżinjazzjoni ta' gwardjan. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni billi tibbaża fuq il-limiti kwantitattivi meta l-fornitur ifixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni billi ma jikkonformax mal-miżuri investigattivi li tieħu l-Kummissjoni.**

Emenda

- (23) Il-fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma **jenħtieġ li jkunu** jistgħu **juru li, minkejja li jilħqu l-limiti kwantitattivi, minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali** li jopera fihom is-servizz ewlieni tal-pjattaforma rilevanti, dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti oġġettivi **biex jikkwalifikaw bħala** gwardjan **biss jekk huma jistgħu jippreżentaw argumenti konvinċenti biżżejjed li juru dan**. L-oneru tal-evidenza **konvinċenti** li s-suppożizzjoni li tirriżulta mill-ilħuq ta' limiti kwantitattivi jenħtieġ **li** ma tapplikax għal fornitur speċifiku, jenħtieġ **li** jinġarr minn dak il-fornitur. Jenħtieġ **li l-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni billi tibbaża fuq il-limiti kwantitattivi u l-fatti disponibbli meta l-fornitur ifixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni billi ma jikkonformax mal-miżuri investigattivi li tieħu l-Kummissjoni. Għal raġunijiet ta' titjib tat-trasparenza tas-suq, il-Kummissjoni tista' titlob li l-informazzjoni pprovduta dwar l-utenti kummerċjali u finali tiġi verifikata minn fornituri terzi li jkejlu l-udjenza u li jkunu kwalifikati biex jipprovdu tali servizzi skont l-istandards tas-suq u l-kodiċi ta' kondotta applikabbli fl-Unjoni.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

- (29) Il-gwardjani ddeżinjati jenħtieġ **ikunu** konformi mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament fejn jidħol kull wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma elenkati fid-deċiżjoni tad-deżinjazzjoni rilevanti. Ir-regoli obbligatorji jenħtieġ li jiġu applikati filwaqt li titqies il-pożizzjoni ta' konglomerat tal-gwardjani, meta applikabbli. Barra minn hekk, il-miżuri ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni, timponi fuq il-gwardjani **wara djalogu regolatorju** jenħtieġ jitfasslu b'mod effettiv, billi jitqiesu l-karatteristiċi tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma kif ukoll ir-riskji possibbli ta' ċirkomvenzjoni u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet fundamentali tal-impriżi kkonċernati u tal-partijiet terzi.

Emenda

- (29) Il-gwardjani ddeżinjati jenħtieġ **li jkunu** konformi mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament fejn jidħol kull wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma elenkati fid-deċiżjoni tad-deżinjazzjoni rilevanti. Ir-regoli obbligatorji jenħtieġ li jiġu applikati filwaqt li titqies il-pożizzjoni ta' konglomerat tal-gwardjani, meta applikabbli. Barra minn hekk, il-miżuri ta' implimentazzjoni li l-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni, timponi fuq il-gwardjani jenħtieġ **li** jitfasslu b'mod effettiv, billi jitqiesu l-karatteristiċi tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma kif ukoll ir-riskji possibbli ta' ċirkomvenzjoni u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u d-drittijiet fundamentali tal-impriżi kkonċernati u tal-partijiet terzi.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

- (30) Is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandhom natura teknoloġika kumplessa u qed tinbidel malajr ħafna; għalhekk hemm bżonn rieżami regolari tal-istatus tal-gwardjani, inkluż ta' dawk previsti li fil-futur qrib igawdu minn pożizzjoni deġġiema u stabbilita fl-operazzjonijiet tagħhom. Biex il-parteċipanti kollha fis-suq, inkluż il-gwardjani, jingħataw iċ-ċertezza meħtieġa fir-rigward tal-obbligi legali applikabbli, hemm bżonn limitu ta' żmien għal dawn ir-rieżamijiet regolari. Dawn ir-rieżamijiet importanti li jsiru b'mod regolari u mill-inqas kull **sentejn**.

Emenda

- (30) Is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandhom natura teknoloġika kumplessa u qed tinbidel malajr ħafna; għalhekk hemm bżonn rieżami regolari tal-istatus tal-gwardjani, inkluż ta' dawk previsti li fil-futur qrib igawdu minn pożizzjoni deġġiema u stabbilita fl-operazzjonijiet tagħhom. Biex il-parteċipanti kollha fis-suq, inkluż il-gwardjani, jingħataw iċ-ċertezza meħtieġa fir-rigward tal-obbligi legali applikabbli, hemm bżonn limitu ta' żmien għal dawn ir-rieżamijiet regolari. Dawn ir-rieżamijiet importanti li jsiru **wkoll** b'mod regolari u mill-inqas kull **sena**.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 18
Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

- (31) Biex tiġi żgurata l-effettività tar-rieżami tal-istatus ta' gwardjan u l-possibbiltà li tiġi aġġustata l-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma li jipprovdi gwardjan, il-gwardjani jenħtieġ jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-akkwiżizzjonijiet kollha ppjanati u konklużi tagħhom ta' fornituri oħra ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew ta' xi servizz ieħor ipprovdut fis-settur diġitali. Din l-informazzjoni jenħtieġ **isservi** mhux biss għall-proċess tar-rieżami msemmi hawn fuq rigward l-istatus ta' gwardjani individwali, iżda tipprovdi wkoll informazzjoni kruċjali għall-monitoraġġ ta' xejriet usa' ta' kontestabbiltà fis-settur diġitali u għalhekk tista' tkun fattur utli li jitqies fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tas-suq previsti minn dan ir-Regolament.

Emenda

- (31) Biex tiġi żgurata l-effettività tar-rieżami tal-istatus ta' gwardjan u l-possibbiltà li tiġi aġġustata l-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma li jipprovdi gwardjan, il-gwardjani jenħtieġ **li** jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-akkwiżizzjonijiet kollha ppjanati u konklużi tagħhom ta' fornituri oħra ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew ta' xi servizz ieħor ipprovdut fis-settur diġitali. Din l-informazzjoni jenħtieġ **li sservi** mhux biss għall-proċess tar-rieżami msemmi hawn fuq rigward l-istatus ta' gwardjani individwali, iżda tipprovdi wkoll informazzjoni kruċjali għall-monitoraġġ ta' xejriet usa' ta' kontestabbiltà fis-settur diġitali u għalhekk tista' tkun fattur utli li jitqies fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tas-suq previsti minn dan ir-Regolament. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti b'tali notifiki. L-informazzjoni miġbura tista' tintuża biex tiskatta s-sistema ta' riferiment stabbilita fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 19
Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

- (32) Biex jiġu ssalvagwardjati l-ġustizzja u l-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti mill-gwardjani, jeħtieġ jiġi previst b'mod ċar u inekwivoku sett ta' obbligi armonizzati fir-rigward ta' dawk is-servizzi. Dawn ir-regoli huma meħtieġa biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' effetti dannużi minħabba Prattiki inġusti imposti mill-gwardjani, għall-ġid tal-ambjent kummerċjali fis-servizzi kkonċernati, għall-ġid tal-utenti, u fl-aħħar mill-aħħar għall-ġid tas-soċjetà inġenerali. Minħabba n-natura mgħaġġla u dinamika tas-swieq diġitali, u s-saħħa ekonomika sostanzjali tal-gwardjani, hu importanti li dawn l-obbligi jiġu applikati b'mod effettiv mingħajr ma jiġu evitati. Għal dak il-għan, l-obbligi inkwistjoni jenħtieġ japplikaw għal kwalunkwe **prattika** tal-gwardjani, irrispettivament mill-forma tagħha u irrispettivament minn jekk għandhiex natura kuntrattwali, kummerċjali, teknika jew xi natura oħra, sa fejn **prattika tikkorrispondi għat-tip ta' prattika li hi soġġetta għal wieħed mill-obbligi ta' dan ir-Regolament**.

Emenda

- (32) Biex jiġu ssalvagwardjati l-ġustizzja u l-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti mill-gwardjani, jeħtieġ **li** jiġi previst b'mod ċar u inekwivoku sett ta' obbligi armonizzati fir-rigward ta' dawk is-servizzi. Dawn ir-regoli huma meħtieġa biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' effetti dannużi minħabba Prattiki inġusti imposti mill-gwardjani, għall-ġid tal-ambjent kummerċjali fis-servizzi kkonċernati, għall-ġid tal-utenti, u fl-aħħar mill-aħħar għall-ġid tas-soċjetà inġenerali. Minħabba n-natura mgħaġġla u dinamika tas-swieq diġitali, u s-saħħa ekonomika sostanzjali tal-gwardjani, hu importanti li dawn l-obbligi jiġu applikati b'mod effettiv mingħajr ma jiġu evitati. Għal dak il-għan, l-obbligi inkwistjoni jenħtieġ **li** japplikaw għal kwalunkwe **mgħiba** tal-gwardjani, irrispettivament mill-forma tagħha u irrispettivament minn jekk għandhiex natura kuntrattwali, kummerċjali, teknika jew xi natura oħra, sa fejn **din jista', fil-prattika, ikollha għan jew effett ekwivalenti għall-prattiki li huma pprojbiti skont dan ir-Regolament. Tali mgħiba tinkludi d-disinn użat mill-gwardjan, il-preżentazzjoni ta' għażliet tal-utent finali b'mod mhux newtrali, jew l-użu tal-istruttura, il-funzjoni jew il-mod ta' operazzjoni ta' interfaċċa tal-utent jew parti minnha biex timmina jew tfixxkel l-awtonomija, it-teħid ta' deċiżjonijiet jew l-għażla tal-utent**.

Emenda 20
Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

- (33) L-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament huma limitati għal dak meħtieġ u ġustifikat biex tiġi indirizzata l-inġustizzja tal-prattiki identifikati tal-gwardjani u biex tiġi żgurata l-kontestabbiltà fir-rigward tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti mill-gwardjani. Għalhekk, l-obbligi jenħtieġ jikkorrispondu għall-prattiki **meqjusina** inġusti billi jitqiesu l-karatteristiċi tas-settur diġitali u meta l-esperjenza miksuba, pereżempju fl-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, turi li jħallu impatt dirett partikolarment negattiv fuq l-utenti kummerċjali u l-utenti finali. Barra minn hekk, **hemm bżonn** tiġi prevista l-possibbiltà ta' djalogu regolatorju mal-gwardjani biex jifasslu l-obbligi li aktarx ikunu jeħtieġu miżuri speċifiċi ta' implimentazzjoni biex jiġu żgurati l-effettività u l-proporzjonalità tagħhom. L-obbligi jenħtieġ jiġu aġġornati biss wara investigazzjoni bir-reqqa tan-natura u l-impatt ta' prattiki speċifiċi li jaf ikun għadhom kemm ġew identifikati bħala inġusti jew li jillimitaw il-kontestabbiltà, **wara investigazzjoni fil-fond**, bl-istess mod bħall-prattiki inġusti stipulati f'dan ir-Regolament filwaqt li potenzjalment jistgħu jaħarbu mill-kamp ta' applikazzjoni tas-sett attwali tal-obbligi.

Emenda

- (33) L-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament huma limitati għal dak meħtieġ u ġustifikat biex tiġi indirizzata l-inġustizzja tal-prattiki identifikati tal-gwardjani u biex tiġi żgurata l-kontestabbiltà fir-rigward tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti mill-gwardjani. Għalhekk, l-obbligi jenħtieġ **li** jikkorrispondu għall-prattiki **meqjusa** inġusti billi jitqiesu l-karatteristiċi tas-settur diġitali u meta l-esperjenza miksuba, pereżempju fl-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, turi li jħallu impatt dirett partikolarment negattiv fuq l-utenti kummerċjali u l-utenti finali. **L-obbligi stabbiliti fir-Regolament jenħtieġ li jqisu n-natura tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti u l-preżenza ta' mudelli ta' negozju differenti.** Barra minn hekk, **huwa meħtieġ li** tiġi prevista l-possibbiltà ta' djalogu regolatorju mal-gwardjani biex jifasslu l-obbligi li aktarx ikunu jeħtieġu miżuri speċifiċi ta' implimentazzjoni biex jiġu żgurati l-effettività u l-proporzjonalità tagħhom. L-obbligi jenħtieġ **li** jiġu aġġornati biss wara investigazzjoni bir-reqqa tan-natura u l-impatt ta' prattiki speċifiċi li jaf ikun għadhom kemm ġew identifikati bħala inġusti jew li jillimitaw il-kontestabbiltà bl-istess mod bħall-prattiki inġusti stipulati f'dan ir-Regolament filwaqt li potenzjalment jistgħu jaħarbu mill-kamp ta' applikazzjoni tas-sett attwali tal-obbligi.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 21

Proposta għal regolament

Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

- (36) Dawk li jikkombinaw data tal-utenti finali mingħand sorsi differenti jew jabbonaw l-utenti għal servizzi differenti tal-gwardjani, ikunu qed jiksbu vantaġġi potenzjali mil-lat ta' akkumulazzjoni tad-data, u b'hekk jiżdiedu l-ostakli għad-dħul. Biex jiġi żgurat li l-gwardjani ma jfixklux inġustament il-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-p-jattaforma, jenħtieġ li dawn ikunu jippermettu lill-utenti finali tagħhom jagħżlu liberament li jipparteċipaw f'dawn il-prattiki kummerċjali billi joffru alternattiva inqas personalizzata. Il-possibbiltà jenħtieġ tkopri s-sorsi kollha possibbli tad-data personali, inkluż servizzi proprji tal-gwardjan u siti web ta' partijiet terzi, u jenħtieġ tiġi ppreżentata b'mod proattiv lill-utent finali b'mod espliċitu, ċar u sempliċi.

Emenda

- (36) Dawk li jikkombinaw data tal-utenti finali mingħand sorsi differenti jew jabbonaw l-utenti għal servizzi differenti tal-gwardjani, ikunu qed jiksbu vantaġġi potenzjali mil-lat ta' akkumulazzjoni tad-data, u b'hekk jiżdiedu l-ostakli għad-dħul. Biex jiġi żgurat li l-gwardjani ma jfixklux inġustament il-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-p-jattaforma, jenħtieġ li dawn ikunu jippermettu lill-utenti finali tagħhom jagħżlu liberament li jipparteċipaw f'dawn il-prattiki kummerċjali billi joffru alternattiva inqas personalizzata **iżda ekwivalenti. Jenħtieġ li l-alternattiva inqas personalizzata ma tkunx differenti jew ta' kwalità degradata meta mqabbla mas-servizz offrut lill-utenti finali li jipprovdu l-kunsens tagħhom għall-kombinament tad-data personali tagħhom.** Il-possibbiltà jenħtieġ li tkopri s-sorsi kollha possibbli tad-data personali, inkluż servizzi proprji tal-gwardjan u siti web ta' partijiet terzi, u jenħtieġ **li** tiġi ppreżentata b'mod proattiv lill-utent finali b'mod espliċitu, ċar u sempliċi.

Emenda 22

Proposta għal regolament

Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (36a) **Il-minorenni jistħoqqilhom protezzjoni speċifika fir-rigward tad-data personali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu għall-finijiet tal-kummerċjalizzazzjoni jew il-ħolqien ta' profili ta' personalità jew ta' utent u l-ġbir ta' data personali. Għalhekk, data personali ta' minorenni miġbura jew iġġenerata b'mod ieħor mill-gwardjani jenħtieġ li tiġix ipproċessata għal finijiet kummerċjali, bħall-kummerċjalizzazzjoni diretta, it-tfassil ta' profili u r-reklamar immirat skont l-imġiba.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 23
Proposta għal regolament
Premessa 36b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (36b) *Sabiex tiġi salvagwardjata għażla ġusta tal-utent finali, ir-rifjut tal-kunsens jenħtieġ li ma jkunx aktar diffiċli milli jingħata l-kunsens. Barra minn hekk, biex jiġu salvagwardjati d-drittijiet u l-libertajiet tal-utenti finali, l-ipproċessar tad-data personali għal finijiet ta' reklamar jenħtieġ li jkun konformi mar-rekwiżiti tal-minimizzazzjoni tad-data skont l-Artikolu 5(1) (c) tar-Regolament (UE) 2016/679. Barra minn hekk, l-ipproċessar ta' data personali li tiżvela l-orijini razzjali jew etnika, l-opinjoni politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew is-sħubija fi trade union, kif ukoll id-data dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika jenħtieġ li jkun strettament limitat u soġġett għas-salvagwardji xierqa kif deskritt fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679.*

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 24
Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

- (37) Minħabba l-pożizzjoni tagħhom, **xi drabi l-gwardjani** jistgħu jillimitaw l-abbiltà tal-utenti kummerċjali tas-servizzi ta' intermedjazzjoni online tagħhom li joffru l-oġġetti jew is-servizzi tagħhom lil utenti finali b'kundizzjonijiet aktar favorevoli, inkluż il-prezz, tramite servizzi oħra ta' intermedjazzjoni online. Dawn ir-restrizzjonijiet għandhom effett ta' deterrent sinifikanti fuq l-utenti kummerċjali tal-gwardjani f'termini tal-użu tagħhom ta' servizzi alternattivi ta' intermedjazzjoni online, li jillimita l-kontestabbiltà bejn il-pjattaformi, li min-naħa tiegħu jillimita l-għażla ta' mezzi alternattivi ta' intermedjazzjoni online għall-utenti finali. Biex jiġi żgurat li l-utenti kummerċjali tas-servizzi ta' intermedjazzjoni online tal-gwardjani jkunu jistgħu jagħżlu liberament servizzi alternattivi ta' intermedjazzjoni online u jiddifferenzjaw il-kundizzjonijiet li bihom joffru l-prodotti jew is-servizzi tagħhom lill-utenti finali tagħhom, jenħtieġ ma jiġix aċċettat li l-gwardjani jillimitaw lill-utenti kummerċjali milli jagħżlu li jiddifferenzjaw il-kundizzjonijiet kummerċjali, inkluż il-prezz. Jenħtieġ li tali restrizzjoni tapplika għal kwalunkwe miżura b'effett ekwivalenti, bħal pereżempju żieda fir-rati tal-kummissjoni jew it-tneħħija tal-offerti tal-utenti kummerċjali mil-lista.

Emenda

- (37) Minħabba l-pożizzjoni tagħhom, **f'ċerti każijiet il-gwardjani** jistgħu, **permezz tal-impożizzjoni ta' termini u kundizzjonijiet kuntrattwali**, jillimitaw l-abbiltà tal-utenti kummerċjali tas-servizzi ta' intermedjazzjoni online tagħhom li joffru l-oġġetti jew is-servizzi tagħhom lil utenti finali b'kundizzjonijiet aktar favorevoli, inkluż il-prezz, tramite servizzi oħra ta' intermedjazzjoni online **jew tramite mezzi kummerċjali diretti**. Dawn ir-restrizzjonijiet għandhom effett ta' deterrent sinifikanti fuq l-utenti kummerċjali tal-gwardjani f'termini tal-użu tagħhom ta' servizzi alternattivi ta' intermedjazzjoni online **jew mezzi diretti tad-distribuzzjoni**, li jillimita l-kontestabbiltà bejn il-pjattaformi, li min-naħa tiegħu jillimita l-għażla ta' mezzi alternattivi ta' intermedjazzjoni online għall-utenti finali. Biex jiġi żgurat li l-utenti kummerċjali tas-servizzi ta' intermedjazzjoni online tal-gwardjani jkunu jistgħu jagħżlu liberament servizzi alternattivi ta' intermedjazzjoni online **jew mezzi ta' distribuzzjoni oħra** u jiddifferenzjaw il-kundizzjonijiet li bihom joffru l-prodotti jew is-servizzi tagħhom lill-utenti finali tagħhom, jenħtieġ **li** ma jiġix aċċettat li l-gwardjani jillimitaw lill-utenti kummerċjali milli jagħżlu li jiddifferenzjaw il-kundizzjonijiet kummerċjali, inkluż il-prezz. Jenħtieġ li tali restrizzjoni tapplika għal kwalunkwe miżura b'effett ekwivalenti, bħal pereżempju żieda fir-rati tal-kummissjoni jew it-tneħħija tal-offerti tal-utenti kummerċjali mil-lista.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 25
Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) Biex jiġi evitat li tissaħħaħ aktar id-dipendenza tagħhom fuq is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjani, l-utenti kummerċjali ta' dawn il-gwardjani jenħtieġ li jkunu ħielsa li jippromwovu u jagħżlu l-mezz ta' distribuzzjoni li huma jqisu l-aktar xieraq biex jinteraġixxu ma' kwalunkwe utent finali li dawn l-utenti kummerċjali jkunu diġà akkwistaw tramite servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti mill-gwardjan. Min-naħa l-oħra, l-utenti finali jenħtieġ **ikunu** liberi wkoll li jagħżlu l-offerti ta' dawn l-utenti kummerċjali u li jidħlu f'kuntratti magħhom tramite servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan, jekk applikabbli, jew b'mezz dirett tad-distribuzzjoni tal-utent kummerċjali, jew b'mezz indirett ieħor tad-distribuzzjoni li dan l-utent kummerċjali jista' juża. Dan jenħtieġ li japplika għall-promozzjoni tal-offerti u l-konklużjoni tal-kuntratti bejn l-utenti kummerċjali u l-utenti finali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-abbiltà tal-utenti finali li jakkwistaw liberament kontenut, abbonamenti, karatteristiċi jew oġġetti oħra barra mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan ma tiddgħajjifx jew tiġi ristretta. B'mod partikolari, jenħtieġ jiġi evitat li l-gwardjani jirrestrinġu lill-utenti finali milli jaċċessaw jew jużaw servizzi bħal dawn permezz ta' applikazzjoni tas-software li topera fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma tagħhom. Pereżempju, jenħtieġ li l-abbonati għal kontenut online mixtri barra minn applikazzjoni tas-software imniżżla jew mixtri minn ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software ma jitwaqqfux milli jaċċessaw kontenut online bħal dan fuq applikazzjoni tas-software fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma tal-gwardjan sempliċiment għax ikun inxtara barra minn din l-applikazzjoni tas-software jew minn dan il-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software.

Emenda

(38) Biex jiġi evitat li tissaħħaħ aktar id-dipendenza tagħhom fuq is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjani, l-utenti kummerċjali ta' dawn il-gwardjani jenħtieġ li jkunu ħielsa li jippromwovu u jagħżlu l-mezz ta' distribuzzjoni li huma jqisu l-aktar xieraq biex jinteraġixxu ma' kwalunkwe utent finali li dawn l-utenti kummerċjali jkunu diġà akkwistaw tramite servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti mill-gwardjan **jew tramite mezz oħra. Utent finali akkwistat huwa utent finali li jkun diġà daħal f'relazzjoni kuntrattwali mal-utent kummerċjali. Relazzjonijiet kuntrattwali bħal dawn jistgħu jkunu jew fuq bażi bi ħlas jew b'xejn (eż. provi bla ħlas, livelli ta' servizz b'xejn) u jistgħu jkunu saru jew fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma tal-gwardjan jew tramite kwalunkwe mezz ieħor.** Min-naħa l-oħra, l-utenti finali jenħtieġ **li jkunu** liberi wkoll li jagħżlu l-offerti ta' dawn l-utenti kummerċjali u li jidħlu f'kuntratti magħhom tramite servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan, jekk applikabbli, jew b'mezz dirett tad-distribuzzjoni tal-utent kummerċjali, jew b'mezz indirett ieħor tad-distribuzzjoni li dan l-utent kummerċjali jista' juża. Dan jenħtieġ li japplika għall-promozzjoni tal-offerti, **il-kommunikazzjoni** u l-konklużjoni tal-kuntratti bejn l-utenti kummerċjali u l-utenti finali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-abbiltà tal-utenti finali li jakkwistaw liberament kontenut, abbonamenti, karatteristiċi jew oġġetti oħra barra mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan ma tiddgħajjifx jew tiġi ristretta. B'mod partikolari, jenħtieġ **li** jiġi evitat li l-gwardjani jirrestrinġu lill-utenti finali milli jaċċessaw jew jużaw servizzi bħal dawn permezz ta' applikazzjoni tas-software li topera fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma tagħhom. Pereżempju, jenħtieġ li l-abbonati għal kontenut online mixtri barra minn applikazzjoni tas-software imniżżla jew mixtri minn ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software ma jitwaqqfux milli jaċċessaw kontenut online bħal dan fuq applikazzjoni tas-software fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma tal-gwardjan sempliċiment għax ikun inxtara barra minn din l-applikazzjoni tas-software jew minn dan il-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 26
Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

- (39) Biex ikun żgurat ambjent kummerċjali ġust u titħares il-kontestabbiltà tas-settur diġitali, hu importanti li jiġi salvagwardjat id-dritt tal-utenti kummerċjali li jqajmu **tħassib** tagħhom dwar imġiba inġusta minn gwardjani ma' awtorità amministrattiva jew awtorità pubblika oħra rilevanti. Pereżempju, l-utenti kummerċjali jistgħu jkunu jridu jilmentaw dwar tipi differenti ta' prattiki inġusti, bħal kundizzjonijiet ta' aċċess diskriminatorji, għeluq mhux ġustifikat ta' kontijiet tal-utenti kummerċjali jew raġunijiet mhux ċari għat-tneħħija ta' prodott mil-lista. Għalhekk jenħtieġ tiġi pprojbita kwalunkwe prattika li b'xi mod timpedixxi din il-possibbiltà li wieħed juri tħassib jew ifittex rimedju disponibbli, pereżempju bi klawżoli ta' kunfidenzjalità fi ftehimiet jew termini oħra bil-miktub. Dan jenħtieġ **ikun** mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-utenti kummerċjali u tal-gwardjani li jistabbilixxu t-termini tal-użu fil-ftehimiet tagħhom, inkluż l-użu ta' mekkaniżmi legali għall-immaniġġjar tal-ilmenti, inkluż kwalunkwe użu ta' mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim jew tal-ġurisdizzjoni ta' qrati speċifiċi f'konformità mal-liġi rispettiva tal-Unjoni u nazzjonali. Għalhekk, dan jenħtieġ **ikun** ukoll mingħajr preġudizzju għar-rwol li jaqdu l-gwardjani fil-ġlieda kontra l-kontenut illegali online.

Emenda

- (39) Biex ikun żgurat ambjent kummerċjali ġust u titħares il-kontestabbiltà tas-settur diġitali, hu importanti li jiġi salvagwardjat id-dritt tal-utenti kummerċjali **u l-utenti finali, inklużi l-informaturi** li jqajmu **t-tħassib** tagħhom dwar imġiba inġusta minn gwardjani ma' awtorità amministrattiva jew awtorità pubblika oħra rilevanti. Pereżempju, l-utenti kummerċjali **jew l-utenti finali** jistgħu jkunu jridu jilmentaw dwar tipi differenti ta' prattiki inġusti, bħal kundizzjonijiet ta' aċċess diskriminatorji, għeluq mhux ġustifikat ta' kontijiet tal-utenti kummerċjali jew raġunijiet mhux ċari għat-tneħħija ta' prodott mil-lista. Għalhekk jenħtieġ **li** tiġi pprojbita kwalunkwe prattika li b'xi mod timpedixxi **jew tfixkel** din il-possibbiltà li wieħed juri tħassib jew ifittex rimedju disponibbli, pereżempju bi klawżoli ta' kunfidenzjalità fi ftehimiet jew termini oħra bil-miktub. Dan jenħtieġ **li jkun** mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-utenti kummerċjali u tal-gwardjani li jistabbilixxu t-termini tal-użu fil-ftehimiet tagħhom, inkluż l-użu ta' mekkaniżmi legali għall-immaniġġjar tal-ilmenti, inkluż kwalunkwe użu ta' mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim jew tal-ġurisdizzjoni ta' qrati speċifiċi f'konformità mal-liġi rispettiva tal-Unjoni u nazzjonali. Għalhekk, dan jenħtieġ **li jkun** ukoll mingħajr preġudizzju għar-rwol li jaqdu l-gwardjani fil-ġlieda kontra l-kontenut illegali online.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 27
Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

- (40) **Is-servizzi ta' identifikazzjoni huma** kruċjali **għall-utenti** kummerċjali **biex iwettqu** n-negozju tagħhom, għax dawn jistgħu jippermettulhom mhux biss li jottimizzaw is-servizzi, sa fejn hu permess skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³³⁾, iżda anki jinnettaw fiduċja fit-tranżazzjonijiet online, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-gwardjani ma jużawx il-pożizzjoni tagħhom bħala fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma biex jeżiġu li l-utenti kummerċjali dipendenti tagħhom jinkludu kull servizz ta' identifikazzjoni pprovdut mill-gwardjan innifsu bħala parti mill-forniment ta' servizzi jew prodotti minn dawn l-utenti kummerċjali lill-utenti finali tagħhom, meta servizzi oħra ta' identifikazzjoni jkunu disponibbli għal dawn l-utenti kummerċjali.

⁽³³⁾ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

Emenda

- (40) **Il-gwardjani joffru firxa ta' servizzi anċillari. Biex tiġi żgurata l-kontestabbiltà, huwa kruċjali li l-utenti** kummerċjali **huma liberi li jagħżlu tali servizzi anċillari mingħajr il-biża' ta' kwalunkwe effett detrimental għall-forniment tas-servizz ewlieni tal-pjattaforma u li iwettqu** n-negozju tagħhom, għax dawn jistgħu jippermettulhom mhux biss li jottimizzaw is-servizzi, sa fejn hu permess skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³³⁾, iżda anki jinnettaw fiduċja fit-tranżazzjonijiet online, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-gwardjani **ma jużawx il-pożizzjoni tagħhom bħala fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma biex jeżiġu li l-utenti kummerċjali dipendenti tagħhom jużaw, joffru jew jinkludu kwalunkwe servizz anċillari pprovdut mill-gwardjan jew minn parti terza partikolari, meta servizzi anċillari oħra jkunu disponibbli għal tali utenti kummerċjali. Jenħtieġ li l-gwardjani eventwalment** ma jużawx il-pożizzjoni tagħhom bħala fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma biex jeżiġu li l-utenti kummerċjali dipendenti tagħhom jinkludu kull servizz ta' identifikazzjoni pprovdut mill-gwardjan innifsu bħala parti mill-forniment ta' servizzi jew prodotti minn dawn l-utenti kummerċjali lill-utenti finali tagħhom, meta servizzi oħra ta' identifikazzjoni jkunu disponibbli għal dawn l-utenti kummerċjali.

⁽³³⁾ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 28
Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

(41) Jenħtieġ li l-gwardjani ma jillimitawx l-għażla libera tal-utenti finali billi teknikament jipprevjenu l-qlib bejn applikazzjonijiet u servizzi differenti tas-software jew l-abbonament għalihom. Għalhekk il-gwardjani jenħtieġ jiżguraw għażla libera irrispettivament minn jekk dawn ikunux il-manifattur ta' xi hardware li permezz tiegħu jiġu aċċessati applikazzjonijiet tas-software jew servizzi bħal dawn, u jenħtieġ ma joħolqux ostakli tekniċi artifiċjali biex jagħmlu l-qlib **impossibbli** jew ineffettiv. Is-sempliċi offerta ta' prodott jew servizz partikolari lill-utenti finali, inkluż b'installazzjoni minn qabel, kif ukoll it-titjib ta' offerta lil utent finali, bħal prezzijiet aħjar jew kwalità aqwa, fiha nnifisha ma tikkostitwixxix ostaklu għall-qlib.

Emenda

(41) Jenħtieġ li l-gwardjani ma jillimitawx l-għażla libera tal-utenti finali billi teknikament jipprevjenu l-qlib bejn applikazzjonijiet u servizzi differenti tas-software jew l-abbonament għalihom. Għalhekk il-gwardjani jenħtieġ **li** jiżguraw għażla libera irrispettivament minn jekk dawn ikunux il-manifattur ta' xi hardware li permezz tiegħu jiġu aċċessati applikazzjonijiet tas-software jew servizzi bħal dawn, u jenħtieġ **li** ma joħolqux ostakli tekniċi artifiċjali biex jagħmlu l-qlib **aktar diffiċli** jew ineffettiv. Is-sempliċi offerta ta' prodott jew servizz partikolari lill-utenti finali, inkluż b'installazzjoni minn qabel, kif ukoll it-titjib ta' offerta lil utent finali, bħal prezzijiet aħjar jew kwalità aqwa, fiha nnifisha ma tikkostitwixxix ostaklu għall-qlib.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 29
Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

- (42) Il-kundizzjonijiet li skonthom il-gwardjani jipprovdu servizzi ta' reklamar online lill-utenti kummerċjali, inkluż lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi, spiss ma jkunux trasparenti u ċari. Din l-opaċità hi parzjalment marbuta mal-prattiki ta' ftit pjattaformi, iżda hi dovuta wkoll għall-kumplessità enormi tar-reklamar programmatiku tal-lum. Is-settur hu meqjus li sar inqas trasparenti wara l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar il-privatezza, u mistenni jsir aktar vag bit-tneħħija mħabbra tal-cookies ta' partijiet terzi. Dan spiss iwassal għal nuqqas ta' informazzjoni u għarfien għar-reklamaturi u għall-pubblikaturi dwar il-kundizzjonijiet tas-servizzi ta' reklamar li jkunu xtraw u jimmina l-abbiltà tagħhom li jaqilbu għal fornituri alternattivi ta' servizzi ta' reklamar online. Barra minn hekk, il-kostijiet tar-reklamar online aktarx ikunu iżjed minn daww f'ambjenti ta' pjattaforma aktar ġusti, aktar trasparenti u kontestabbli. Dawn il-kostijiet akbar aktarx jiġu riflessi fil-prezzijiet li l-utenti finali jħallsu għal ħafna prodotti u servizzi ta' kuljum li jiddependu fuq l-użu ta' reklamar online. Għalhekk l-obbligi ta' trasparenza jenħtieġ jeżiġu li l-gwardjani jagħtu informazzjoni lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi, li lilhom jipprovdu servizzi ta' reklamar online, li permezz tagħha ż-żewġ naħat ikunu jistgħu jifhmu l-prezz imħallas għal kull wieħed mis-servizzi differenti ta' reklamar ipprovduti bħala parti mill-katina tal-valur rilevanti ta' reklamar, **meta tintalab din l-informazzjoni u sa fejn ikun possibbli.**

Emenda

- (42) Il-kundizzjonijiet li skonthom il-gwardjani jipprovdu servizzi ta' reklamar online lill-utenti kummerċjali, inkluż lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi, spiss ma jkunux trasparenti u ċari. Din l-opaċità hi parzjalment marbuta mal-prattiki ta' ftit pjattaformi, iżda hi dovuta wkoll għall-kumplessità enormi tar-reklamar programmatiku tal-lum. Is-settur hu meqjus li sar inqas trasparenti wara l-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar il-privatezza, u mistenni jsir aktar vag bit-tneħħija mħabbra tal-cookies ta' partijiet terzi. Dan spiss iwassal għal nuqqas ta' informazzjoni u għarfien għar-reklamaturi u għall-pubblikaturi dwar il-kundizzjonijiet tas-servizzi ta' reklamar li jkunu xtraw u jimmina l-abbiltà tagħhom li jaqilbu għal fornituri alternattivi ta' servizzi ta' reklamar online. Barra minn hekk, il-kostijiet tar-reklamar online aktarx ikunu iżjed minn daww f'ambjenti ta' pjattaforma aktar ġusti, aktar trasparenti u kontestabbli. Dawn il-kostijiet akbar aktarx jiġu riflessi fil-prezzijiet li l-utenti finali jħallsu għal ħafna prodotti u servizzi ta' kuljum li jiddependu fuq l-użu ta' reklamar online. Għalhekk l-obbligi ta' trasparenza jenħtieġ **li** jeżiġu li l-gwardjani jagħtu informazzjoni **mingħajr ħlas, effettiva, ta' kwalità għolja, kontinwa u f'lin reali** lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi, li lilhom jipprovdu servizzi ta' reklamar online, **meta tintalab din l-informazzjoni u sa fejn ikun possibbli, u** li permezz tagħha ż-żewġ naħat ikunu jistgħu jifhmu l-prezz imħallas għal kull wieħed mis-servizzi differenti ta' reklamar ipprovduti bħala parti mill-katina tal-valur rilevanti ta' reklamar **u d-disponibbiltà u l-viżibbiltà tar-reklamar.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 30

Proposta għal regolament

Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

- (44) L-utenti kummerċjali jistgħu wkoll jixtru servizzi ta' reklamar mingħand fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma bil-għan li jipprovdu oġġetti u servizzi lil utenti finali. F'dan il-każ, jista' jiġri li d-data ma tiġix iġġenerata fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma iżda tingħata lis-servizz ewlieni tal-pjattaforma mill-utent kummerċjali jew tiġi ġġenerata abbażi tal-operazzjonijiet tiegħu tramite s-servizz ewlieni tal-pjattaforma kkonċernat. F'ċerti każijiet, servizz ewlieni tal-pjattaforma li jipprovdi reklamar jista' jkollu rwol doppju, bħala intermedjarju u bħala fornitur ta' servizzi ta' reklamar. Għaldaqstant, l-obbligu li jipprojbixxi lil gwardjan bi rwol doppju milli juża data tal-utenti kummerċjali jenħtieġ japplika wkoll fir-rigward tad-data li servizz ewlieni tal-pjattaforma jkun irċieva mingħand negozji biex jiġu pprovduti servizzi ta' reklamar relatati ma' dak is-servizz ewlieni tal-pjattaforma.

Emenda

- (44) L-utenti kummerċjali jistgħu wkoll jixtru servizzi ta' reklamar mingħand fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma bil-għan li jipprovdu oġġetti u servizzi lil utenti finali. F'dan il-każ, jista' jiġri li d-data ma tiġix iġġenerata fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma iżda tingħata lis-servizz ewlieni tal-pjattaforma mill-utent kummerċjali jew tiġi ġġenerata abbażi tal-operazzjonijiet tiegħu tramite s-servizz ewlieni tal-pjattaforma kkonċernat. F'ċerti każijiet, servizz ewlieni tal-pjattaforma li jipprovdi reklamar jista' jkollu rwol doppju, bħala intermedjarju u bħala fornitur ta' servizzi ta' reklamar. Għaldaqstant, l-obbligu li jipprojbixxi lil gwardjan bi rwol doppju milli juża data tal-utenti kummerċjali jenħtieġ li japplika wkoll fir-rigward tad-data li servizz ewlieni tal-pjattaforma jkun irċieva mingħand negozji biex jiġu pprovduti servizzi ta' reklamar relatati ma' dak is-servizz ewlieni tal-pjattaforma. **Barra minn hekk, jenħtieġ li gwardjan joqgħod lura milli jiżvela kwalunkwe informazzjoni kummerċjalment sensittiva miksuba b'rabta ma' xi wieħed mis-servizzi tar-reklamar tiegħu lil kwalunkwe parti terza li tappartjeni għall-istess impriża u milli juża tali informazzjoni kummerċjalment sensittiva għal kwalunkwe skop ieħor għajr il-forniment tas-servizz ta' reklamar speċifiku sakemm dan ma jkunx meħtieġ għat-twettiq ta' tranżazzjoni kummerċjali.**

Emenda 31

Proposta għal regolament

Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni

- (46) Gwardjan jista' juża mezzi differenti biex jiffavorixxi s-servizzi jew il-prodotti tiegħu stess fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma tiegħu, għad-detriment tal-istess servizzi jew ta' servizzi simili li l-utenti finali jistgħu jiksbu tramite partijiet terzi. Dan jista' pereżempju jkun il-każ meta ċerti applikazzjonijiet tas-software jew servizzi jiġu installati minn qabel minn gwardjan. Biex l-utenti finali jkollhom għażla, il-gwardjani jenħtieġ ma jipprevjenux lill-utenti finali milli jneħħu kull applikazzjoni tas-software installata minn qabel fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma tagħhom u b'hekk jiffavorixxu l-applikazzjonijiet tas-software tagħhom stess.

Emenda

- (46) Gwardjan jista' juża mezzi differenti biex jiffavorixxi s-servizzi jew il-prodotti tiegħu stess fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma tiegħu, għad-detriment tal-istess servizzi jew ta' servizzi simili li l-utenti finali jistgħu jiksbu tramite partijiet terzi. Dan jista' pereżempju jkun il-każ meta ċerti applikazzjonijiet tas-software jew servizzi jiġu installati minn qabel minn gwardjan. Biex l-utenti finali jkollhom għażla, il-gwardjani jenħtieġ **li** ma jipprevjenux lill-utenti finali milli jneħħu kull applikazzjoni tas-software installata minn qabel fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma tagħhom u b'hekk jiffavorixxu l-applikazzjonijiet tas-software tagħhom stess. **Il-gwardjan jista' jirrestrinġi tali diżinstallazzjoni meta tali applikazzjonijiet ikunu essenzjali għall-funzjonament tas-sistema operatorja jew tal-apparat.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 32
Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

- (47) Ir-regoli li l-gwardjani jistabbilixxu għad-distribuzzjoni ta' applikazzjonijiet tas-software jistgħu f'ċerti ċirkostanzi jillimitaw l-abbiltà tal-utenti finali li jinstallaw u jużaw b'mod effettiv applikazzjonijiet tas-software ta' partijiet terzi jew ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software fuq sistemi operatorji jew hardware tal-gwardjan rilevanti, u jillimitaw l-abbiltà tal-utenti finali li jaċċessaw dawn l-applikazzjonijiet tas-software jew il-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software barra mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma ta' dak il-gwardjan. Dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jillimitaw l-abbiltà tal-iżviluppaturi ta' applikazzjonijiet tas-software li jużaw mezzi alternattivi tad-distribuzzjoni u l-abbiltà tal-utenti finali li jagħżlu bejn applikazzjonijiet differenti tas-software minn mezzi differenti tad-distribuzzjoni, u jenħtieġ jiġu pprojbiti għax inġusti u jistgħu jdgħajfu l-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma. Biex jiġi żgurat li applikazzjonijiet tas-software jew il-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software ta' partijiet terzi ma jipperikolawx l-integrità tal-hardware jew tas-sistema operatorja pprovduta mill-gwardjan, il-gwardjan ikkonċernat jista' jimplimenta miżuri tekniċi jew kuntrattwali proporzjonati biex jikseb dak il-għan jekk il-gwardjan juri li tali miżuri huma meħtieġa u ġustifikati u li ma hemmx mezzi inqas restrittivi biex titħares l-integrità tal-hardware jew tas-sistema operatorja.

Emenda

- (47) Ir-regoli li l-gwardjani jistabbilixxu għad-distribuzzjoni ta' applikazzjonijiet tas-software jistgħu f'ċerti ċirkostanzi jillimitaw l-abbiltà tal-utenti finali li jinstallaw u jużaw b'mod effettiv applikazzjonijiet tas-software ta' partijiet terzi jew ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software fuq sistemi operatorji jew hardware tal-gwardjan rilevanti, u jillimitaw l-abbiltà tal-utenti finali li jaċċessaw dawn l-applikazzjonijiet tas-software jew il-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software barra mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma ta' dak il-gwardjan. Dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jillimitaw l-abbiltà tal-iżviluppaturi ta' applikazzjonijiet tas-software li jużaw mezzi alternattivi tad-distribuzzjoni u l-abbiltà tal-utenti finali li jagħżlu bejn applikazzjonijiet differenti tas-software minn mezzi differenti tad-distribuzzjoni, u jenħtieġ jiġu pprojbiti għax inġusti u jistgħu jdgħajfu l-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma. **Biex tiġi żgurata l-kontestabbiltà, jenħtieġ li l-gwardjan jitlob lill-utent finali jiddeċiedi jekk iridx jiddefinixxi bħala prestabbiliti l-applikazzjoni mniżżla jew il-ħanut tal-applikazzjonijiet.** Biex jiġi żgurat li applikazzjonijiet tas-software jew il-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software ta' partijiet terzi ma jipperikolawx l-integrità tal-hardware jew tas-sistema operatorja pprovduta mill-gwardjan, il-gwardjan ikkonċernat jista' jimplimenta miżuri tekniċi jew kuntrattwali proporzjonati biex jikseb dak il-għan jekk il-gwardjan juri li tali miżuri huma meħtieġa u ġustifikati u li ma hemmx mezzi inqas restrittivi biex titħares l-integrità tal-hardware jew tas-sistema operatorja.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 33
Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni

(48) Il-gwardjani spiss ikunu integrati vertikalmnt u joffru ċerti prodotti jew servizzi lill-utenti finali tramite s-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħhom stess, jew tramite utent kummerċjali li jkollhom kontroll tiegħu u dan spiss iwassal għal kunflitti ta' interess. Dan jista' jinkludi s-sitwazzjoni meta gwardjan joffri s-servizzi ta' intermedjazzjoni online tiegħu tramite magna tat-tiftix online. Meta joffru dawk il-prodotti jew is-servizzi fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma, il-gwardjani jistgħu jirriżervaw pożizzjoni aħjar għall-offerta tagħhom stess, f'termini ta' klassifikazzjoni, meta mqabbla mal-prodotti ta' partijiet terzi li joperaw ukoll fuq dak is-servizz ewlieni tal-pjattaforma. Dan jista' jseħħ pereżempju bi prodotti jew servizzi, inkluż servizzi ewlenin oħra tal-pjattaforma, li jkunu kklassifikati fir-riżultati kkomunikati mill-magni tat-tiftix online, jew li jkunu inkorporati parzjalment jew kompletament fir-riżultati ta' magni tat-tiftix online, fi gruppi ta' riżultati speċjalizzati f'ċertu suġġett, murija flimkien mar-riżultati ta' magna tat-tiftix online, li jkunu kkunsidrati jew użati minn ċerti utenti finali bħala servizz distint mill-magna tat-tiftix online jew addizzjonali għaliha. Eżempji oħra huma l-applikazzjonijiet tas-software li jitqassmu mill-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, jew prodotti jew servizzi li jingħataw prominenza u jintwerew f'xi sezzjoni tal-aħbarijiet ta' network soċjali, jew prodotti jew servizzi kklassifikati fir-riżultati ta' tiftix jew li jintwerew f'post tas-suq online. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-gwardjan ikun f'pożizzjoni bi rwol doppju bħala intermedjarju għal fornituri terzi u bħala fornitur dirett ta' prodotti jew servizzi tal-gwardjan. Għaldaqstant, dawn il-gwardjani jkollhom l-abbiltà li jimminaw direttament il-kontestabbiltà ta' dawk il-prodotti jew servizzi fuq dawn is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma, għad-detriment tal-utenti kummerċjali li ma jkunux fil-kontroll tal-gwardjan.

Emenda

(48) Il-gwardjani spiss ikunu integrati vertikalmnt u joffru ċerti prodotti jew servizzi lill-utenti finali tramite s-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħhom stess, jew tramite utent kummerċjali li jkollhom kontroll tiegħu u dan spiss iwassal għal kunflitti ta' interess. Dan jista' jinkludi s-sitwazzjoni meta gwardjan joffri s-servizzi ta' intermedjazzjoni online tiegħu tramite magna tat-tiftix online. Meta joffru dawk il-prodotti jew is-servizzi fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma, il-gwardjani jistgħu jirriżervaw pożizzjoni aħjar għall-offerta tagħhom stess, f'termini ta' klassifikazzjoni, meta mqabbla mal-prodotti ta' partijiet terzi li joperaw ukoll fuq dak is-servizz ewlieni tal-pjattaforma. Dan jista' jseħħ pereżempju bi prodotti jew servizzi, inkluż servizzi ewlenin oħra tal-pjattaforma, li jkunu kklassifikati fir-riżultati kkomunikati mill-magni tat-tiftix online, jew li jkunu inkorporati parzjalment jew kompletament fir-riżultati ta' magni tat-tiftix online, fi gruppi ta' riżultati speċjalizzati f'ċertu suġġett, murija flimkien mar-riżultati ta' magna tat-tiftix online, li jkunu kkunsidrati jew użati minn ċerti utenti finali bħala servizz distint mill-magna tat-tiftix online jew addizzjonali għaliha. **Tali turija preferenzjali jew inkorporata ta' servizz tal-intermedjazzjoni online separat jenħtieġ li tikkostitwixxi trattament favorevoli irrispettivament minn jekk l-informazzjoni jew ir-riżultati fil-gruppi preferuti ta' riżultati speċjalizzati jistgħux jingħataw ukoll minn servizzi kompetituri u humiex, bħala tali, ikklassifikati b'mod nondiskriminatorju.** Eżempji oħra huma l-applikazzjonijiet tas-software li jitqassmu mill-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software, jew prodotti jew servizzi li jingħataw prominenza u jintwerew f'xi sezzjoni tal-aħbarijiet ta' network soċjali, jew prodotti jew servizzi kklassifikati fir-riżultati ta' tiftix jew li jintwerew f'post tas-suq online. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-gwardjan ikun f'pożizzjoni bi rwol doppju bħala intermedjarju għal fornituri terzi u bħala fornitur dirett ta' prodotti jew servizzi tal-gwardjan, **li jwassal għal kunflitti ta' interess.** Għaldaqstant, dawn il-gwardjani jkollhom l-abbiltà li jimminaw direttament il-kontestabbiltà ta' dawk il-prodotti jew servizzi fuq dawn is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma, għad-detriment tal-utenti kummerċjali li ma jkunux fil-kontroll tal-gwardjan.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 34
Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni

(49) F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-gwardjan jenħtieġ ma jinvolvi ruħu fl-ebda forma ta' trattament divrenzjat jew preferenzjali fil-klassifikazzjoni fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma, sew b'mezzi legali, kummerċjali jew tekniċi, favur prodotti jew servizzi li joffri hu stess jew tramite utent kummerċjali li jkollu kontroll tiegħu. Biex jiġi żgurat li dan l-obbligu jkun effettiv, jenħtieġ jiġi żgurat ukoll li anki l-kundizzjonijiet applikabbli għal din il-klassifikazzjoni jkunu ġeneralment ġusti. F'dan il-kuntest, il-klassifikazzjoni jenħtieġ tkopri l-forom kollha ta' prominenza relattiva, inkluż it-turija, il-klassifikazzjoni, il-konnessjoni jew ir-riżultati tal-vuċi. Biex jiġi żgurat li dan l-obbligu jkun effettiv u ma jkunx jista' jiġi evitat, dan jenħtieġ japplika wkoll għal kull miżura li jista' jkollha effett ekwivalenti għat-trattament divrenzjat jew preferenzjali fil-klassifikazzjoni. Il-linji gwida adottati skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/1150 jenħtieġ jiffaċilitaw ukoll l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan l-obbligu ⁽³⁴⁾.

⁽³⁴⁾ Avviż tal-Kummissjoni: Linji gwida dwar it-trasparenza tal-ikklassifikar skont ir-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 424, 8.12.2020, p. 1).

Emenda

(49) F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-gwardjan jenħtieġ ma jinvolvi ruħu fl-ebda forma ta' trattament divrenzjat jew preferenzjali fil-klassifikazzjoni fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma, sew b'mezzi legali, kummerċjali jew tekniċi, favur prodotti jew servizzi li joffri hu stess jew tramite utent kummerċjali li jkollu kontroll tiegħu. Biex jiġi żgurat li dan l-obbligu jkun effettiv, jenħtieġ jiġi żgurat ukoll li anki l-kundizzjonijiet applikabbli għal din il-klassifikazzjoni jkunu ġeneralment ġusti. F'dan il-kuntest, il-klassifikazzjoni jenħtieġ tkopri l-forom kollha ta' prominenza relattiva, inkluż it-turija, il-klassifikazzjoni, il-konnessjoni jew ir-riżultati tal-vuċi. Biex jiġi żgurat li dan l-obbligu jkun effettiv u ma jkunx jista' jiġi evitat, dan jenħtieġ japplika wkoll għal kull miżura li jista' jkollha effett ekwivalenti għat-trattament divrenzjat jew preferenzjali fil-klassifikazzjoni. **Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess, il-gwardjani jenħtieġ li jkunu mitluba jittrattaw il-prodotti jew is-servizzi tagħhom stess bħala entità kummerċjali separata u kummerċjalment vijabbli bħala servizz awtonomu.** Il-linji gwida adottati skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/1150 jenħtieġ jiffaċilitaw ukoll l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan l-obbligu ⁽³⁴⁾.

⁽³⁴⁾ Avviż tal-Kummissjoni: Linji gwida dwar it-trasparenza tal-ikklassifikar skont ir-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 424, 8.12.2020, p. 1).

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 35
Proposta għal regolament
Premessa 52a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(52a) In-nuqqas ta' karatteristiċi ta' interkonnessioni fost is-servizzi tal-gwardjani jista' jaffettwa b'mod sostanzjali l-għażla tal-utenti u l-kapaċità li jaqilbu minħabba l-inabbiltà tal-utenti finali li jibni mill-ġdid il-konnessjonijiet u n-networks soċjali pprovduti mill-gwardjan anki jekk ikun hemm possibbiltà ta' multi-homing. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkun permess li kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' pjattaforma ewlenija ekwivalenti jinterkonnettja mal-gwardjani tas-servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti jew mas-servizzi tan-network soċjali fuq talba tiegħu u mingħajr ħlas. L-interkonnessioni jenħtieġ li tiġi pprovduta bl-istess kundizzjonijiet u kwalità disponibbli jew użati mill-gwardjan, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà u protezzjoni tad-data personali. Fil-każ partikolari ta' servizzi ta' interkomunikazzjoni dipendenti min-numri, ir-rekwiżiti tal-interkonnessioni jenħtieġ li jfissru li fornituri terzi jingħataw il-possibbiltà li jitolbu aċċess u interkonnessioni għal karatteristiċi bħal test, vidjo, vuċi u stampa, kif ukoll aċċess u interkonnessioni fir-rigward ta' karatteristiċi bażiċi bħal posts, likes u kummenti għal servizzi ta' networking soċjali. Kwalunkwe miżura ta' interkonnessioni ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri jenħtieġ li tiġi imposta skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 61 tiegħu. Madankollu, jenħtieġ li jkun preżunt li l-fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri li jkunu ġew iddeżinjati bħala gwardjani, jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiskattaw il-proċeduri, jiġifieri jilhqqu livell sinifikanti ta' koperatura u użu mill-utenti, u għalhekk jenħtieġ li jkunu previsti rekwiżiti minimi applikabbli f'termini ta' interoperabbiltà.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 36
Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni

- (53) Il-kundizzjonijiet li skonthom il-gwardjani jipprovdu servizzi ta' reklamar online lill-utenti kummerċjali, inkluż lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi, spiss ma jkunux trasparenti u ċari. Dan spiss iwassal għal nuqqas ta' informazzjoni lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi dwar l-effett ta' reklam partikolari. Biex ikomplu jittejbu l-ġustizzja, it-trasparenza u l-kontestabbiltà tas-servizzi ta' reklamar online iddeżinjati skont dan ir-Regolament, u dawk integrati għalkollox ma' servizzi ewlenin oħra tal-pjattaforma tal-istess fornitur, il-gwardjani ddeżinjati jenħtieġ jipprovdu ***aċċess mingħajr ħlas*** lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi, ***meta jintalbu***, għall-għodod tal-kejl tal-prestazzjoni tal-gwardjan u l-informazzjoni meħtieġa ***għalir-reklamaturi***, għall-aġenziji tar-reklamar li jaġixxu fisem kumpanija li tqiegħed ir-reklamar, u għall-pubblikaturi biex iwettqu l-verifika indipendenti tagħhom stess tal-forniment tas-servizzi ta' reklamar online rilevanti.

Emenda

- (53) Il-kundizzjonijiet li skonthom il-gwardjani jipprovdu servizzi ta' reklamar online lill-utenti kummerċjali, inkluż lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi, spiss ma jkunux trasparenti u ċari. Dan spiss iwassal għal nuqqas ta' informazzjoni lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi dwar l-effett ta' reklam partikolari. Biex ikomplu jittejbu l-ġustizzja, it-trasparenza u l-kontestabbiltà tas-servizzi ta' reklamar online iddeżinjati skont dan ir-Regolament, u dawk integrati għalkollox ma' servizzi ewlenin oħra tal-pjattaforma tal-istess fornitur, il-gwardjani ddeżinjati jenħtieġ jipprovdu lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi ***divulgazzjoni sħiħa u trasparenza f'termini ta' parametri u data użati għat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-eżekuzzjoni u l-kejl tas-servizzi ta' intermedjazzjoni. Jenħtieġ li gwardjan jipprovdi wkoll, fuq talba, aċċess mingħajr ħlas*** għall-għodod tal-kejl tal-prestazzjoni tal-gwardjan u l-informazzjoni meħtieġa ***għar-reklamaturi***, għall-aġenziji tar-reklamar li jaġixxu fisem kumpanija li tqiegħed ir-reklamar, u għall-pubblikaturi biex iwettqu l-verifika indipendenti tagħhom stess tal-forniment tas-servizzi ta' reklamar online rilevanti.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 37
Proposta għal regolament
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(57) B'mod partikolari, il-gwardjani li jipprovdu aċċess għal **ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software iservu** bħala gateway importanti għall-utenti kummerċjali li jipprovaw jilhqg lill-utenti finali. Fid-dawl tal-iżbilanċ fis-saħħa tan-negozjar bejn dawk il-gwardjani u l-utenti kummerċjali **tal-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software** tagħhom, dawk il-gwardjani jenħtieġ ma jitħallewx jimponu kundizzjonijiet ġenerali, inkluż kundizzjonijiet tal-ipprezzar, li jkunu inġusti jew li jwasslu għal divrenzjar mhux iġġustifikat. Il-kundizzjonijiet tal-ipprezzar jew kundizzjonijiet ġenerali oħra tal-aċċess jenħtieġ jitqiesu inġusti jekk ikunu jwasslu għal żbilanċ fid-drittijiet u l-obbligi imposti fuq l-utenti kummerċjali, jew ikunu jagħtu vantaġġ lill-gwardjan li jkun sproporzjonat għas-servizz ipprovdut mill-gwardjan lill-utenti kummerċjali, jew ikunu jwasslu għal żvantaġġ għall-utenti kummerċjali meta jipprovdu l-istess servizzi jew servizzi simili għall-gwardjan. Il-punti ta' riferiment li ġejjin jistgħu jservu bħala kejl biex tiġi ddeterminata l-ġustizzja tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-aċċess: il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti għall-istess servizzi jew għal servizzi simili minn fornituri oħra ta' **ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software**; il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti mill-fornitur tal-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software għal servizzi differenti relatati jew simili jew lil tipi differenti ta' utenti finali; il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti mill-fornitur tal-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software għall-istess servizz freġjuni ġeografiċi differenti; il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti mill-fornitur ta' ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software għall-istess servizz li l-gwardjan joffri lill-utenti. Dan l-obbligu jenħtieġ ma jstabbilixxix dritt ta' aċċess u jenħtieġ ikun mingħajr preġudizzju għall-abbiltà tal-fornituri ta' **ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software** li jieħdu r-responsabbiltà meħtieġa fil-ġlieda kontra kontenut illegali u mhux mixtieq kif stabbilit fir-Regolament [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali].

(57) Il-gwardjani li jipprovdu aċċess għal **servizzi ewlenin tal-pjattaforma jservu** bħala gateway importanti għall-utenti kummerċjali li jipprovaw jilhqg lill-utenti finali. Fid-dawl tal-iżbilanċ fis-saħħa tan-negozjar bejn dawk il-gwardjani u l-utenti kummerċjali **tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma** tagħhom, dawk il-gwardjani jenħtieġ li ma jitħallewx jimponu kundizzjonijiet ġenerali, inkluż kundizzjonijiet tal-ipprezzar, li jkunu inġusti jew li jwasslu għal divrenzjar mhux iġġustifikat. Il-kundizzjonijiet tal-ipprezzar jew kundizzjonijiet ġenerali oħra tal-aċċess jenħtieġ jitqiesu inġusti jekk ikunu jwasslu għal żbilanċ fid-drittijiet u l-obbligi imposti fuq l-utenti kummerċjali, jew ikunu jagħtu vantaġġ lill-gwardjan li jkun sproporzjonat għas-servizz ipprovdut mill-gwardjan lill-utenti kummerċjali, jew ikunu jwasslu għal żvantaġġ għall-utenti kummerċjali meta jipprovdu l-istess servizzi jew servizzi simili għall-gwardjan. Il-punti ta' riferiment li ġejjin jistgħu jservu bħala kejl biex tiġi ddeterminata l-ġustizzja tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-aċċess: il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti għall-istess servizzi jew għal servizzi simili minn fornituri oħra ta' **servizzi ewlenin tal-pjattaforma**; il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti mill-fornitur tal-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software għal servizzi differenti relatati jew simili jew lil tipi differenti ta' utenti finali; il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti mill-fornitur tal-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software għall-istess servizz freġjuni ġeografiċi differenti; il-prezzijiet mitluba jew il-kundizzjonijiet imposti mill-fornitur ta' ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software għall-istess servizz li l-gwardjan joffri lill-utenti. Dan l-obbligu jenħtieġ li ma jstabbilixxix dritt ta' aċċess u jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-abbiltà tal-fornituri ta' **servizzi ewlenin tal-pjattaforma** li jieħdu r-responsabbiltà meħtieġa fil-ġlieda kontra kontenut illegali u mhux mixtieq kif stabbilit fir-Regolament [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali].

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 38
Proposta għal regolament
Premessa 57a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (57a) *L-implimentazzjoni tal-obbligi tal-gwardjani relatati mal-aċċess, l-installazzjoni, il-portabbiltà jew l-interoperabbiltà tista' tiġi ffaċilitata bl-użu ta' standards tekniċi. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni jenħtieġ li tidentifika standards tekniċi tal-ICT adegwati u użati komunement mill-organizzazzjonijiet tal-istandards kif previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 jew, fejn xieraq, titlob lill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni jiżviluppawhom.*

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 39
Proposta għal regolament
Premessa 58

Test propost mill-Kummissjoni

(58) Biex tiġi żgurata l-effettività tal-obbligi stabbiliti b'dan ir-Regolament, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li dawn l-obbligi jkunu limitati għal dak meħtieġ biex jiġu żgurati l-kontestabbiltà u l-indirizzar tal-effetti dannużi tal-imġiba inġusta mill-gwardjani, hu importanti li l-obbligi jiġu definiti u ċirkoskritti b'mod ċar biex il-gwardjan ikun jista' jikkonforma magħhom minnufih, b'rispett sħiħ tar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, għall-protezzjoni tal-konsumatur, iċ-ċibersigurtà u s-sikurezza tal-prodotti. Il-gwardjani jenħtieġ jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament mid-disinn. Għalhekk, il-miżuri meħtieġa jenħtieġ li, kemm jista' jkun possibbli u meta rilevanti, ikunu integrati fid-disinn teknoloġiku użat mill-gwardjani. Iżda xi drabi jista' jkun xieraq li l-Kummissjoni, wara djalogu mal-gwardjan ikkonċernat, tispeċifika aktar uħud mill-miżuri li l-gwardjan ikkonċernat jenħtieġ jadotta biex jikkonforma b'mod effettiv ma' dawk l-obbligi li huma suxxettibbli li jiġu speċifikati aktar. Din il-possibbiltà ta' djalogu regolatorju jenħtieġ tiffaċilita l-konformità mill-gwardjani u tħaffef l-implimentazzjoni korretta tar-Regolament.

Emenda

(58) **L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jiġi żgurat li s-settur diġitali jibqa' ġust u kontestabbli sabiex titrawwem l-innovazzjoni, tiġi promossa kwalità għolja tal-prodotti u tas-servizzi diġitali u jiġu promossi prezzijiet ġusti u kompetittivi, kif ukoll kwalità għolja u għażla wiesgħa għall-utenti finali tas-settur diġitali.** Biex tiġi żgurata l-effettività tal-obbligi stabbiliti b'dan ir-Regolament, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li dawn l-obbligi jkunu limitati għal dak meħtieġ biex jiġu żgurati l-kontestabbiltà u l-indirizzar tal-effetti dannużi tal-imġiba inġusta mill-gwardjani, hu importanti li l-obbligi jiġu definiti u ċirkoskritti b'mod ċar biex il-gwardjan ikun jista' jikkonforma magħhom minnufih, b'rispett sħiħ tar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, għall-protezzjoni tal-konsumatur, iċ-ċibersigurtà u s-sikurezza tal-prodotti, **kif ukoll mal-obbligi relatati mal-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità skont id-Direttiva (UE) 2019/882.** Il-gwardjani jenħtieġ jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament mid-disinn. Għalhekk, il-miżuri meħtieġa jenħtieġ li, kemm jista' jkun possibbli u meta rilevanti, ikunu integrati fid-disinn teknoloġiku użat mill-gwardjani. Iżda xi drabi jista' jkun xieraq li l-Kummissjoni, wara djalogu mal-gwardjan ikkonċernat, **u, fejn xieraq, wara konsultazzjoni ma' partijiet terzi interessati,** tispeċifika aktar, **f'deċiżjoni,** uħud mill-miżuri li l-gwardjan ikkonċernat jenħtieġ li jadotta biex jikkonforma b'mod effettiv ma' dawk l-obbligi li huma suxxettibbli li jiġu speċifikati aktar. Din il-possibbiltà ta' djalogu regolatorju jenħtieġ tiffaċilita l-konformità mill-gwardjani u tħaffef l-implimentazzjoni korretta tar-Regolament.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 40
Proposta għal regolament
Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni

- (59) Bħala element addizzjonali biex tiġi żgurata l-proporzjonalità, il-gwardjani jenħtieġ jingħataw l-opportunità li jitolbu s-sospensjoni, sa fejn ikun meħtieġ, ta' obbligu speċifiku f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jkunu lil hinn mill-kontroll tal-gwardjan, bħal pereżempju, f'każ ta' xokk estern mhux previst li jelimina temporanjament parti sinifikanti mid-domanda tal-utent finali għas-servizz ewlieni tal-pjattaforma rilevanti, meta l-gwardjan juri li l-konformità ma' obbligu speċifiku tipperikola l-vijabbiltà ekonomika tal-operazzjonijiet tal-Unjoni tal-gwardjan ikkonċernat.

Emenda

- (59) Bħala element addizzjonali biex tiġi żgurata l-proporzjonalità, il-gwardjani jenħtieġ jingħataw l-opportunità li jitolbu s-sospensjoni, sa fejn ikun meħtieġ, ta' obbligu speċifiku f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jkunu lil hinn mill-kontroll tal-gwardjan, bħal pereżempju, f'każ ta' xokk estern mhux previst li jelimina temporanjament parti sinifikanti mid-domanda tal-utent finali għas-servizz ewlieni tal-pjattaforma rilevanti, meta l-gwardjan juri li l-konformità ma' obbligu speċifiku tipperikola l-vijabbiltà ekonomika tal-operazzjonijiet tal-Unjoni tal-gwardjan ikkonċernat. ***Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiddikjara r-raġunijiet għall-għoti tas-sospensjoni u tirrieżaminaha fuq bażi regolari biex tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti tagħha jkunux għadhom vijabbli jew le.***

Emenda 41
Proposta għal regolament
Premessa 60

Test propost mill-Kummissjoni

- (60) F'ċirkostanzi eċċezzjonali ġustifikati minħabba raġunijiet limitati ta' moralità pubblika, saħħa pubblika jew sigurtà pubblika, il-Kummissjoni jenħtieġ tkun tista' tiddeċiedi li l-obbligu kkonċernat ma japplikax għal servizz ewlieni speċifiku tal-pjattaforma. L-affett fuq dawn l-interessi pubbliċi jista' jindika li l-kost tal-infurzar ta' ċertu obbligu għas-soċjetà kollha kemm hi, f'ċertu każ eċċezzjonali, ikun kbir wisq u b'hekk ikun sproporzjonat. Id-djalogu regolatorju li jiffaċilita l-konformità, flimkien mal-possibiltajiet limitati ta' sospensjoni u eżenzjoni jenħtieġ jiżguraw il-proporzjonalità tal-obbligi f'dan ir-Regolament mingħajr ma jimminaw l-effetti *ex ante* intenzjonati fuq il-ġustizzja u l-kontestabbiltà.

Emenda

- (60) F'ċirkostanzi eċċezzjonali ġustifikati minħabba raġunijiet limitati ta' moralità pubblika, saħħa pubblika jew sigurtà pubblika, il-Kummissjoni jenħtieġ tkun tista' tiddeċiedi li l-obbligu kkonċernat ma japplikax għal servizz ewlieni speċifiku tal-pjattaforma. L-affett fuq dawn l-interessi pubbliċi jista' jindika li l-kost tal-infurzar ta' ċertu obbligu għas-soċjetà kollha kemm hi, f'ċertu każ eċċezzjonali, ikun kbir wisq u b'hekk ikun sproporzjonat. Id-djalogu regolatorju li jiffaċilita l-konformità, flimkien mal-possibiltajiet limitati ***u debitament ġustifikati*** ta' sospensjoni u eżenzjoni jenħtieġ jiżguraw il-proporzjonalità tal-obbligi f'dan ir-Regolament mingħajr ma jimminaw l-effetti *ex ante* intenzjonati fuq il-ġustizzja u l-kontestabbiltà. ***Meta tingħata eżenzjoni bħal din, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina d-deċiżjoni tagħha kull sena.***

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 42
Proposta għal regolament
Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni

- (61) L-interessi tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza tal-utenti finali huma rilevanti għal kull valutazzjoni tal-effetti negattivi potenzjali tal-prattika osservata tal-gwardjani li jiġbru u jakkumulaw ammonti kbar ta' data mingħand l-utenti finali. Jekk jiġi żgurat livell xieraq ta' trasparenza fil-prattiki tat-tfassil tal-profilu użati mill-gwardjani, tiġi ffaċilitata l-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma, billi titqiegħed pressjoni esterna fuq il-gwardjani ħalli jevitaw li jfasslu profili profondi dwar il-konsumatur bħala standard tal-industrija, peress li l-parteċipanti ġodda jew il-fornituri li jkunu għadhom jibdedu ma jistgħux jaċċessaw id-data bl-istess mod u profondità, u fuq skala simili. Jenħtieġ li bi trasparenza mtejbja, fornituri oħra ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jkunu jistgħu jiddivrenzjaw lilhom infushom aħjar bl-użu ta' faċilitajiet superjuri li jiżguraw il-privatezza. Biex jiġi żgurat livell minimu ta' effettività ta' dan l-obbligu ta' trasparenza, il-gwardjani jenħtieġ jipprovdu tal-inqas deskrizzjoni tal-bażi li fuqha jsir it-tfassil tal-profilu, inkluż jekk tkunx qed tintuża data personali u data li tkun ġejja mill-attività tal-utent, l-ipproċessar applikat, l-għan li għalih jiġi ppreparat u eventwalment użat il-profil, l-impatt ta' dan it-tfassil tal-profilu fuq is-servizzi tal-gwardjan, u l-passi meħuda biex l-utenti finali jkunu konxji tal-użu rilevanti ta' dan it-tfassil tal-profilu, kif ukoll biex jitolbu l-kunsens tagħhom.

Emenda

- (61) L-interessi tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza tal-utenti finali huma rilevanti għal kull valutazzjoni tal-effetti negattivi potenzjali tal-prattika osservata tal-gwardjani li jiġbru u jakkumulaw ammonti kbar ta' data mingħand l-utenti finali. Jekk jiġi żgurat livell xieraq ta' trasparenza fil-prattiki tat-tfassil tal-profilu użati mill-gwardjani, tiġi ffaċilitata l-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma, billi titqiegħed pressjoni esterna fuq il-gwardjani ħalli jevitaw li jfasslu profili profondi dwar il-konsumatur bħala standard tal-industrija, peress li l-parteċipanti ġodda jew il-fornituri li jkunu għadhom jibdedu ma jistgħux jaċċessaw id-data bl-istess mod u profondità, u fuq skala simili. Jenħtieġ li bi trasparenza mtejbja, fornituri oħra ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jkunu jistgħu jiddivrenzjaw lilhom infushom aħjar bl-użu ta' faċilitajiet superjuri li jiżguraw il-privatezza. Biex jiġi żgurat livell minimu ta' effettività ta' dan l-obbligu ta' trasparenza, il-gwardjani jenħtieġ jipprovdu tal-inqas deskrizzjoni tal-bażi li fuqha jsir it-tfassil tal-profilu, inkluż jekk tkunx qed tintuża data personali u data li tkun ġejja mill-attività tal-utent, l-ipproċessar applikat, l-għan li għalih jiġi ppreparat u eventwalment użat il-profil, l-impatt ta' dan it-tfassil tal-profilu fuq is-servizzi tal-gwardjan, u l-passi meħuda biex l-utenti finali jkunu konxji tal-użu rilevanti ta' dan it-tfassil tal-profilu, kif ukoll biex jitolbu l-kunsens tagħhom. **L-għarfien espert tal-awtoritajiet tal-ħarsien tal-konsumatur, bħala membri tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Regolaturi Diġitali, jenħtieġ li jitqies b'mod speċjali għall-valutazzjoni tat-tekniki ta' tfassil tal-profilu tal-konsumaturi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, is-soċjetà ċivili u l-esperti, tiżviluppa l-istandards u l-proċess tal-awditu.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 43
Proposta għal regolament
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni

- (62) Biex tiġi żgurata l-kisba sħiħa u dejjiema tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ tkun tista' tivvaluta jekk fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jenħtieġx jiġi ddeżinjat bħala gwardjan mingħajr ma jilħaq il-limiti kwantitattivi stabbiliti f'dan ir-Regolament; jekk in-nonkonformità sistematika minn gwardjan teżiġix l-impożizzjoni ta' rimedji addizzjonali; **u** jekk il-lista tal-obbligi li jindirizzaw il-prattiki inġusti tal-gwardjani jenħtieġx tiġi riveduta u jekk **jenħtieġx** jiġu **identifikati** Prattiki addizzjonali li jkunu inġusti b'mod simili u li jillimitaw il-kontestabbiltà tas-swieq diġitali. Din il-valutazzjoni jenħtieġ tissejjes fuq investigazzjonijiet tas-suq li jridu **jsiru** f'perjodu xieraq ta' żmien, bl-użu ta' proċeduri u skadenzi **ċari**, biex jiġi appoġġat l-effett *ex ante* ta' dan ir-Regolament fuq il-kontestabbiltà u l-ġustizzja fis-settur diġitali, u biex jingħata l-grad meħtieġ ta' ċertezza legali.

Emenda

- (62) Biex tiġi żgurata l-kisba sħiħa u dejjiema tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ tkun tista' tivvaluta jekk fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jenħtieġx jiġi ddeżinjat bħala gwardjan mingħajr ma jilħaq il-limiti kwantitattivi stabbiliti f'dan ir-Regolament; jekk in-nonkonformità sistematika minn gwardjan teżiġix l-impożizzjoni ta' rimedji addizzjonali; jekk il-lista tal-obbligi li jindirizzaw il-prattiki inġusti tal-gwardjani jenħtieġx **li** tiġi riveduta; u jekk **ikunx hemm bżonn** jiġu **investigati** Prattiki addizzjonali li jkunu inġusti b'mod simili u li jillimitaw il-kontestabbiltà tas-swieq diġitali. Din il-valutazzjoni jenħtieġ tissejjes fuq investigazzjonijiet tas-suq li jridu **jitwettqu** f'perjodu xieraq ta' żmien, bl-użu ta' proċeduri **ċari** u skadenzi **vinkolanti**, biex jiġi appoġġat l-effett *ex ante* ta' dan ir-Regolament fuq il-kontestabbiltà u l-ġustizzja fis-settur diġitali, u biex jingħata l-grad meħtieġ ta' ċertezza legali.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 44
Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni

(64) Il-Kummissjoni jenħtieġ tinvestiga u tivvaluta jekk humiex ġustifikati rimedji komportamentali jew, meta xieraq, strutturali addizzjonali biex jiġi żgurat li l-gwardjan ma jkunx jista' jfixkel l-oġettivi ta' dan ir-Regolament **minħabba nonkonformità sistematika ma'** obbligu wieħed jew aktar stabbiliti f'dan ir-Regolament, **li kompliet issaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu ta' gwardjan. Dan ikun il-każ meta d-daqs tal-gwardjan fis-suq intern kompli jżdied, id-dipendenza ekonomika tal-utenti kummerċjali u tal-utenti finali fuq is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan kompliet tissaħħaħ hekk kif in-numru tagħhom kompli jżdied u l-gwardjan igawdi minn żieda fl-istabbiliment tal-pożizzjoni tiegħu.** Għaldaqstant, f'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni jenħtieġ ikollha s-setgħa li timponi rimedju, sew komportamentali jew strutturali, **filwaqt li tqis kif xieraq il-prinċipju tal-proporzjonalità.** Rimedji strutturali, **bħal separazzjoni legali, funzjonali jew strutturali, inkluż iċ-ċessjoni ta' negozju, jew ta' partijiet minnu, jenħtieġ jiġu imposti biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju komportamentali effettiv ugwalmart jew meta kull rimedju komportamentali effettiv ugwalmart ikun piż akbar għall-impriża kkonċernata mir-rimedju strutturali.** Bidliet fl-istruttura ta' impriża kif kienet teżisti qabel ma ġiet stabbilita n-nonkonformità sistematika jkun proporzjonati biss meta jkun hemm riskju sostanzjali li din in-nonkonformità sistematika tirriżulta mill-istruttura stess tal-impriża kkonċernata.

Emenda

(64) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinvestiga u tivvaluta jekk humiex ġustifikati rimedji komportamentali jew, meta xieraq, strutturali addizzjonali biex jiġi żgurat li l-gwardjan ma jkunx jista' jfixkel l-oġettivi ta' dan ir-Regolament **billi jonqos sistematikament milli josserva** obbligu wieħed jew aktar stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għaldaqstant, f'dawn il-każijiet **ta' nonkonformità sistematika**, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha s-setgħa li timponi **kwalunkwe** rimedju, sew komportamentali jew strutturali, **li jkun meħtieġ biex tiġi żgurata konformità effettiva ma' dan ir-Regolament.** Il-Kummissjoni tista' **tipprobjixxi lill-gwardjani milli jinvolvu ruħhom f'akkwiżizzjonijiet (inklużi "akkwiżizzjonijiet predatorji") fl-oqsma rilevanti għal dan ir-Regolament bħal dawk diġitali jew għall-użu ta' setturi relatati mad-data eż. loġhob tal-azzard, istituti ta' riċerka, oġġetti tal-konsumatur, apparat tal-fitness, servizzi finanzjarji ta' traċċar sanitarju, u għal perjodu limitat ta' żmien fejn dan ikun neċessarju u proporzjonat mal-ħsara mhux dovuta kkawżata minn ksur ripetut jew biex tiġi evitata aktar ħsara għall-kontestabbiltà u l-ġustizzja tas-suq intern.** Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra elementi differenti, **bħall-effetti probabbli tan-network, il-konsolidazzjoni tad-data, u l-effetti possibbli fit-tul jew jekk u meta l-akkwiżizzjoni ta' miri b'riżorsi speċifiċi tad-data tista' tpoġġi b'mod sinifikanti f'periklu l-kontestabbiltà u l-kompetittività tas-swieq permezz ta' effetti orizzontali, vertikali jew ta' konglomerat.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 45
Proposta għal regolament
Premessa 65a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(65a) Miżuri interim jistgħu jkunu għodda importanti biex jiġi żgurat li, waqt li tkun għaddejjja investigazzjoni, il-ksur li jkun qed jiġi investigat ma jwassalx għal dannu serju u immedjat għall-utenti kummerċjali jew għall-utenti finali tal-gwardjani. F'każ ta' urġenza, meta jkun jista' jirriżulta riskju ta' dannu serju u immedjat għall-utenti kummerċjali jew għall-utenti finali tal-gwardjani minn prattiki ġodda bil-possibbiltà li tiġi mminata l-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li timponi miżuri interim billi temporanjament timponi obbligi fuq il-gwardjan ikkonċernat. Tali miżuri interim jenħtieġ li jkunu limitati għal dak li huwa neċessarju u ġustifikat. Dawn jenħtieġ li japplikaw sakemm tiġi konkluża l-investigazzjoni tas-suq u tittieħed id-deċiżjoni finali korrispondenti tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 17.

Emenda 46
Proposta għal regolament
Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(67) Meta, waqt proċediment dwar nonkonformità jew investigazzjoni dwar nonkonformità sistemika, gwardjan joffri impenji lill-Kummissjoni, din tal-aħħar jenħtieġ tkun tista' tadotta deċiżjoni li permezz tagħha dawn l-impenji jsiru vinkolanti għall-gwardjan ikkonċernat, meta tagħraf li l-impenji jkunu jiżguraw konformità effettiva mal-obbligi ta' dan ir-Regolament. Din id-deċiżjoni jenħtieġ tagħraf ukoll li ma jkun għad hemm l-ebda raġuni għal azzjoni mill-Kummissjoni.

imħassar

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 47
Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni

(70) Il-Kummissjoni jenħtieġ tkun tista' titlob direttament lil impriżi jew lil assoċjazzjoni ta' impriżi biex jipprovdu kwalunkwe evidenza, data u informazzjoni rilevanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti mingħand kwalunkwe awtorità pubblika, korp jew aġenzija fl-Istat Membru, jew mingħand kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Meta jikkonformaw ma' deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-impriżi huma obbligati jwieġbu mistoqsijiet fattwali u jipprovdu dokumenti.

Emenda

(70) Il-Kummissjoni jenħtieġ tkun tista' titlob direttament lil impriżi jew lil assoċjazzjoni ta' impriżi biex jipprovdu kwalunkwe evidenza, data u informazzjoni rilevanti. **Il-limiti ta' żmien stabbiliti mill-Kummissjoni biex tintalab informazzjoni jenħtieġ li jirrispettaw id-daqs u l-kapaċitajiet ta' impriża jew ta' assoċjazzjoni ta' impriżi.** Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti mingħand kwalunkwe awtorità pubblika, korp jew aġenzija fl-Istat Membru, jew mingħand kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Meta jikkonformaw ma' deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-impriżi huma obbligati jwieġbu mistoqsijiet fattwali u jipprovdu dokumenti.

Emenda 48
Proposta għal regolament
Premessa 75

Test propost mill-Kummissjoni

(75) Fil-kuntest tal-proċedimenti mwettqa skont dan ir-Regolament, l-impriżi kkonċernati jenħtieġ jingħataw id-dritt ta' smiġħ mill-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet meħuda jenħtieġ jiġu ppubbliċizzati b'mod wiesa'. Filwaqt li jiġu żgurati d-drittijiet għal amministrazzjoni tajba u d-drittijiet ta' difiża tal-impriżi kkonċernati, b'mod partikolari, id-dritt ta' aċċess għall-fajl u d-dritt ta' smiġħ, hu essenzjali li l-informazzjoni kunfidenzjali tiġi protetta. Barra minn hekk, filwaqt li tirrispetta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ tiżgura li kull informazzjoni li użat għall-fini tad-deċiżjoni, tiġi żvelata sal-punt li jippermetti lid-destinatarju tad-deċiżjoni jifhem il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet li jkunu wasslu għad-deċiżjoni. Fl-aħħar nett, f'ċerti kundizzjonijiet, ċerti rekords kummerċjali, bħall-komunikazzjoni bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom, jistgħu jitqiesu kunfidenzjali jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti.

Emenda

(75) Fil-kuntest tal-proċedimenti mwettqa skont dan ir-Regolament, l-impriżi kkonċernati jenħtieġ jingħataw id-dritt ta' smiġħ mill-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet meħuda jenħtieġ jiġu ppubbliċizzati b'mod wiesa'. Filwaqt li jiġu żgurati d-drittijiet għal amministrazzjoni tajba u d-drittijiet ta' difiża tal-impriżi kkonċernati, b'mod partikolari, id-dritt ta' aċċess għall-fajl u d-dritt ta' smiġħ, hu essenzjali li l-informazzjoni **kummerċjali** kunfidenzjali **u sensittiva, li tista' taffettwa l-privatezza tas-sigriet kummerċjali**, tiġi protetta. Barra minn hekk, filwaqt li tirrispetta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ tiżgura li kull informazzjoni li użat għall-fini tad-deċiżjoni, tiġi żvelata sal-punt li jippermetti lid-destinatarju tad-deċiżjoni jifhem il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet li jkunu wasslu għad-deċiżjoni. Fl-aħħar nett, f'ċerti kundizzjonijiet, ċerti rekords kummerċjali, bħall-komunikazzjoni bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom, jistgħu jitqiesu kunfidenzjali jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet rilevanti.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 49
Proposta għal regolament
Premessa 75a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (75a) *Sabiex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom, jenħtieġ li jitwaqqaf grupp ta' livell għoli ta' regolaturi b'responsabbiltajiet fis-settur diġitali bis-setgħa li jagħtu pariri lill-Kummissjoni. It-twaqqif ta' dan il-grupp ta' regolaturi għandu jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar Prattiki fost l-Istati Membri kif ukoll isaħħaħ monitörarġġ aħjar u b'hekk isaħħaħ l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

Emenda 50
Proposta għal regolament
Premessa 75b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (75b) *Il-Kummissjoni jenħtieġ li tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-kompetizzjoni, biex tiżgura infurzabbiltà effettiva kif ukoll implimentazzjoni koerenti ta' dan ir-Regolament u tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali.*

Emenda 51
Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (76) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 3, 6, 12, 13, 15, 16, 17, 20, 22, 23, 25 u 30, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁵⁾.

- (76) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 3, 5, 6, 12, 13, 15, 16, 17, 20, 22, 23, 25 u 30, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ **li** jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁵⁾.

⁽³⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

⁽³⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 52

Proposta għal regolament

Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni

(77) Il-kumitat konsultattiv stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 jenħtieġ jagħti opinjonijiet ukoll dwar ċerti deċiżjonijiet individwali tal-Kummissjoni maħruġa skont dan ir-Regolament. Biex jiġu żgurati swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali madwar l-Unjoni fejn ikun hemm il-gwardjani, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi delegata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat biex tissupplimenta dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jenħtieġ jiġu adottati atti delegati fir-rigward tal-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-limiti kwantitattivi għad-deżinjazzjoni tal-gwardjani skont dan ir-Regolament **u fir-rigward tal-aġġornament tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament meta, abbażi ta' investigazzjoni tas-suq il-Kummissjoni tkun identifikat il-ħtieġa ta' aġġornament tal-obbligi li jindirizzaw il-prattiki inġusti jew li jillimitaw il-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma. Hu importanti b'mod** partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁽³⁶⁾. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jitttrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

⁽³⁶⁾ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

Emenda

(77) Il-kumitat konsultattiv stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 jenħtieġ jagħti opinjonijiet ukoll dwar ċerti deċiżjonijiet individwali tal-Kummissjoni maħruġa skont dan ir-Regolament. Biex jiġu żgurati swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali madwar l-Unjoni fejn ikun hemm il-gwardjani, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi delegata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat biex tissupplimenta dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jenħtieġ jiġu adottati atti delegati fir-rigward tal-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-limiti kwantitattivi għad-deżinjazzjoni tal-gwardjani skont dan ir-Regolament. Hu **ta' importanza** partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁽³⁶⁾. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jitttrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

⁽³⁶⁾ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

Emenda 53

Proposta għal regolament

Premessa 77a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(77a) **Il-qrati nazzjonali se jkollhom rwol importanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jitħallew jitolbu lill-Kummissjoni tibgħatilhom informazzjoni jew opinjonijiet dwar mistoqsijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni tiegħu. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tressaq osservazzjonijiet orali jew bil-miktub fil-qrati tal-Istati Membri.**

Emenda

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 54
Proposta għal regolament
Premessa 77b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (77b) *L-informaturi jistgħu jgħibu informazzjoni ġdida għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li tghinjom jidentifikaw ksur ta' dan ir-Regolament u jimponu penali fuqu. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li jkun hemm fis-seħħ arranġamenti adegwati li jippermettu lill-informaturi jwissu lill-awtoritajiet kompetenti dwar ksur reali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament u li jipproteġuhom minn kwalunkwe ritaljazzjoni.*

Emenda 55
Proposta għal regolament
Premessa 77c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (77c) *L-utenti finali jenħtieġ li jkunu intitolati jinfurzaw id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-obbligi imposti fuq il-gwardjani skont dan ir-Regolament permezz ta' azzjonijiet rappreżentattivi f'konformità mad-Direttiva (UE) 2020/1828.*

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 56
Proposta għal regolament
Premessa 78

Test propost mill-Kummissjoni

(78) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa perjodikament dan ir-Regolament u timmonitorja mill-qrib l-effetti tiegħu fuq il-kontestabbiltà u l-ġustizzja tar-relazzjonijiet kummerċjali fl-ekonomija tal-pjattaformi online, b'mod partikolari biex tistabbilixxi l-ħtieġa ta' emendi fid-dawl ta' żviluppi teknoloġiċi jew kummerċjali rilevanti. Din l-evalwazzjoni jenħtieġ tinkludi r-reviżjoni regolari tal-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma **u tal-obbligi indirizzati lill-gwardjani** kif ukoll l-infurzar tagħhom biex jiġi żgurat li s-swieq diġitali madwar l-Unjoni jkunu kontestabbli u ġusti. Biex tinkiseb stampa wiesgħa tal-iżviluppi fis-settur, jenħtieġ li l-evalwazzjoni tqis l-esperjenzi tal-Istati Membri u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra wkoll l-opinjoni u r-rapporti ppreżentati lilha mill-Osservatorju dwar l-Ekonomija tal-Pjattaformi Online li ġie stabbilit għall-ewwel darba bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018)2393 tas-26 ta' April 2018. Wara l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ tieħu l-miżuri xierqa. Jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm livell għoli ta' protezzjoni u rispett għad-drittijiet u l-valuri komuni tal-UE, b'mod partikolari l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni, bħala objettiv fit-tweqqif tal-valutazzjonijiet u tar-reviżjonijiet tal-prattiki u tal-obbligi previsti f'dan ir-Regolament.

Emenda

(78) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa perjodikament dan ir-Regolament u timmonitorja mill-qrib l-effetti tiegħu fuq il-kontestabbiltà u l-ġustizzja tar-relazzjonijiet kummerċjali fl-ekonomija tal-pjattaformi online, b'mod partikolari biex tistabbilixxi l-ħtieġa ta' emendi fid-dawl ta' żviluppi teknoloġiċi jew kummerċjali rilevanti. Din l-evalwazzjoni jenħtieġ tinkludi r-reviżjoni regolari tal-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma kif ukoll l-infurzar tagħhom biex jiġi żgurat li s-swieq diġitali madwar l-Unjoni jkunu kontestabbli u ġusti. Biex tinkiseb stampa wiesgħa tal-iżviluppi fis-settur, jenħtieġ li l-evalwazzjoni tqis l-esperjenzi tal-Istati Membri u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra wkoll l-opinjoni u r-rapporti ppreżentati lilha mill-Osservatorju dwar l-Ekonomija tal-Pjattaformi Online li ġie stabbilit għall-ewwel darba bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018)2393 tas-26 ta' April 2018. Wara l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ tieħu l-miżuri xierqa. Jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm livell għoli ta' protezzjoni u rispett għad-drittijiet u l-valuri komuni tal-UE, b'mod partikolari l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni, bħala objettiv fit-tweqqif tal-valutazzjonijiet u tar-reviżjonijiet tal-prattiki u tal-obbligi previsti f'dan ir-Regolament.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Premessa 78 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

(78a) **Mingħajr preġudizzju għall-proċedura baġitarja u permezz tal-istrumenti finanzjarji eżistenti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi adegwati biex jiġi żgurat li tkun tista' ttwettaq id-āmirijiet tagħha b'mod effettiv u teżerċita s-setgħat tagħha b'rabta mal-infurzar ta' dan ir-Regolament.**

Emenda

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 58
Proposta għal regolament
Premessa 79

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament iħares id-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 16, 47 u 50 tagħha. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi interpretat u applikat b'rispett għal dawk id-drittijiet u l-prinċipji

Emenda

(79) Dan ir-Regolament iħares id-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 16, 47 u 50 tagħha. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi interpretat u applikat b'rispett għal dawk id-drittijiet u l-prinċipji,

Emenda 59
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli armonizzati li jiżguraw swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali madwar l-Unjoni fejn ikunu preżenti l-gwardjani.

Emenda

1. ***L-iskop ta'*** dan ir-Regolament ***hu li jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi*** jistabbilixxi regoli armonizzati li jiżguraw swieq kontestabbli u ġusti ***għan-negozji kollha, għall-benefiċċju kemm tal-utenti kummerċjali kif ukoll tal-utenti finali*** fis-settur diġitali madwar l-Unjoni fejn ikunu preżenti l-gwardjani, ***b'tali mod li titrawwem l-innovazzjoni u jiżdied il-benessri tal-konsumatur.***

Emenda 231
Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti jew offruti minn gwardjani lil ***utenti kummerċjali stabbiliti fl-Unjoni jew lil*** utenti finali stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment jew ta' residenza tal-gwardjani u irrispettivament mil-liġi applikabbli mod ieħor għall-forniment ta' servizz.

Emenda

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti jew offruti minn gwardjani lil utenti finali stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni ***u utenti kummerċjali***, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment jew ta' residenza tal-gwardjani ***jew tal-utenti kummerċjali*** u irrispettivament mil-liġi applikabbli mod ieħor għall-forniment ta' servizz. ***Dan ir-Regolament għandu japplika u jiġi interpretat b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 11, 16, 47 u 50 tagħha.***

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) relatati ma' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 għajr dawk relatati ma' servizzi tal-komunikazzjoni inter-personali kif definit fil-punt **(4)(b)** tal-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva.

Emenda

(b) relatati ma' servizzi tal-komunikazzjoni elettronika kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/1972 għajr dawk relatati ma' servizzi tal-komunikazzjoni inter-personali **indipendenti min-numri** kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva.

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu obbligi ulterjuri fuq il-gwardjani permezz ta' liġijiet, regolamenti jew azzjoni amministrattiva bil-għan li jiżguraw swieq kontestabbli u ġusti. Dan hu mingħajr preġudizzju għar-regoli li jsegwu interessi pubbliċi leġittimi oħra, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. B'mod partikolari, xejn f'dan ir-Regolament ma jipprekludi lill-Istati Membri milli jimponu obbligi kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni fuq impriżi, inkluż fuq fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma, meta dawn l-obbligi ma jkunux relatati mal-impriżi rilevanti li jkollhom status ta' gwardjan skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament, biex jipproteġu lill-konsumaturi **jew** jiġġieldu kontra atti ta' kompetizzjoni inġusta.

Emenda

5. **Sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern**, l-Istati Membri ma għandhomx jimponu obbligi ulterjuri fuq il-gwardjani **fis-sens ta' dan ir-Regolament** permezz ta' liġijiet, regolamenti jew azzjoni amministrattiva bil-għan li jiżguraw swieq kontestabbli u ġusti. Dan hu mingħajr preġudizzju għar-regoli li jsegwu interessi pubbliċi leġittimi oħra, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni. B'mod partikolari, xejn f'dan ir-Regolament ma jipprekludi lill-Istati Membri milli jimponu obbligi kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni fuq impriżi, inkluż fuq fornituri ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma, meta dawn l-obbligi ma jkunux relatati mal-impriżi rilevanti li jkollhom status ta' gwardjan skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament, biex jipproteġu lill-konsumaturi, jiġġieldu kontra atti ta' kompetizzjoni inġusta **jew isegwu interessi pubbliċi leġittimi oħra**.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 62

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE. Hu mingħajr preġudizzju wkoll għall-applikazzjoni ta': regoli nazzjonali li jipprojbixxu ftehimiet, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi u Prattiki miftiehma li jkunu antikompetittivi, u abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti; regoli nazzjonali tal-kompetizzjoni li jipprojbixxu forom oħra ta' mgħiba unilaterali diment li dawn jiġu applikati għall-impriżi li mhumiex gwardjani jew jammontaw għall-impożizzjoni ta' obbligi addizzjonali fuq il-gwardjani; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽³⁸⁾ u r-regoli nazzjonali dwar il-kontroll tal-amalgamazzjonijiet; **ir-Regolament (UE) 2019/1150 u r-Regolament (UE) .../.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**⁽³⁹⁾.

⁽³⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet") (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

⁽³⁹⁾ **Ir-Regolament (UE) .../.. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – proposta dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE.**

Emenda

6. Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE. Hu mingħajr preġudizzju wkoll għall-applikazzjoni ta': regoli nazzjonali li jipprojbixxu ftehimiet, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi u Prattiki miftiehma li jkunu antikompetittivi, u abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti; regoli nazzjonali tal-kompetizzjoni li jipprojbixxu forom oħra ta' mgħiba unilaterali diment li dawn **ir-regoli** jiġu applikati għall-impriżi li mhumiex gwardjani **fis-sens ta' dan ir-Regolament** jew jammontaw għall-impożizzjoni ta' obbligi addizzjonali fuq il-gwardjani; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽³⁸⁾ u r-regoli nazzjonali dwar il-kontroll tal-amalgamazzjonijiet **u r-Regolament (UE) 2019/1150;**

⁽³⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet") (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. L-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jieħdu deċiżjonijiet li jmorru kontra deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu b'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib fl-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom.

Emenda

7. L-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jieħdu deċiżjonijiet li jmorru kontra deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu b'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib fl-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom **abbażi tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 31d.**

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) brawżers tal-internet;

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 65**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt fb (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***(fb) assistenti virtwali;****Emenda 66****Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt fc (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***(fc) TV konness;****Emenda 67****Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt h***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(h) servizzi ta' reklamar, inkluż kwalunkwe network ta' reklamar, skambji ta' reklamar u kwalunkwe servizz ieħor ta' intermedjazzjoni tar-reklamar, ipprovduti minn fornitur ta' xi wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma elenkati fil-punti (a) sa (g);

(h) servizzi ta' reklamar **online**, inkluż kwalunkwe network ta' reklamar, skambju ta' reklamar u kwalunkwe servizz ieħor ta' intermedjazzjoni tar-reklamar, ipprovduti minn fornitur **meta l-impriża li jappartjeni għaliha tkun ukoll fornitur** ta' xi wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma elenkati fil-punti **minn** (a) sa (g);

Emenda 68**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(6) “magna tat-tiftix online” tfisser servizz diġitali kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2019/1150;

(6) “magna tat-tiftix online” tfisser servizz diġitali kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2019/1150, **u b'hekk jeskludi l-funzjonijiet ta' tiftix fuq servizzi ta' intermedjazzjoni online oħra;**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 69**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (10a) *“brawżer tal-internet”* tfisser applikazzjoni tas-software li tippermetti l-utenti jaċċessaw u jinteraġixxu ma' kontenut ospitat fuq servers konnessi ma' networks bħall-internet, inklużi brawżers awtonomi kif ukoll brawżers integrati jew inkorporati f'software jew apparat simili;

Emenda 70**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (10b) *“assistent virtwali”* tfisser software inkorporat jew interkonness ma' prodott, fis-sens tad-Direttiva (UE) 2019/771, li jista' jipproċessa talbiet, kompiti jew mistoqsijiet ibbażati fuq teknoloġiji awdjo, viżivi jew teknoloġiji ta' informatika konjittiva oħrajn, inklużi servizzi ta' realtà awmentata, u bbażati fuq dawk id-domandi, kompiti jew mistoqsijiet jaċċessa s-servizzi tiegħu stess u dawk ta' terzi jew jikkontrolla l-apparat tiegħu u ta' terzi.

Emenda 71**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (10c) *“TV konness”* tfisser sistema jew applikazzjoni tas-software li tikkontrolla sett tat-televisin konness mal-internet u li tippermetti li applikazzjonijiet tas-software jaħdmu fuqu inkluż għall-forniment ta' streaming ta' mużika u vidjos jew wiri ta' stampi;

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 72

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) “servizz anċillari” tfisser servizzi pprovduti fil-kuntest ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew flimkien magħhom, inkluż servizzi ta' pagament kif definit fl-Artikolu 4(3) u servizzi tekniċi li jappoġġaw il-forniment ta' servizzi tal-pagament kif definit fl-Artikolu 3(j) tad-Direttiva (UE) 2015/2366, servizzi **ta' ġestjoni**, identifikazzjoni jew reklamar;

Emenda

(14) “servizz anċillari” tfisser servizzi pprovduti fil-kuntest ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew flimkien magħhom, inkluż servizzi ta' pagament kif definit fl-Artikolu 4(3), servizzi tekniċi li jappoġġaw il-forniment ta' servizzi tal-pagament kif definit fl-Artikolu 3(j) tad-Direttiva (UE) 2015/2366, **sistemi ta' pagament in-app, eżekuzzjoni, inkluża l-konsenja ta' pakketti kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2018/644, servizzi ta' trasport ta' merkanzija**, identifikazzjoni jew reklamar;

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) “**sistema ta' pagament in-app**” tfisser **applikazzjoni, servizz jew interfaċċja tal-utent li jippermettu l-ipproċessar ta' pagamenti mill-utenti ta' app.**

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) “klassifikazzjoni” tfisser il-prominenza relattiva mogħtija lil prodotti jew servizzi offruti tramite servizzi **ta' intermedjazzjoni online jew tramite servizzi ta' networking soċjali online**, jew ir-rilevanza li tingħata lir-riżultati tat-tiftix minn magni tat-tiftix online, kif ippreżentati, organizzati jew ikkomunikati mill-fornituri ta' **servizzi ta' intermedjazzjoni online jew ta' servizzi ta' networking soċjali online jew mill-fornituri ta' magni tat-tiftix online, rispettivament**, irrispettivament mill-mezzi teknoloġiċi użati għal tali preżentazzjoni, organizzazzjoni jew komunikazzjoni;

Emenda

(18) “klassifikazzjoni” tfisser il-prominenza relattiva mogħtija lil prodotti jew servizzi offruti tramite servizzi **ewlenin tal-pjattaforma**, jew ir-rilevanza li tingħata lir-riżultati tat-tiftix minn magni tat-tiftix online, kif ippreżentati, organizzati jew ikkomunikati mill-fornituri ta' **servizz ewleni tal-pjattaforma**, irrispettivament mill-mezzi teknoloġiċi użati għal tali preżentazzjoni, organizzazzjoni jew komunikazzjoni;

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (18a) “riżultati tat-tiftix” tfisser kwalunkwe informazzjoni fi kwalunkwe format, inklużi test, grafika, vuċi jew output ieħor, li tasal lura bħala rispons u hija marbuta ma’ talba għal tiftixa bil-miktub jew orali, irrispettivament minn jekk l-informazzjoni hijiex riżultat organiku, riżultat imħallas, twegħiba diretta jew kwalunkwe prodott, servizz jew informazzjoni offruti b’rabta mar-riżultati organiċi, muriġa flimkien magħhom, jew integrata parzjalment jew kompletament magħhom;

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (23a) “interoperabbiltà” tfisser il-kapaċità ta’ skambju ta’ informazzjoni u l-użu reċiproku tal-informazzjoni li tkun għet skambjata sabiex l-elementi kollha tal-hardware jew tas-software rilevanti għal servizz partikolari u użati mill-fornitur tiegħu jaħdmu b’mod effettiv b’hardware jew software rilevanti għal servizzi partikolari pprovduti minn fornituri terzi differenti mill-elementi li permezz tagħhom tkun ipprovduta oriġinarjament l-informazzjoni kkonċernata. Dan għandu jinkludi l-kapaċità ta’ aċċess għal tali informazzjoni mingħajr il-bżonn li jintużaw applikazzjonijiet tas-software jew teknoloġiji oħra għall-konverżjoni.

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fornitur ta’ servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandu jiġi ddeżinjat bħala gwardjan jekk:

1. Impriża għandha tiġi ddeżinjata bħala gwardjan jekk:

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jopera servizz ewlieni tal-pjattaforma li jservi ta' gateway importanti għall-utenti kummerċjali biex jilhqqu lil utenti finali; u

Emenda

(b) jopera servizz ewlieni tal-pjattaforma li jservi ta' gateway importanti għall-utenti kummerċjali **u l-utenti finali** biex jilhqqu lil utenti finali **oħra**; u

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. **Fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma** għandu jkun preżunt li **jissodisfa**:

Emenda

2. Għandu jkun preżunt li **impriża tissodisfa**:

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ir-reqwizit fil-paragrafu 1(a) meta **l-impriża li jappartjeni għaliha** tikseb fatturat annwali fiż-ŻEE ta' EUR **6,5** biljun jew aktar fl-aħħar tliet snin finanzjarji, jew meta l-kapitalizzazzjoni medja tas-suq jew il-valur ġust ekwivalenti tas-suq tal-impriża **li jappartjeni għaliha** jammontaw għal mill-inqas EUR **65** biljun fl-aħħar sena finanzjarja, u jkun jipprovdi servizz ewlieni tal-pjattaforma f'mill-inqas tliet Stati Membri;

Emenda

(a) ir-reqwizit fil-paragrafu 1(a) meta **hija** tikseb fatturat annwali fiż-ŻEE ta' EUR **8** biljun jew aktar fl-aħħar tliet snin finanzjarji, jew meta l-kapitalizzazzjoni medja tas-suq jew il-valur ġust ekwivalenti tas-suq tal-impriża jammontaw għal mill-inqas EUR **80** biljun fl-aħħar sena finanzjarja, u jkun jipprovdi servizz ewlieni tal-pjattaforma f'mill-inqas tliet Stati Membri;

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

ir-reqwizit fil-paragrafu 1(b) meta jipprovdi servizz ewlieni tal-pjattaforma li **jkollu** aktar minn 45 miljun utent finali attiv fix-xahar stabbiliti jew **li jinsabu fl-Unjoni** u aktar minn 10 000 utent kummerċjali **attiv** fis-sena stabbiliti **fl-Unjoni** fl-aħħar sena finanzjarja;

Emenda

ir-reqwizit fil-paragrafu 1(b) meta jipprovdi servizz ewlieni tal-pjattaforma **wieħed jew aktar** li **kull wieħed minnhom ikollu** aktar minn 45 miljun utent finali fix-xahar stabbiliti jew **lokalizzati fiż-ŻEE** u aktar minn 10 000 utent kummerċjali fis-sena stabbiliti **fiż-ŻEE** fl-aħħar sena finanzjarja.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 82**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

għall-fini tal-ewwel subparagrafu, l-utenti finali attivi ta' kull xahar għandhom jirreferu għall-medja ta' utenti finali attivi fix-xahar tul l-akbar parti tal-aħħar sena finanzjarja;

imħassar

Emenda 83**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) ir-rekwiżit fil-paragrafu 1(c) meta l-limiti fil-punt (b) ikunu ntlaħqu f'kull waħda mill-aħħar **tlit snin** finanzjarji.

(c) ir-rekwiżit fil-paragrafu 1(c) meta l-limiti fil-punt (b) ikunu ntlaħqu f'kull waħda mill-aħħar **sentejn** finanzjarji.

Emenda 84**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-fini tal-punt (b),

- (i) l-utenti finali ta' kull xahar u l-utenti kummerċjali ta' kull sena għandhom jiġu kkalkulati billi jitqiesu l-indikaturi stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament; u
- (ii) "utenti finali ta' kull xahar" għandha tirreferi għall-għadd medju ta' utenti finali ta' kull xahar tul perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur fl-aħħar sena finanzjarja;

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta **fornitur ta'** servizzi ewlenin tal-pjattaforma **jilħaq** il-limiti kollha fil-paragrafu 2, **dan għandu jinnnotifika** lill-Kummissjoni b'dan fi żmien **tlit xhur** wara li daww il-limiti jkunu ntlaħqu u **jipprovdilha** l-informazzjoni rilevanti identifikata fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni rilevanti identifikata fil-paragrafu 2 għal kull servizz ewlieni tal-pjattaforma **tal-fornitur** li **jilħaq** il-limiti fil-paragrafu 2(b). In-notifika għandha tiġi aġġornata kull meta servizzi ewlenin oħra tal-pjattaforma jilhqg individwalment il-limiti fil-paragrafu 2(b).

Nuqqas minn **fornitur** rilevanti **ta'** servizzi ewlenin tal-pjattaforma li **jinnnotifika** l-informazzjoni meħtieġa skont dan il-paragrafu ma għandux jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tiddeżinja lil dawn **il-fornituri** bħala gwardjani skont il-paragrafu 4 fi kwalunkwe ħin.

Emenda

3. Meta **impriża li ttipprovd** servizzi ewlenin tal-pjattaforma **tilħaq** il-limiti kollha fil-paragrafu 2, **din għandha tinnnotifika** lill-Kummissjoni b'dan **mingħajr dewmien żejjed u, fi kwalunkwe każ**, fi żmien **xahrejn** wara li daww il-limiti jkunu ntlaħqu u **tipprowdilha** l-informazzjoni rilevanti identifikata fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni rilevanti identifikata fil-paragrafu 2 għal kull servizz ewlieni tal-pjattaforma **tal-impriża** li **tilħaq** il-limiti fil-paragrafu 2(b). In-notifika għandha tiġi aġġornata kull meta servizzi ewlenin oħra tal-pjattaforma jilhqg individwalment il-limiti fil-paragrafu 2(b).

Nuqqas minn **impriża** rilevanti **li ttipprovd** servizzi ewlenin tal-pjattaforma li **tinnnotifika** l-informazzjoni meħtieġa skont dan il-paragrafu ma għandux jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tiddeżinja lil dawn **l-impriżi** bħala gwardjani skont il-paragrafu 4 fi kwalunkwe ħin.

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni, mingħajr dewmien żejjed u sa mhux aktar tard minn 60 jum wara li tirċievi l-informazzjoni kompluta msemmija fil-paragrafu 3, għandha tiddeżinja **l-fornitur ta'** servizzi ewlenin tal-pjattaforma li **jilħaq il-limiti** kollha tal-paragrafu 2 bħala gwardjan, **sakemm dak il-fornitur, bin-notifika tiegħu ma jippreżentax** argumenti **sostanzjati biżżejjed** biex **juri** li, fiċ-ċirkostanzi li fihom jopera s-servizz ewlieni tal-pjattaforma rilevanti, **u meta jitqiesu l-elementi elenkati fil-paragrafu 6, il-fornitur ma jissodisfax** ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1.

Emenda

Il-Kummissjoni, mingħajr dewmien żejjed u sa mhux aktar tard minn 60 jum wara li tirċievi l-informazzjoni kompluta msemmija fil-paragrafu 3, għandha tiddeżinja **l-impriża li ttipprovd** servizzi ewlenin tal-pjattaforma li **tissodisfa l-limiti** kollha tal-paragrafu 2 bħala gwardjan. **L-impriża tista' tippreżenta, man-notifika tagħha**, argumenti **konvinċenti** biex **turi** li, fiċ-ċirkostanzi li fihom jopera s-servizz ewlieni tal-pjattaforma rilevanti, **l-impriża ma tissodisfax** ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1.

Emenda 87

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-gwardjan jippreżenta tali argumenti sostanzjati biżżejjed biex juri li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tapplika l-paragrafu 6 biex tivvaluta jekk il-kriterji fil-paragrafu 1 humiex issodisfati.

Emenda

imħassar

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Meta l-impriża li tipprovdi s-servizz ewlieni tal-pjattaforma tonqos milli tgħarraf lill-Kummissjoni, milli tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fil-paragrafu 3 jew li tipprovdi sal-iskadenza stabbilita mill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti kollha li tkun meħtieġa biex tiġi vvalutata d-deżinjazzjoni tagħha bħala gwardjan skont il-paragrafi (2) u (6), il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li tiddeżinja dik l-impriża bħala gwardjan fi kwalunkwe mument abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni skont il-paragrafu 4.

Emenda 89

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 37 biex tispeċifika l-metodoloġija li tiddetermina jekk jintlaħqux il-limiti kwantitattivi stabbiliti fil-paragrafu 2, u biex **taġġustaha** regolarment skont żviluppi teknoloġiċi u tas-suq meta meħtieġ, **b'mod partikolari fir-rigward tal-limitu fil-paragrafu 2(a)**.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 37 biex tispeċifika l-metodoloġija li tiddetermina jekk jintlaħqux il-limiti kwantitattivi stabbiliti fil-paragrafu 2 **ta' dan l-Artikolu**, u biex **taġġusta l-metodoloġija** regolarment skont żviluppi teknoloġiċi u tas-suq meta meħtieġ. **Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 37 biex taġġorna l-lista tal-indikaturi stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament.**

Emenda 90

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni **tista'** tidentifika bħala gwardjan, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15, kwalunkwe **fornitur ta'** servizzi ewlenin tal-pjattaforma li **jissodisfa** kull wieħed mir-rekwiżiti tal-paragrafu 1, iżda li ma **jilħaqx** kull wieħed mil-limiti tal-paragrafu 2, **jew li jkun ippreżenta argumnti sostanzjati biżżejjed skont il-paragrafu 4.**

Il-Kummissjoni **għandha** tidentifika bħala gwardjan, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15, kwalunkwe **impriża li tipprovdi** servizzi ewlenin tal-pjattaforma, **esklużi l-Intrapriża ta' Daqs Medju, Żgħar u Mikro kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE**, li **tissodisfa** kull wieħed mir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 **ta' dan l-Artikolu**, iżda li ma **tissodisfax** kull wieħed mil-limiti tal-paragrafu 2 **ta' dan l-Artikolu.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 91**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt a***Test propost mill-Kummissjoni*

(a) id-daqs, inkluż il-fatturat u l-kapitalizzazzjoni tas-suq, l-operazzjonijiet u l-pożizzjoni **tal-fornitur ta'** servizzi ewlenin tal-pjattaforma;

Emenda

(a) id-daqs, inkluż il-fatturat u l-kapitalizzazzjoni tas-suq, l-operazzjonijiet u l-pożizzjoni **tal-impriża li tipprovdi** servizzi ewlenin tal-pjattaforma;

Emenda 92**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt c***Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-ostakli għad-dħul derivati mill-effetti tan-network u l-van-tagġi xprunati mid-data, b'mod partikolari b'rabta mal-aċċess **tal-fornitur** għad-data personali u mhux personali u l-ġbir tagħha, jew il-kapaċitajiet analitiċi **tiegħu**;

Emenda

(c) l-ostakli għad-dħul derivati mill-effetti tan-network u l-van-tagġi xprunati mid-data, b'mod partikolari b'rabta mal-aċċess **tal-impriża** għad-data personali u mhux personali u l-ġbir tagħha, jew il-kapaċitajiet analitiċi **tal-impriża**;

Emenda 93**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt d***Test propost mill-Kummissjoni*

(d) l-iskala u l-effetti tal-kamp ta' applikazzjoni li **l-fornitur jibbenefika** minnhom, inkluż fir-rigward tad-data;

Emenda

(d) l-iskala u l-effetti tal-kamp ta' applikazzjoni li **l-impriża tibbenefika** minnhom, inkluż fir-rigward tad-data;

Emenda 94**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt ea (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(*ea*) **il-grad ta' multi-homing fost in-negozji**;

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 95

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) *il-kapaċità ta' impriża li timplimenta strateġiji ta' konglomerat, b'mod partikolari permezz tal-integrazzjoni vertikali tagħha jew l-effett sinifikanti ta' lieva tagħha fis-swieg relatati;*

Emenda 96

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fit-twettiq tal-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis l-iżviluppi prevedibbli ta' dawn l-elementi.

Fit-twettiq tal-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis l-iżviluppi prevedibbli ta' dawn l-elementi **inklużi kwalunkwe konċentrazzjonijiet ippjanati li jinvolvu fornitur ieħor ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew ta' kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut fis-settur diġitali.**

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-fornitur ta' servizz ewlieni tal-pjattaforma li jilħaq il-limiti kwantitattivi tal-paragrafu 2 jonqos milli jikkonforma mal-miżuri investigattivi ordnati mill-Kummissjoni b'mod sinifikanti u n-nuqqas jippersisti wara li l-fornitur ikun ġie mistieden jikkonforma f'limitu ta' żmien raġonevoli u jressaq l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata tiddeżinja lil dak il-fornitur bħala gwardjan.

imħassar

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 6 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-fornitur ta' servizz ewlieni tal-pjattaforma li ma jilħaqx il-limiti kwantitattivi tal-paragrafu 2 jonqos milli jikkonforma mal-miżuri investigattivi ordnati mill-Kummissjoni b'mod sinifikanti u n-nuqqas jippersisti wara li l-fornitur ikun ġie mistieden jikkonforma f'limitu ta' żmien raġonevoli u jressaq l-osservazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata tiddeżinja lil dak il-fornitur bħala gwardjan **abbażi tal-fatti disponibbli.**

imħassar

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 99

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Għal kull gwardjan **identifikat** skont il-paragrafu 4 jew il-paragrafu 6, il-Kummissjoni għandha tidentifika **l-impriża rilevanti li jappartjeni għaliha u telenka** s-servizzi ewlenin tal-pjattaforma rilevanti li huma pprovduti fi ħdan dik l-istess impriża u li jservu individwalment bħala gateway importanti għall-utenti kummerċjali biex jilħqu lill-utenti finali kif imsemmi fil-paragrafu 1(b).

Emenda

7. Għal kull **impriża ddeżinjata bħala** gwardjan skont il-paragrafu 4 jew il-paragrafu 6, il-Kummissjoni għandha tidentifika **sal-iskadenza stabbilita skont il-paragrafu 4** s-servizzi ewlenin tal-pjattaforma rilevanti li huma pprovduti fi ħdan dik l-istess impriża u li jservu individwalment bħala gateway importanti għall-utenti kummerċjali biex jilħqu lill-utenti finali kif imsemmi fil-paragrafu 1(b).

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Il-gwardjan għandu jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 **fi żmien sitt** xhur wara li servizz ewlieni tal-pjattaforma jkun ġie inkluż fil-lista skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

Emenda

8. Il-gwardjan għandu jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 **mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn erba'** xhur wara li servizz ewlieni tal-pjattaforma jkun ġie inkluż fil-lista skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha ttwettaq rieżami regolament, u mill-inqas kull **sentejn**, dwar jekk il-gwardjani ddeżinjati għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1), **jew** jekk **fornituri ġodda ta'** servizzi ewlenin tal-pjattaforma jissodisfawx dawk ir-rekwiżiti. Ir-rieżami regolari **għandha teżamina** wkoll jekk jeħtieġx tiġi aġġustata l-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma affettwati tal-gwardjan.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha ttwettaq rieżami regolament, u mill-inqas kull **tliet snin**, dwar jekk il-gwardjani ddeżinjati għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(1), **u mill-inqas kull sena** dwar jekk servizzi ewlenin tal-pjattaforma **goddha** jissodisfawx dawk ir-rekwiżiti. Ir-rieżami regolari **għandha teżamina** wkoll jekk jeħtieġx tiġi aġġustata l-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma affettwati tal-gwardjan. **Ir-rieżami ma għandu jkollu l-ebda effett ta' sospensjoni fuq l-obbligi tal-gwardjan.**

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-Kummissjoni, abbażi ta' dak ir-rieżami skont l-ewwel subparagrafu, issib li nbidlu l-fatti li fuqhom issejset id-deżinjazzjoni **tal-fornituri ta'** servizzi ewlenin tal-pjattaforma bħala gwardjani, din għandha tadotta deċiżjoni korrispondenti.

Emenda

Meta l-Kummissjoni, abbażi ta' dak ir-rieżami skont l-ewwel subparagrafu, issib li nbidlu l-fatti li fuqhom issejset id-deżinjazzjoni **tal-impriżi li jipprovd** servizzi ewlenin tal-pjattaforma bħala gwardjani, din għandha tadotta deċiżjoni korrispondenti.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna kontinwament il-lista **tal-gwardjani** u l-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma li għalihom jeħtieġ jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna kontinwament il-lista **tal-impriżi ddeżinjati bħala gwardjani** u l-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma li għalihom jeħtieġ jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6. **Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali li jstabbilixxi s-sejbiet tal-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħha, inkluż l-impatt fuq l-utenti kummerċjali speċjalment l-impriżi u l-utenti finali żgħar u ta' daqs medju u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) joqgħod lura milli jikkombina *data* personali miksuba minn dawn is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma ma' *data* personali minn xi servizz ieħor offrut mill-gwardjan jew ma' *data* personali minn servizzi ta' partijiet terzi, u milli jagħti aċċess lil utenti finali għal servizzi oħra tal-gwardjan biex jikkombina *data* personali, sakemm l-utent finali ma jkunx ingħata l-għażla speċifika **u** ta l-kunsens fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679.;;

Emenda

(a) joqgħod lura milli jikkombina **u juża b'mod addizzjonali jew differenti** *data* personali miksuba minn dawn is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma ma' *data* personali minn xi servizz ieħor offrut mill-gwardjan jew ma' *data* personali minn servizzi ta' partijiet terzi, u milli jagħti aċċess lil utenti finali għal servizzi oħra tal-gwardjan biex jikkombina *data* personali, sakemm l-utent finali ma jkunx ingħata l-għażla speċifika **b'manjera espliċita u ċara u jkun** ta l-kunsens fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679;

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) **jippermetti li l-utenti** kummerċjali joffru l-istess prodotti jew servizzi lill-utenti finali **tramite s-servizzi** ta' intermedjazzjoni online ta' partijiet terzi bi prezzijiet jew b'kundizzjonijiet differenti minn dawk offruti mis-servizzi ta' intermedjazzjoni online tal-gwardjan;

Emenda

(b) **iżomm lura milli japplika obbligi kuntrattwali li jipprevjenu lill-utenti kummerċjali milli** joffru l-istess prodotti jew servizzi lill-utenti finali **permezz tas-servizzi** ta' intermedjazzjoni online ta' partijiet terzi **jew permezz tal-kanal ta' bejgħ dirett online tagħhom** bi prezzijiet jew b'kundizzjonijiet differenti minn dawk offruti mis-servizzi ta' intermedjazzjoni online tal-gwardjan;

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) jippermetti li l-utenti kummerċjali jippromwovu offerti ma' utenti finali miksuba **tramite s-servizz** ewlieni tal-pjattaforma, u jikkonkludu kuntratti ma' dawn l-utenti finali irrispettivament minn jekk għal dak il-għan **jużawx is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan jew le; u jippermetti li l-utenti finali jaċċessaw u jużaw kontenut, abbonamenti, karatteristiċi jew oġġetti oħra, tramite s-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan, billi jużaw l-applikazzjoni tas-software ta' utent kummerċjali, meta dawn l-oġġetti jkunu nkisbu mill-utenti finali mingħand l-utent kummerċjali rilevanti mingħajr ma jintużaw is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan;**

Emenda

- (c) jippermetti li l-utenti kummerċjali **jikkomunikaw u** jippromwovu offerti **inkluż b'kundizzjonijiet differenti ta' akkwist** ma' utenti finali miksuba **permezz tas-servizz** ewlieni tal-pjattaforma **jew permezz ta' kanali oħra**, u jikkonkludu kuntratti ma' dawn l-utenti finali **jew jirċievu pagamenti għal servizzi pprovduti** irrispettivament minn jekk għal dak il-għan **jużawx** is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan;

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- (ca) jippermetti lill-utenti finali jaċċessaw u jużaw, permezz tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan, kontenut, abbonamenti, karatteristiċi jew elementi oħra bl-użu tal-applikazzjoni tas-software ta' utent kummerċjali, inkluż meta dawn l-elementi jkunu ġew akkwistati mill-utenti finali mingħand l-utent kummerċjali rilevanti mingħajr l-użu tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan, sakemm il-gwardjan ma jurix li tali aċċess idgħajjef il-protezzjoni jew iċ-ċibersigurtà tad-data tal-utenti finali;

Emenda

- (ca) jippermetti lill-utenti finali jaċċessaw u jużaw, permezz tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan, kontenut, abbonamenti, karatteristiċi jew elementi oħra bl-użu tal-applikazzjoni tas-software ta' utent kummerċjali, inkluż meta dawn l-elementi jkunu ġew akkwistati mill-utenti finali mingħand l-utent kummerċjali rilevanti mingħajr l-użu tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tal-gwardjan, sakemm il-gwardjan ma jurix li tali aċċess idgħajjef il-protezzjoni jew iċ-ċibersigurtà tad-data tal-utenti finali;

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

- (d) joqgħod lura milli jipprevjeni jew jillimita lill-utenti kummerċjali milli jqajmu kwistjonijiet relatati ma' xi Prattika tal-gwardjani ma' kwalunkwe awtorità pubblika rilevanti;

Emenda

- (d) joqgħod lura milli **direttament jew indirettament** jipprevjeni jew jillimita lill-utenti kummerċjali **jew lill-utenti finali** milli jqajmu kwistjonijiet relatati ma' xi Prattika tal-gwardjani ma' kwalunkwe awtorità pubblika rilevanti, **inklużi l-qrati nazzjonali;**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

- (e) joqgħod lura milli jeżiġi li l-utenti kummerċjali jużaw, joffru jew joperaw bejniethom b'servizz ta' identifikazzjoni tal-gwardjan fil-kuntest ta' servizzi offruti mill-utenti kummerċjali li jużaw is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma ta' dak il-gwardjan;

Emenda

- (e) joqgħod lura milli jeżiġi li l-utenti kummerċjali jużaw, joffru jew joperaw bejniethom b'servizz ta' identifikazzjoni **jew kwalunkwe servizz anċillari ieħor** tal-gwardjan fil-kuntest ta' servizzi offruti mill-utenti kummerċjali li jużaw is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma ta' dak il-gwardjan;

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

- (f) **joqgħod lura milli jeżiġi** li l-utenti kummerċjali jew l-utenti finali jabbonaw għal jew jirreġistraw ma' xi servizz ewlieni ieħor tal-pjattaforma **identifikat skont l-Artikolu 3 jew li jilħaq il-limiti fl-Artikolu 3(2)(b)** bħala kundizzjoni biex jaċċessaw, jabbonaw jew jirreġistraw **għal** xi wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħhom identifikati skont dak l-Artikolu;

Emenda

- (f) **ma jeżiġix** li l-utenti kummerċjali jew l-utenti finali jabbonaw għal, jew jirreġistraw ma', xi servizz ewlieni ieħor tal-pjattaforma bħala kundizzjoni biex **ikunu jistgħu jużaw**, jaċċessaw, jabbonaw **għal**, jew jirreġistraw **ma'**, xi wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħhom identifikati skont dak l-Artikolu;

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

- (g) jipprovdi **informazzjoni, meta jitolbuh**, lil reklamaturi u pubblikaturi li lilhom jipprovdi servizzi ta' reklamar, **dwar il-prezz imħallas mir-reklamatur u l-pubblikatur, kif ukoll dwar l-ammont jew ir-remunerazzjoni mħallsa lill-pubblikatur, għall-pubblikazzjoni ta' reklam partikolari u għal kull wieħed mis-servizzi ta' reklamar rilevanti pprovduti mill-gwardjan.**

Emenda

- (g) jipprovdi lil reklamaturi u pubblikaturi jew lil partijiet terzi awtorizzati mir-reklamaturi jew mill-pubblikaturi li lilhom jipprovdi servizzi ta' reklamar **diġitali, aċċess mingħajr ħlas, ta' kwalità għolja, effettiv, kontinwu u f'ħin reali għal informazzjoni sħiħa dwar il-viżibbiltà u d-disponibbiltà tal-portafoll tar-reklamar, inkluż:**

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- i) **il-kundizzjonijiet tal-ipprezzar li jikkonċernaw l-offerti magħmula mir-reklamaturi u mill-intermedjarji tar-reklamar;**

Emenda

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g – punt ii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ii) *il-mekkaniżmi u l-iskemi tal-iffissar tal-prezzijiet għall-kalkolu tat-tariffi inklużi l-kriterji mhux tal-prezz fil-proċess tal-irkant;*

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g – punt iii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- iii) *il-prezz u t-tariffi mħallsa minn min jirreklama u mill-pubblikatur, inkluż kwalunkwe tnaqqis u soprataxxa;*

Emenda 115

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g – punt iv (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- iv) *l-ammont u r-remunerazzjoni mħallsa lill-pubblikatur għall-pubblikazzjoni ta' reklam partikolari; u*

Emenda 116

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g – punt v (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- v) *l-ammont u r-remunerazzjoni mħallsa lill-pubblikatur għal kull wieħed mis-servizzi ta' reklamar rilevanti pprovduti mill-gwardjan.*

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ga) joqgħod lura milli juża, f'kompetizzjoni mal-utenti kummerċjali, kwalunkwe data li ma tkunx disponibbli pubblikament, li tiġi ġġenerata permezz jew fil-kuntest tal-użu tas-servizzi ewlenin jew servizzi anċillari tal-pjattaforma minn daww l-utenti kummerċjali, inkluż mill-utenti finali ta' dawn l-utenti kummerċjali, tas-servizzi ewlenin jew tas-servizzi anċillari tal-pjattaforma tiegħu jew ipprovduta minn daww l-utenti kummerċjali tas-servizzi ewlenin jew tas-servizzi anċillari tal-pjattaforma tiegħu jew mill-utenti finali ta' dawn l-utenti kummerċjali;

Emenda 235

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (gb) mill-mument tal-ewwel użu mill-utenti finali ta' kwalunkwe servizz ewlieni tal-pjattaforma installat minn qabel fuq sistema operatorja, iħeġġeġ lill-utenti finali jbiddu s-settings prestabbiliti għal dak is-servizz ewlieni tal-pjattaforma għal opzjoni oħra minn fost lista tas-servizzi tal-partijiet terzi ewlenin disponibbli, u jawtorizza u jippermetti teknikament lill-utenti finali jneħħu l-installazzjoni ta' applikazzjonijiet ta' software installati minn qabel fuq servizz ewlieni tal-pjattaforma fi kwalunkwe stadju mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li gwardjan jirrestrinġi tali diżinstallazzjoni fir-rigward ta' applikazzjonijiet ta' software li huma essenzjali għall-funzjonament tas-sistema operatorja jew tal-apparat u li ma jistgħux teknikament jiġu offruti waħedhom minn partijiet terzi;

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) joqgħod lura milli juża, f'kompetizzjoni mal-utenti kummerċjali, kwalunkwe data li ma tkunx disponibbli pubblikament, li tiġi ġġenerata bl-attivitajiet minn dawk l-utenti kummerċjali, inkluż mill-utenti finali ta' dawn l-utenti kummerċjali, tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tiegħu jew ipprovduta minn dawk l-utenti kummerċjali ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma tiegħu jew mill-utenti finali ta' dawn l-utenti kummerċjali;

imħassar

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) għall-finijiet kummerċjali tiegħu stess, u t-tqegħid ta' reklamar minn partijiet terzi fis-servizzi tiegħu stess, joqgħod lura milli jikkombina data personali għall-fini tat-twassil ta' reklamar immirat jew mikroimmirat, hliief jekk ikun ingħata kunsens ċar, espliċitu, imġedded u infurmat lill-gwardjan f'konformità mal-proċedura stabbilita fir-Regolament (UE) 2016/679 minn utent finali li ma jkunx minorenni.

Emenda 121

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jippermetti lill-utenti finali jneħħu kwalunkwe applikazzjoni tas-software installata minn qabel fuq is-servizz ewleni tal-pjattaforma tiegħu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li gwardjan jillimita din id-diżinstallazzjoni b'rabta ma' applikazzjonijiet tas-software li huma essenzjali għall-funzjonament tas-sistema operatorja jew tal-apparat u li ma jistgħux teknikament jiġu offruti waħedhom minn partijiet terzi;

imħassar

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) jippermetti l-installazzjoni u l-użu effettiv ta' applikazzjonijiet tas-software jew ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software ta' partijiet terzi li jużaw, jew li joperaw ma', sistemi operatorji ta' dak il-gwardjan, u jippermetti li dawn l-applikazzjonijiet tas-software jew il-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software jiġu aċċessati b'mezzi oħra għajr is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma ta' dak il-gwardjan. Il-gwardjan ma għandux jitwaqqaf milli jieħu miżuri proporzjonati biex jiżgura li applikazzjonijiet tas-software jew ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software ta' partijiet terzi ma jipperikolawx l-integrità tal-hardware jew tas-sistema operatorja pprovduta mill-gwardjan;

Emenda

- (c) jippermetti **u jagħmel possibbli b'mod tekniku** l-installazzjoni u l-użu effettiv ta' applikazzjonijiet tas-software jew ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software ta' partijiet terzi li jużaw, jew li joperaw ma', sistemi operatorji ta' dak il-gwardjan, u jippermetti li dawn l-applikazzjonijiet tas-software jew il-ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software jiġu aċċessati b'mezzi oħra għajr is-servizzi ewlenin **rilevanti** tal-pjattaforma ta' dak il-gwardjan. **Fejn ikun rilevanti, il-gwardjan għandu jsaqsi lill-utenti finali biex jiddeċiedu jekk iridux jagħmlu bħala d-default setting tagħhom l-applikazzjoni mniżżla jew l-app store.** Il-gwardjan ma għandux jitwaqqaf milli jieħu miżuri **li jkunu kemm strettament meħtieġa kif ukoll** proporzjonati biex jiżgura li applikazzjonijiet tas-software jew ħwienet ta' applikazzjonijiet tas-software ta' partijiet terzi ma jipperikolawx l-integrità tal-hardware jew tas-sistema operattiva pprovduta mill-gwardjan **jew idgħajfu l-protezzjoni jew iċ-ċibersigurtà tad-data tal-utenti finali, dment li tali miżuri meħtieġa u proporzjonati jkunu debitament ġustifikati mill-gwardjan;**

Emenda 123

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

- (d) **joqgħod lura milli jagħti klassifikazzjoni** aktar favorevoli lil servizzi u prodotti offruti mill-gwardjan stess jew minn kwalunkwe parti terza li tappartjeni għall-istess impriża meta mqabbla ma' servizzi jew prodotti simili ta' parti terza u japplika kundizzjonijiet ġusti u nondiskriminatorji għal **din il-klassifikazzjoni;**

Emenda

- (d) **ma jittrattax b'mod** aktar favorevoli **fil-klassifikazzjoni jew f'settings oħrajn** lil servizzi u prodotti offruti mill-gwardjan stess jew minn kwalunkwe parti terza li tappartjeni għall-istess impriża meta mqabbla ma' servizzi jew prodotti simili ta' parti terza u japplika kundizzjonijiet **trasparenti,** ġusti u nondiskriminatorji għal **tali servizzi jew prodotti ta' parti terza;**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 124

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

- (e) **joqgħod lura milli jillimita** teknikament l-abbiltà tal-utenti finali li jaqilbu bejn servizzi jew applikazzjonijiet tas-software differenti, u li jabbonaw għalihom, **li jridu jiġu aċċessati bis-sistema operatorja tal-gwardjan**, inkluż fir-rigward tal-għażla ta' fornitur ta' aċċess għall-internet għall-utenti finali;

Emenda

- (e) **ma jirrestrinġix** teknikament **jew b'xi mod ieħor** l-abbiltà tal-utenti finali li jaqilbu bejn servizzi jew applikazzjonijiet tas-software differenti, u li jabbonaw għalihom, inkluż fir-rigward tal-għażla ta' fornitur ta' aċċess għall-internet għall-utenti finali;

Emenda 125

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- (ea) **joqgħod lura minn Prattiki li jxekklu l-possibbiltà għall-utent finali li jneħħi l-abbonament minn servizz ewlieni tal-pjattaforma;**

Emenda

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 126

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) jipprovdi **aċċess** lill-utenti kummerċjali **u lill-fornituri** ta' servizzi anċillari **għal, u interoperabbiltà ma', l-istess sistema** operatorja, **hardware jew karatteristiċi** tas-software li jkunu disponibbli **jew li jintużaw fil-forniment mill-gwardjan ta' xi servizz** anċillari;

Emenda

(f) jipprovdi lill-utenti kummerċjali, **lill-fornituri tas-servizzi u lill-fornituri tal-hardware aċċess** mingħajr **hłas għall-istess karatteristiċi tal-hardware u tas-software aċċessati jew ikkontrollati permezz ta' sistema operattiva**, kif ukoll **interoperabbiltà magħhom, dment li s-sistema operattiva tkun identifikata skont l-Artikolu 3(7)**, li jkunu disponibbli għal servizzi jew hardware ipprovduti mill-gwardjan. Il-fornituri ta' servizzi anċillari **għandhom jingħataw ukoll aċċess għall-istess karatteristiċi tas- sistema** operatorja, **tal-hardware jew tas-software, u interoperabbiltà magħhom, irrISPettivament minn jekk daww il-karatteristiċi tas-software jkunux parti minn sistema operatorja**, li jkunu disponibbli għal servizzi anċillari pprovduti minn gwardjan. Il-gwardjan ma għandux jinżamm milli jieħu miżuri indispensabbli biex jiżgura li l-interoperabbiltà ma tikkompromettix l-integrità tal-karatteristiċi tas-sistema operatorja, tal-hardware jew tas-software ipprovduti mill-gwardjan, jew ma ddgħajjifx il-protezzjoni jew iċ-ċibersigurtà tad-data tal-utent finali, dment li tali miżuri indispensabbli jkunu debitament ġustifikati mill-gwardjan.

Emenda 127

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(fa) jippermetti lil kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri fuq talba tagħhom u mingħajr **hłas** biex jinterkonnnettja mal-gwardjani tas-servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri identifikati skont l-Artikolu 3(7). L-interkonnnessjoni għandha tiġi pprovduta b'mod oġġettiv bl-istess kundizzjonijiet u kwalità li jkunu disponibbli jew użati mill-gwardjan, mis-sussidjarji tiegħu jew mis-sħab tiegħu, biex b'hekk tkun tista' ssir interazzjoni funzjonali ma' dawn is-servizzi, filwaqt li jiġi ggarantit livell għoli ta' sigurtà u protezzjoni tad-data personali;

Emenda

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 128

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (fb) jippermetti lil kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' network soċjali fuq talba tagħhom u mingħajr ħlas jinterkonnettja mas-servizzi tan-network soċjali tal-gwardjani identifikati skont l-Artikolu 3(7). L-interkonnnessjoni għandha tiġi pprovduta b'mod oġġettiv bl-istess kundizzjonijiet u kwalità li huma disponibbli jew użati mill-gwardjan, mis-sussidjarji tiegħu jew mis-sħab tiegħu, biex b'hekk tkun tista' ssir interazzjoni funzjonali ma' dawn is-servizzi, filwaqt li jiġi ggarantit livell għoli ta' sigurtà u protezzjoni tad-data personali. L-implimentazzjoni ta' dan l-obbligu hija soġġetta għall-ispeċifikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(2a);

Emenda 129

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (g) jipprovdi aċċess lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi, meta jitolbuh u mingħajr ħlas, għall-għodod tal-kejl tal-prestazzjoni tal-gwardjan u għall-informazzjoni meħtieġa għar-reklamaturi u għall-pubblikaturi biex iwettqu l-verifika indipendenti tagħhom stess tal-inventarju tar-reklami;

- (g) jipprovdi aċċess lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi, **u lil partijiet terzi awtorizzati mir-reklamaturi u mill-pubblikaturi**, meta jitolbuh u mingħajr ħlas, għall-għodod tal-kejl tal-prestazzjoni tal-gwardjan u għall-informazzjoni meħtieġa għar-reklamaturi u għall-pubblikaturi biex iwettqu l-verifika indipendenti tagħhom stess tal-inventarju tar-reklami, **inklużi data aggregata u mhux aggregata u data tal-prestazzjoni b'mod li jippermetti lir-reklamaturi u lill-pubblikaturi joperaw l-għodod ta' verifika u kejl tagħhom stess biex jivvalutaw il-prestazzjoni tas-servizzi ewlenin ipprovduti mill-gwardjani;**

Emenda 130

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (h) jipprovdi **trasferibbiltà** effettiva tad-data **ġġenerata bl-attività ta' utent kummerċjali jew ta' utent finali u għandu, b'mod partikolari**, jipprovdi għodod **lill-utenti finali** biex jiffaċilita l-eżerċizzju **tat-trasferibbiltà** tad-data, f'konformità mar-Regolament UE 2016/679, inkluż bil-forniment ta' aċċess kontinwu u f'ħin reali;

- (h) jipprovdi **lill-utenti finali, jew lil partijiet terzi awtorizzati minn utent finali, fuq talba tagħhom u mingħajr ħlas, portabbiltà** effettiva tad-data **pprovduta mill-utent finali jew iġġenerata permezz tal-attività tagħhom fil-kuntest tal-użu tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma rilevanti, inkluż billi** jipprovdi għodod **mingħajr ħlas** biex jiffaċilita l-eżerċizzju **effettiv ta' tali portabbiltà** tad-data, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, inkluż bil-forniment ta' aċċess kontinwu u f'ħin reali;

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 131

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

- (i) jipprovdi aċċess u użu **effettivi, ta' kwalità għolja**, kontinwi u f'ħin reali lill-utenti kummerċjali, jew lil partijiet terzi awtorizzati minn utent kummerċjali, mingħajr ħlas, għad-data aggregata **jew** mhux aggregata li tkun ipprovduta jew iġġenerata fil-kuntest tal-użu tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma rilevanti **mill-utenti** kummerċjali u l-utenti finali li jinteraġixxu mal-prodotti jew is-servizzi pprovduti minn dawk l-utenti kummerċjali; għad-data personali, jipprovdi aċċess u użu biss meta dawn ikunu konnessi direttament mal-użu li jkun sar mill-utent finali fir-rigward tal-prodotti jew is-servizzi offruti mill-utent kummerċjali rilevanti tramite s-servizz ewleni tal-pjattaforma rilevanti, u meta l-utent finali jaċċetta din il-kondiviżjoni b'kunsens fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679;

Emenda

- (i) jipprovdi aċċess u użu kontinwi u f'ħin reali lill-utenti kummerċjali, jew lil partijiet terzi awtorizzati minn utent kummerċjali, **fuq talba tagħhom**, mingħajr ħlas, għad-data aggregata **u** mhux aggregata, li tkun ipprovduta jew iġġenerata fil-kuntest tal-użu tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma rilevanti **jew tas-servizzi anċillari offruti mill-gwardjan minn dawk l-utenti** kummerċjali u l-utenti finali li jinteraġixxu mal-prodotti jew is-servizzi pprovduti minn dawk l-utenti kummerċjali; **dan għandu jinkludi, fuq it-talba tal-utent kummerċjali, il-possibbiltà u l-għodod neċessarji biex tiġi aċċessata u analizzata d-data "in-situ" mingħajr trasferiment mill-gwardjan**; għad-data personali, jipprovdi aċċess u użu biss meta dawn ikunu konnessi direttament mal-użu li jkun sar mill-utent finali fir-rigward tal-prodotti jew is-servizzi offruti mill-utent kummerċjali rilevanti tramite s-servizz ewleni tal-pjattaforma rilevanti, u meta l-utent finali jaċċetta din il-kondiviżjoni b'kunsens fis-sens tar-Regolament (UE) 2016/679;

Emenda 132

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

- (k) japplika kundizzjonijiet ġenerali ġusti u nondiskriminatorji għall-aċċess **tal-utenti** kummerċjali **għall-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software** tiegħu **ddeżinjat** skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Emenda

- (k) japplika kundizzjonijiet ġenerali **trasparenti**, ġusti, **raġonevoli** u nondiskriminatorji għall-aċċess **u kundizzjonijiet li mhumiex inqas favorevoli mill-kundizzjonijiet applikati għas-servizzi tiegħu stess għall-utenti** kummerċjali **għas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma** tiegħu **ddeżinjati** skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 133

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 6 – paragrafu 2

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(a), id-data li ma tkunx disponibbli pubblikament għandha tinkludi kwalunkwe data aggregata u mhux aggregata ġġenerata mill-utenti kummerċjali li tista' tiġi dedotta mill-attivitajiet kummerċjali, jew miġbura bis-saħħa tagħhom, tal-utenti kummerċjali jew tal-klijenti tagħhom fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma tal-gwardjan.

Emenda

Artikolu 5 – paragrafu 2

2. Għall-finijiet **tal-punt (ga)** tal-paragrafu 1, id-data li ma tkunx disponibbli pubblikament għandha tinkludi kwalunkwe data aggregata u mhux aggregata ġġenerata mill-utenti kummerċjali li tista' tiġi dedotta mill-attivitajiet kummerċjali, jew miġbura bis-saħħa tagħhom, tal-utenti kummerċjali jew tal-klijenti tagħhom fuq is-servizz ewlieni tal-pjattaforma **jew is-servizzi anċillari** tal-gwardjan.

Emenda 134

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Il-miżuri implimentati mill-gwardjan** biex **tiġi żgurata l-konformità** mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 **għandhom ikunu effettivi biex jintlaħaq l-objettiv tal-obbligu rilevanti**. Il-gwardjan għandu jiżgura li **dawn il-miżuri jiġu implimentati f'konformità** mar-Regolament (UE) 2016/679 u **d-Direttiva** 2002/58/KE, u mal-leġiżlazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, il-protezzjoni tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti.

Emenda

1. **Il-gwardjan għandu jimplimenta miżuri effettivi** biex **jiżgura l-konformità tiegħu** mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6, **u għandu juri dik il-konformità, meta jintalab jagħmel dan**. Il-gwardjan għandu jiżgura li **l-miżuri li jimplimenta jkunu jikkonformaw** mar-Regolament (UE) 2016/679, **mad-Direttiva** 2002/58/KE, u mal-leġiżlazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, il-protezzjoni tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti, **kif ukoll mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà skont id-Direttiva 2019/882**.

Emenda 135

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. **Fi żmien sitt xhur wara d-deżinjazzjoni tiegħu u b'applikazzjoni tal-paragrafu 8 tal-Artikolu 3, il-gwardjan għandu jipprovdi lill-Kummissjoni rapport li jiddeskrivi b'mod iddettaljat u trasparenti l-miżuri implimentati biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6. Dan ir-rapport għandu jiġi aġġornat mill-inqas darba fis-sena.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 136

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. *Flimkien mar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1a u fl-istess perjodu ta' żmien, il-gwardjan għandu jagħti lill-Kummissjoni sommarju mhux kunfidenzjali tar-rapport tiegħu li għandu jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Is-sommarju mhux kunfidenzjali għandu jiġi aġġornat mill-inqas kull sena skont ir-rapport dettaljat.*

Sabiex jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6 fejn il-gwardjan ikollu dubju raġonevoli dwar il-metodu jew il-metodi ta' konformità xierqa, il-gwardjan jista' jitlob li l-Kummissjoni tinvolvi ruħha fi proċess biex tirċievi u tindirizza talbiet għal kjarifika u wara tispeċifika aktar il-miżuri rilevanti li gwardjan għandu jadotta sabiex jikkonforma b'mod effettiv u proporzjonat ma' dawk l-obbligi. Speċifikazzjoni ulterjuri tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6 għandha tkun limitata għal kwistjonijiet relatati mal-iżgurar ta' konformità effettiva u proporzjonata mal-obbligi. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tikkonsulta ma' partijiet terzi li tqis li l-opinjonijiet tagħhom huma meħtieġa fir-rigward tal-miżuri li l-gwardjan huwa mistenni jimplementa. It-tul tal-proċess ma għandux jestendi lil hinn mill-perjodu stabbilit fl-Artikolu 3(8), bil-possibbiltà ta' estensjoni ta' xahrejn, fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni, jekk il-proċess ta' dialogu ma jkunx ġie konkluż qabel l-iskadenza tal-perjodu msemmi.

Il-Kummissjoni għandha żżomm id-diskrezzjoni biex tiddeċiedi jekk tidħolx f'tali proċess, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipji tat-trattament ugwali, tal-proporzjonalità u tal-proċess ġust. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tidħolx f'tali proċess, hija għandha ttipprovi ġustifikazzjoni bil-miktub lill-gwardjan rilevanti. Fi tmiem dan il-proċess, il-Kummissjoni tista' wkoll b'deċiżjoni tispeċifika l-miżuri li l-gwardjan ikkonċernat għandu jimplementa u li jirriżultaw mill-konklużjoni ta' dan il-proċess, kif stabbilit fil-paragrafu 1b.

Emenda 137

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Meta l-Kummissjoni ssib li l-miżuri li l-gwardjan ikun beħsiebu jimplementa, jew li jkun implimenta, skont il-paragrafu 1 ma jiżgurawx konformità effettiva mal-obbligi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 6, din tista', permezz ta' deċiżjoni, tispeċifika l-miżuri li l-gwardjan ikkonċernat għandu jimplementa. Il-Kummissjoni għandha tadotta din id-deċiżjoni **fi żmien** **sitt** xhur **mill-ftuħ** tal-proċedimenti skont l-Artikolu 18.

2. Meta l-Kummissjoni ssib li l-miżuri li l-gwardjan ikun beħsiebu jimplementa, jew li jkun implimenta, skont il-paragrafu 1 ma jiżgurawx konformità effettiva mal-obbligi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 6, din tista', permezz ta' deċiżjoni, tispeċifika l-miżuri li l-gwardjan ikkonċernat għandu jimplementa. Il-Kummissjoni għandha tadotta din id-deċiżjoni **mill-aktar fis possibbli, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn erba'** xhur **wara l-ftuħ** tal-proċedimenti skont l-Artikolu 18.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 138

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. **Fid-dawl** tal-adozzjoni tad-deċiżjoni skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tikkomunika **l-konklużjonijiet** preliminari tagħha **fi żmien tliet xhur** mill-ftuħ tal-proċedimenti. Fis-sejbiet preliminari, il-Kummissjoni għandha tispjega l-miżuri li tqis li se tiegħu jew li l-fornitur tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma kkonċernat għandu jieħu biex is-sejbiet preliminari jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Emenda

4. **Bil-ħsieb** tal-adozzjoni tad-deċiżjoni skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tikkomunika **s-sejbiet** preliminari tagħha **u tippubblika sommarju konċiż mill-aktar fis possibbli, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn xahrejn** mill-ftuħ tal-proċedimenti. Fis-sejbiet preliminari, il-Kummissjoni għandha tispjega l-miżuri li **qed** tqis li se tiegħu jew **li tqis** li l-fornitur tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma kkonċernat għandu jieħu biex is-sejbiet preliminari jiġu indirizzati b'mod effettiv. **Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tistieden lill-partijiet terzi interessati jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom f'limitu ta' żmien, li jkun ġie stabbilit mill-Kummissjoni fil-pubblikazzjoni tagħha. Mal-pubblikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti l-attenzjoni dovuta lill-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.**

Emenda 139

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Gwardjan jista' jitlob il-ftuħ ta' proċedimenti skont l-Artikolu 18 biex il-Kummissjoni tiddetermina jekk il-miżuri li l-gwardjan ikun beħsiebu jimplementa jew li jkun implimenta skont l-Artikolu 6 humiex effettivi biex jintlaħaq l-objettiv tal-obbligu rilevanti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi. **Gwardjan jista', mat-talba** tiegħu, jipprovdi sottomissjoni motivata biex jispjega b'mod partikolari għalfejn il-miżuri li jkun beħsiebu jimplementa jew li jkun implimenta huma effettivi biex jintlaħaq l-objettiv tal-obbligu rilevanti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi.

Emenda

7. Gwardjan jista' jitlob, **fi żmien l-iskadenza tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 3(8)**, il-ftuħ ta' proċedimenti skont l-Artikolu 18 biex il-Kummissjoni tiddetermina jekk il-miżuri li l-gwardjan ikun beħsiebu jimplementa jew li jkun implimenta skont l-Artikolu 6 humiex effettivi biex jintlaħaq l-objettiv tal-obbligu rilevanti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi. **Fit-talba** tiegħu, **il-gwardjan għandu** jipprovdi sottomissjoni motivata biex jispjega b'mod partikolari għalfejn il-miżuri li jkun beħsiebu jimplementa jew li jkun implimenta huma effettivi biex jintlaħaq l-objettiv tal-obbligu rilevanti fiċ-ċirkostanzi speċifiċi. **Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha fi żmien sitt xhur mill-ftuħ tal-proċedimenti skont l-Artikolu 18.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 140
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista', wara talba motivata mill-gwardjan, tissospendi **b'mod** eċċezzjonali, kompletament jew parzjalment, obbligu speċifiku stabbilit fl-Artikoli 5 u 6 għal servizz ewlieni tal-pjattaforma, permezz ta' deċiżjoni adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4), meta l-gwardjan juri li l-konformità ma' dak l-obbligu speċifiku tista' tipperikola, minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tal-gwardjan, il-vijabbiltà ekonomika tal-operazzjoni tal-gwardjan fl-Unjoni, u sal-punt biss meħtieġ biex tiġi indirizzata din id-theddida għall-vijabbiltà tiegħu. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li tadotta d-deċiżjoni ta' sospensjoni mingħajr dewmien u sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tirċievi talba motivata sħiħa.

Emenda

1. Il-Kummissjoni tista', wara talba motivata mill-gwardjan, tissospendi, **fuq bażi** eċċezzjonali, kompletament jew parzjalment, obbligu speċifiku stabbilit fl-Artikoli 5 u 6 għal servizz ewlieni tal-pjattaforma, permezz ta' deċiżjoni adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4), meta l-gwardjan juri li l-konformità ma' dak l-obbligu speċifiku tista' tipperikola, minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tal-gwardjan, il-vijabbiltà ekonomika tal-operazzjoni tal-gwardjan fl-Unjoni, u sal-punt biss meħtieġ biex tiġi indirizzata din id-theddida għall-vijabbiltà tiegħu. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li tadotta d-deċiżjoni ta' sospensjoni mingħajr dewmien u sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tirċievi talba motivata sħiħa. **Id-deċiżjoni ta' sospensjoni għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni motivata li tispjega l-motivi għas-sospensjoni.**

Emenda 141
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta tingħata s-sospensjoni skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni tagħha ta' sospensjoni kull sena. Wara din ir-reviżjoni l-Kummissjoni għandha tneħħi s-sospensjoni jew tiddeċiedi li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1 għadhom qed jiġu ssodisfati.

Emenda

2. Meta tingħata s-sospensjoni skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni tagħha ta' sospensjoni kull sena. Wara din ir-reviżjoni l-Kummissjoni għandha tneħħi s-sospensjoni **kompletament jew parzjalment** jew tiddeċiedi li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1 għadhom qed jiġu ssodisfati.

Emenda 142
Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tista', filwaqt li taġixxi skont talba motivata ta' gwardjan, tissospendi proviżorjament l-applikazzjoni tal-obbligu rilevanti għal servizz ewlieni individwali wieħed jew aktar tal-pjattaforma, diġà qabel id-deċiżjoni skont il-paragrafu 1.

Emenda

F'każijiet ta' urġenza, il-Kummissjoni tista', filwaqt li taġixxi skont talba motivata ta' gwardjan, tissospendi proviżorjament l-applikazzjoni tal-obbligu rilevanti għal servizz ewlieni individwali wieħed jew aktar tal-pjattaforma, diġà qabel id-deċiżjoni skont il-paragrafu 1.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 143

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-valutazzjoni tat-talba, il-Kummissjoni għandha tqis, b'mod partikolari, l-impatt tal-konformità mal-obbligu speċifiku fuq il-vijabbiltà ekonomika tal-operazzjoni tal-gwardjan fl-Unjoni kif ukoll fuq partijiet terzi. Is-sospensjoni tista' tiġi soġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li jridu jiġu ddefiniti mill-Kummissjoni biex jiġi żgurat bilanċ ġust bejn dawn l-interessi u l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament. Din it-talba tista' ssir u tiġi aċċettata fi kwalunkwe ħin sakemm issir il-valutazzjoni tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 1.

Emenda

Fil-valutazzjoni tat-talba, il-Kummissjoni għandha tqis, b'mod partikolari, l-impatt tal-konformità mal-obbligu speċifiku fuq il-vijabbiltà ekonomika tal-operazzjoni tal-gwardjan fl-Unjoni kif ukoll fuq partijiet terzi, **b'mod partikolari l-utenti kummerċjali iżgħar u l-konsumaturi**. Is-sospensjoni tista' tiġi soġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li jridu jiġu ddefiniti mill-Kummissjoni biex jiġi żgurat bilanċ ġust bejn dawn l-interessi u l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament. Din it-talba tista' ssir u tiġi aċċettata fi kwalunkwe ħin sakemm issir il-valutazzjoni tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 1.

Emenda 144

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Eżenzjoni għal raġunijiet **prevalenti ta' interess pubbliku**

Emenda

Eżenzjoni għal raġunijiet **ta' moralità pubblika, saħħa pubblika jew sigurtà pubblika**

Emenda 145

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista', filwaqt li taġixxi skont talba motivata ta' gwardjan jew b'inizjattiva tagħha stess, permezz ta' deċiżjoni adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4), teżentah kompletament jew parzjalment minn obbligu speċifiku stabbilit fl-Artikoli 5 u 6 fir-rigward ta' servizz ewlieni individwali tal-pjattaforma identifikat skont l-Artikolu 3(7), meta din l-eżenzjoni tkun iġġustifikata għar-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tirċievi talba motivata sħiħa.

Emenda

1. Il-Kummissjoni tista', filwaqt li taġixxi skont talba motivata ta' gwardjan jew b'inizjattiva tagħha stess, permezz ta' deċiżjoni adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4), teżentah kompletament jew parzjalment minn obbligu speċifiku stabbilit fl-Artikoli 5 u 6 fir-rigward ta' servizz ewlieni individwali tal-pjattaforma identifikat skont l-Artikolu 3(7), meta din l-eżenzjoni tkun iġġustifikata għar-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni dwar l-eżenzjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tirċievi talba motivata sħiħa. **Tali deċiżjoni għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni motivata li tispjega l-motivi għall-eżenzjoni.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 146

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. *Meta tingħata l-eżenzjoni skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-deċiżjoni tagħha ta' eżenzjoni kull sena. Wara tali rieżami, il-Kummissjoni għandha jew tneħħi l-eżenzjoni kompletament jew parzjalment jew tiddeċiedi li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1 għadhom qed jiġu ssodisfati.*

Emenda 147

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni tista', filwaqt li taġixxi skont talba motivata ta' gwardjan jew b'inizjattiva tagħha stess, tissospendi proviżorjament l-applikazzjoni tal-obbligu rilevanti għal servizz ewlieni individwali wieħed jew aktar tal-pjattaforma, diġà qabel id-deċiżjoni skont il-paragrafu 1.

F'każijiet ta' urġenza, il-Kummissjoni tista', filwaqt li taġixxi skont talba motivata ta' gwardjan jew b'inizjattiva tagħha stess, tissospendi proviżorjament l-applikazzjoni tal-obbligu rilevanti għal servizz ewlieni individwali wieħed jew aktar tal-pjattaforma, diġà qabel id-deċiżjoni skont il-paragrafu 1.

Emenda 148

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu **34 biex taġġorna l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6** meta, abbażi ta' investigazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 17, tkun identifikat **il-ħtieġa ta' obbligi ġodda li jindirizzaw** prattiki li jillimitaw il-kontestabbiltà ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew li jkunu inġusti bl-istess mod bħall-prattiki indirizzati mill-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu **37 biex bihom temenda l-Artikoli 5 u 6 billi żżid obbligi** meta, abbażi ta' investigazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 17, tkun identifikat **li dan ikun meħtieġ sabiex jiġi indirizzati** prattiki li jillimitaw il-kontestabbiltà ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew li jkunu inġusti bl-istess mod bħall-prattiki indirizzati mill-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6. **Dawk l-atti delegati jistgħu jżidu biss obbligi ġodda ma' dawk elenkati fl-Artikoli 5 u 6.**

Emenda 149

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. *Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 li jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6. Dawk l-atti delegati għandhom jipprevedu biss dan li ġej:*

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (a) kemm obbligu jkun japplika għal ċerti servizzi tal-pjattaforma ewlenija;
- (b) kemm obbligu jkun japplika biss għal subsett ta' utenti kummerċjali jew utenti finali; jew
- (c) kif għandhom jitwettqu l-obbligi biex tiġi żgurata l-effettività ta' daww l-obbligi;

Emenda 150

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (a) ikun hemm żbilanċ fid-drittijiet u l-obbligi fuq l-utenti kummerċjali u l-gwardjan ikun qed jikseb vantaġġ mill-utenti kummerċjali li jkun sproporzjonat għas-servizz ipprovdut mill-gwardjan lill-utenti kummerċjali; jew

- (a) ikun hemm żbilanċ fid-drittijiet u l-obbligi fuq l-utenti kummerċjali u l-gwardjan ikun qed jikseb vantaġġ mill-utenti kummerċjali li jkun sproporzjonat għas-servizz ipprovdut mill-gwardjan lill-utenti kummerċjali **jew lill-utenti finali**; jew

Emenda 151

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Fir-rigward tal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 6(1) fb, il-Kummissjoni għandha tadotta sa... [18 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] att delegat f'konformità mal-Artikolu 37 li jissupplimenta dan ir-Regolament billi jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-karatteristiċi xierqa għall-interkonnnessjoni tas-servizzi ta' networking soċjali online tal-gwardjani kif ukoll l-istandards jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' tali interkonnnessjoni. Tali standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiżguraw livell għoli ta' sigurtà u protezzjoni tad-data personali. Meta tiżviluppa standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta korpi ta' standardizzazzjoni jew partijiet interessati rilevanti oħra kif previst fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 152
Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 11

Antiċirkonvenzjoni

1. Gwardjan għandu jiżgura li l-obbligi tal-Artikoli 5 u 6 jiġu rrispettati għalkollox u b'mod effettiv. **Filwaqt li l-obbligi tal-Artikoli 5 u 6 japplikaw fir-rigward ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma ddeżinjati skont l-Artikolu 3, l-implimentazzjoni tagħhom ma għandhiex tixxekkel minn xi mgħiba tal-impriża li għaliha jappartjeni l-gwardjan, irrISPETTIVAMENT minn jekk din l-imgħiba jkollhiex natura kuntrattwali, kummerċjali, teknika jew xi natura oħra.**

2. Meta jkun meħtieġ il-kunsens għall-għbir **u** l-ipproċessar ta' data personali biex tiġi żgurata konformità ma' dan ir-Regolament, gwardjan għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jippermetti li l-utenti kummerċjali jiksibu direttament il-kunsens meħtieġ għall-ipproċessar tagħha, meta meħtieġ skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, jew inkella li jikkonforma mar-regoli u l-prinċipji tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u tal-privatezza b'modi oħra, inkluż billi jipprovdi data anonimizzata lill-utenti kummerċjali kif xieraq u meta xieraq. **Il-gwardjan ma għandux jagħmel il-kisba ta' dan il-kunsens mingħand l-utent kummerċjali aktar diffiċli milli għas-servizzi tiegħu stess.**

Emenda

Artikolu 6a

Antiċirkonvenzjoni

1. Gwardjan għandu jiżgura li l-obbligi tal-Artikoli 5 u 6 jiġu rrispettati għalkollox u b'mod effettiv.

1a. Filwaqt li l-obbligi tal-Artikoli 5 u 6 japplikaw fir-rigward ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma ddeżinjati skont l-Artikolu 3, gwardjan, inkluż kwalunkwe impriża li għaliha jappartjeni l-gwardjan, ma għandux jinvolvi ruħu f'xi mgħiba, irrISPETTIVAMENT minn jekk din l-imgħiba tkunx ta' natura kuntrattwali, kummerċjali, teknika jew xi natura oħra, li, filwaqt li tkun formalment, kunċettwalment jew teknikalment distinta minn imgħiba pprojbta skont l-Artikoli 5 u 6, tkun kapaċi, fil-prattika, li jkollha għan jew effett ekwivalenti.

1b. Il-gwardjan ma għandu jieħu sehem fl-ebda imgħiba li tiskoraġġixxi l-interoperabbiltà billi juża miżuri tekniċi ta' protezzjoni, termini diskriminatorji ta' servizz, jissoġġetta l-interfaċċi tal-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-awtur jew jipprovdi informazzjoni qarrieqa.

2. Meta jkun meħtieġ il-kunsens għall-għbir, l-ipproċessar **u l-kondiviżjoni** ta' data personali biex tiġi żgurata konformità ma' dan ir-Regolament, gwardjan għandu jieħu l-passi meħtieġa biex **jew** jippermetti li l-utenti kummerċjali jiksibu direttament il-kunsens meħtieġ għall-ipproċessar tagħha, meta **jkun** meħtieġ skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, jew inkella li jikkonforma mar-regoli u l-prinċipji tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u tal-privatezza b'modi oħra, inkluż billi jipprovdi data anonimizzata lill-utenti kummerċjali kif xieraq u meta xieraq.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Test propost mill-Kummissjoni

3. Gwardjan ma għandux inaqas il-kundizzjonijiet jew il-kwalità ta' xi servizz ewlieni tal-pjattaforma pprovdut lil utenti kummerċjali jew lil utenti finali li jeżerċitaw id-drittijiet jew l-għażliet stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6, jew jagħmel l-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet jew l-għażliet diffiċli b'mod mhux xieraq.

Emenda

3. Gwardjan ma għandux inaqas il-kundizzjonijiet jew il-kwalità ta' xi servizz ewlieni tal-pjattaforma pprovdut lil utenti kummerċjali jew lil utenti finali li jeżerċitaw id-drittijiet jew l-għażliet stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6, jew jagħmel l-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet jew l-għażliet diffiċli b'mod mhux xieraq, **inkluż billi joffri għażliet lill-utent finali b'mod mhux newtrali, jew billi jdgħajjef l-awtonomija, it-teħid tad-deċiżjonijiet jew l-għażla tal-utent permezz tal-istruttura, id-diżinn, il-funzjoni jew il-mod tal-operat ta' interfaċċa tal-utent jew parti minnha.**

Emenda 153

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Gwardjan għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar kull konċentrazzjoni maħsuba skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 **li tinvolvi fornitur ieħor ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew ta' xi servizz ieħor ipprovdut fis-settur diġitali** irrispettivament minn jekk ikunx notifikabbli lil awtorità tal-kompetizzjoni tal-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 139/2004 jew lil awtorità kompetenti nazzjonali tal-kompetizzjoni skont ir-regoli nazzjonali dwar il-fużjonijiet.

Emenda

Gwardjan għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar kull konċentrazzjoni maħsuba skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 irrispettivament minn jekk ikunx notifikabbli lil awtorità tal-kompetizzjoni tal-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 139/2004 jew lil awtorità nazzjonali kompetenti tal-kompetizzjoni skont ir-regoli nazzjonali dwar il-fużjonijiet.

Emenda 154

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti b'tali notifikati.

Emenda 155

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Jekk, wara kwalunkwe konċentrazzjoni kif previst fil-paragrafu 1, servizzi ewlenin addizzjonali tal-pjattaforma jilhqg individwalment il-limiti fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2), il-gwardjan ikkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan fi żmien tliet xhur mill-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni u jipprovdli l-informazzjoni lill-Kummissjoni li tisemma fl-Artikolu 3(2).

Emenda

3. Jekk, wara kwalunkwe konċentrazzjoni kif previst fil-paragrafu 1, **jintwera li** servizzi ewlenin addizzjonali tal-pjattaforma jilhqg individwalment il-limiti fil-punt (b) tal-Artikolu 3 (2), il-gwardjan ikkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan fi żmien tliet xhur mill-implimentazzjoni tal-konċentrazzjoni u jipprovdli l-informazzjoni lill-Kummissjoni li tisemma fl-Artikolu 3(2).

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 156

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jużaw l-informazzjoni li jirċievu skont il-paragrafu 1 biex jitolbu lill-Kummissjoni teżamina l-konċentrazzjoni skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004.

Emenda 157

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Il-Kummissjoni għandha tippubblika kull sena l-lista ta' akkwiżizzjonijiet li tkun ġiet informata dwarha mill-gwardjani.

Emenda 158

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fi żmien sitt xhur wara d-deżinjazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 3, gwardjan għandu jippreżenta deskrizzjoni awditjata b'mod indipendenti **lill-Kummissjoni** ta' kull teknika għat-tfassil tal-profilu dwar il-konsumaturi li l-gwardjan japplika għas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tiegħu, jew fihom, identifikati skont l-Artikolu 3. Din id-deskrizzjoni għandha tiġi aġġornata mill-inqas darba fis-sena.

Fi żmien sitt xhur wara d-deżinjazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 3, gwardjan għandu jippreżenta **lill-Kummissjoni u lill-Grupp ta' Livell Għoli ta' Regolaturi Diġitali** deskrizzjoni awditjata b'mod indipendenti ta' kull teknika għat-tfassil tal-profilu dwar il-konsumaturi li l-gwardjan japplika għas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tiegħu, jew fihom, identifikati skont l-Artikolu 3. Din id-deskrizzjoni għandha tiġi aġġornata mill-inqas darba fis-sena. **Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, f'konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, mas-soċjetà ċivili u mal-esperti, l-istandards u l-proċedura tal-awditu.**

Emenda 159

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-gwardjan għandu jagħmel disponibbli għall-pubbliku ħarsa ġenerali tad-deskrizzjoni awditjata msemmija fl-ewwel paragrafu, filwaqt li jqis il-ħtieġa li tiġi rrispettata s-segretzza kummerċjali.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 160

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tkun saret bidla materjali f'xi wieħed mill-fatti li fuqhom tkun issejset id-deċiżjoni;

Emenda

(a) tkun saret bidla materjali f'xi wieħed mill-fatti li fuqhom tkun issejset id-deċiżjoni; **jew**

Emenda 161

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-Kummissjoni tista' titlob lil awtorità nazzjonali kompetenti waħda jew aktar issostni l-investigazzjoni tas-suq tagħha.

Emenda 162

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni tas-suq biex teżamina jekk fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandux jiġi ddeżinjat bħala gwardjan skont l-Artikolu 3(6), jew biex tidentifika servizzi ewlenin tal-pjattaforma għal gwardjan skont l-Artikolu 3(7). Għandha **tagħmel ħilitha biex** tikkonkludi l-investigazzjoni tagħha billi tadotta deċiżjoni **skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4)** fi żmien tnax-il xahar **mill-ftuħ tal-investigazzjoni tas-suq.**

Emenda

1. Il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni tas-suq biex teżamina jekk fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandux jiġi ddeżinjat bħala gwardjan skont l-Artikolu 3(6), jew biex tidentifika servizzi ewlenin tal-pjattaforma għal gwardjan skont l-Artikolu 3(7). **Il-Kummissjoni** għandha tikkonkludi l-investigazzjoni tagħha billi tadotta deċiżjoni fi żmien tnax-il xahar.

Emenda 163

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Waqt investigazzjoni tas-suq skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha **tagħmel ħilitha biex** tikkomunika s-sejbiet preliminari tagħha lill-fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma kkonċernat **fi żmien** sitt xhur mill-ftuħ tal-investigazzjoni. Fis-sejbiet preliminari, il-Kummissjoni għandha tispjega jekk tqisx, b'mod proviżorju, li l-fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandu jiġi ddeżinjat bħala gwardjan skont l-Artikolu 3(6).

Emenda

2. Waqt investigazzjoni tas-suq skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkomunika s-sejbiet preliminari tagħha lill-fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma kkonċernat **malajr kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn** sitt xhur mill-ftuħ tal-investigazzjoni. Fis-sejbiet preliminari, il-Kummissjoni għandha tispjega jekk tqisx, b'mod proviżorju, li l-fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandu jiġi ddeżinjat bħala gwardjan skont l-Artikolu 3(6).

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 164
Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta l-fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma jilħaq il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2), iżda jkun ippreżenta argumenti sostanzjali b'mod sinifikanti skont l-Artikolu 3(4), il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-investigazzjoni tas-suq fi żmien ħames xhur mill-ftuħ tal-investigazzjoni tas-suq b'deċiżjoni skont il-paragrafu 1. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkomunika s-sejbiet preliminari tagħha skont il-paragrafu 2 lill-fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma fi żmien tliet xhur mill-ftuħ tal-investigazzjoni.

Emenda

imħassar

Emenda 165
Proposta għal regolament
Artikolu 15b – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta l-Kummissjoni, skont l-Artikolu 3(6), tiddeżinja bħala gwardjan lil fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma li jkun għadu ma jgawdix pożizzjoni stabbilita u deġġiema fl-operazzjonijiet tiegħu, iżda jkun prevedibbli li fil-futur qrib se jgawdi pożizzjoni bħal din, din għandha tiddikjara applikabbli għal dak il-gwardjan, **dawk l-obbligi biss** li huma stabbiliti fl-Artikolu 5 (b) u **fil-punti (e), (f), (h) u (i) tal-Artikolu 6(1) kif speċifikat fid-deċiżjoni tad-deżinjazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddikjara applikabbli biss dawk l-obbligi li huma xierqa u meħtieġa biex jiġi evitat li l-gwardjan ikkonċernat jikseb pożizzjoni stabbilita u deġġiema fl-operazzjonijiet tiegħu b'mezzi inġusti.** Il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-deżinjazzjoni skont **il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4.**

Emenda

4. Meta l-Kummissjoni, skont l-Artikolu 3(6), tiddeżinja bħala gwardjan lil fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma li jkun għadu ma jgawdix pożizzjoni stabbilita u deġġiema fl-operazzjonijiet tiegħu, iżda jkun prevedibbli li fil-futur qrib se jgawdi pożizzjoni bħal din, din għandha tiddikjara applikabbli għal dak il-gwardjan, l-obbligi li huma stabbiliti fl-Artikolu 5 u **l-Artikolu 6.** Il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-deżinjazzjoni skont **l-Artikolu 4.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 166

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Meta l-investigazzjoni tas-suq turi li gwardjan ikun kiser b'mod sistematiku l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 **u kompli jsahha jew jestendi l-pożizzjoni ta' gwardjan tiegħu fir-rigward tal-karatteristiċi skont l-Artikolu 3(1)**, il-Kummissjoni tista', **permezz ta' deċiżjoni adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4)**, timponi **kwalunkwe rimedju** komportamentali jew strutturali fuq **dan** il-gwardjan li **jkun proporzjonat għall-ksur imwettaq u meħtieġ** biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi l-investigazzjoni tagħha billi tadotta deċiżjoni fi **żmien** tnax-il xahar mill-ftuħ tal-investigazzjoni tas-suq.

Emenda

1. **Il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni tas-suq bil-għan li teżamina jekk gwardjan kienx involut f'nonkonformità sistematika.** Meta l-investigazzjoni tas-suq turi li gwardjan ikun kiser b'mod sistematiku l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6, il-Kummissjoni tista' timponi **tali rimedji** komportamentali jew strutturali fuq **dak** il-gwardjan li **jkunu effettivi u meħtieġa** biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament. **Il-Kummissjoni għandha, fejn ikun xieraq, tkun intitolata titlob li r-rimedji jiġu ttestjati** biex tiġi **ottimizzata l-effettività tagħhom.** Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi l-investigazzjoni tagħha billi tadotta deċiżjoni **malajr kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn** tnax-il xahar mill-ftuħ tal-investigazzjoni tas-suq.

Emenda 167

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

1a. Skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', għal perjodu limitat, tirrestrinġi lill-gwardjani milli jagħmlu akkwisti f'oqsma rilevanti għal dan ir-Regolament dment li tali restrizzjonijiet ikunu proporzjonati u meħtieġa sabiex tiġi rimedjata l-ħsara kkawżata minn ksur ripetut jew biex tiġi evitata aktar ħsara lill-kontestabbiltà u lill-ġustizzja tas-suq intern.

Emenda

1a. Skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', għal perjodu limitat, tirrestrinġi lill-gwardjani milli jagħmlu akkwisti f'oqsma rilevanti għal dan ir-Regolament dment li tali restrizzjonijiet ikunu proporzjonati u meħtieġa sabiex tiġi rimedjata l-ħsara kkawżata minn ksur ripetut jew biex tiġi evitata aktar ħsara lill-kontestabbiltà u lill-ġustizzja tas-suq intern.

Emenda 168

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **Il-Kummissjoni tista' timponi biss rimedji strutturali skont il-paragrafu 1 meta ma jkun hemm l-ebda rimedju komportamentali effettiv u gwalment jew meta kull rimedju komportamentali effettiv u gwalment ikun piż akbar għall-gwardjan ikkonċernat mir-rimedju strutturali.**

Emenda

imħassar

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 169
Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Gwardjan għandu jitqies li jkun wettaq nonkonformità sistematika mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6, meta l-Kummissjoni tkun ħarġet mill-inqas **tlit** deċiżjonijiet ta' nonkonformità jew ta' multa skont l-Artikoli 25 u 26 rispettivament kontra gwardjan b'rabta ma' xi wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tiegħu fi żmien **ħames** snin qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ ta' investigazzjoni tas-suq fid-dawl tal-adozzjoni possibbli ta' deċiżjoni skont dan l-Artikolu.

Emenda

3. Gwardjan għandu jitqies li jkun wettaq nonkonformità sistematika mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6, meta l-Kummissjoni tkun ħarġet mill-inqas **żewġ** deċiżjonijiet ta' nonkonformità jew ta' multa skont l-Artikoli 25 u 26 rispettivament kontra gwardjan b'rabta ma' xi wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tiegħu fi żmien **għaxar** snin qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-ftuħ ta' investigazzjoni tas-suq fid-dawl tal-adozzjoni possibbli ta' deċiżjoni skont dan l-Artikolu.

Emenda 170
Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Gwardjan għandu jitqies li jkun saħħaħ aktar jew estenda l-pożizzjoni tiegħu ta' gwardjan fir-rigward tal-karatteristiċi skont l-Artikolu 3(1), meta l-impatt tiegħu fuq is-suq intern ikun kompli jżdid, l-importanza tiegħu bħala gateway għall-utenti kummerċjali biex jilhqg lill-utenti finali tkun żdidet jew il-gwardjan ikun igawdi pożizzjoni stabbilita u deġġiema ulterjuri fl-operazzjonijiet tiegħu.

Emenda

imħassar

Emenda 171
Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-oġġezzjonijiet tagħha lill-gwardjan ikkonċernat fi **żmien sitt** xhur mill-ftuħ tal-investigazzjoni. Fl-oġġezzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tispjega jekk preliminarjament tqisx li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1 huma ssodisfati u liema rimedju/i tqis **preliminarjament** li huma **meħtieġa** u **proporzjonati**.

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-oġġezzjonijiet tagħha lill-gwardjan ikkonċernat **malajr kemm jista' jkun, u** fi **kwalunkwe każ mhux aktar tard minn erba'** xhur mill-ftuħ tal-investigazzjoni. Fl-oġġezzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tispjega jekk preliminarjament tqisx li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1 huma ssodisfati u liema rimedju **jew rimedji** tqis **fuq bażi preliminari** li huma **effettivi** u **meħtieġa**.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 172

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. **Il-Kummissjoni tista', fi kwalunkwe ħin waqt** l-investigazzjoni tas-suq, testendi t-tul ta' żmien tal-investigazzjoni meta **L-estensjoni** tkun iġġustifikata għal raġunijiet oġġettivi u proporzjonati. L-estensjoni tista' tapplika għall-iskadenza sa meta l-Kummissjoni jkollha tippreżenta l-oġġezzjonijiet tagħha, jew għall-iskadenza tal-adozzjoni tad-deċiżjoni finali. It-tul ta' żmien totali ta' kwalunkwe estensjoni skont dan il-paragrafu ma għandux jaqbeż is-sitt xhur. **Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra impenji skont l-Artikolu 23 u tagħmilhom vinkolanti fid-deċiżjoni tagħha.**

Emenda

6. **Matul** l-investigazzjoni tas-suq, **il-Kummissjoni tista'** testendi t-tul ta' żmien tal-investigazzjoni meta **tali estensjoni** tkun iġġustifikata għal raġunijiet oġġettivi u proporzjonati. L-estensjoni tista' tapplika għall-iskadenza sa meta l-Kummissjoni jkollha tippreżenta l-oġġezzjonijiet tagħha, jew għall-iskadenza tal-adozzjoni tad-deċiżjoni finali. It-tul ta' żmien totali ta' kwalunkwe estensjoni **jew estensjonijiet** skont dan il-paragrafu ma għandux jaqbeż is-sitt xhur.

Emenda 173

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Sabiex jiġi żgurat li l-gwardjan jikkonforma b'mod effettiv mal-obbligi tiegħu stabbiliti fl-Artikoli 5 jew 6, il-Kummissjoni għandha regolarment tirrieżamina r-rimedji li timponi f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li timmodifika dawk ir-rimedji jekk, wara investigazzjoni, issib li mhumiex effettivi.

Emenda 174

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni tas-suq biex teżamina jekk servizz wieħed jew aktar fis-settur diġitali għandhomx jiżdiedu mal-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew biex tidentifika tipi ta' Prattiki li jistgħu jillimitaw il-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew li jkunu inġusti, u li ma jkunux indirizzati b'mod effettiv minn dan ir-Regolament. Għandha toħroġ rapport pubbliku fi żmien **24** xahar mill-ftuħ tal-investigazzjoni tas-suq.

Il-Kummissjoni tista' twettaq investigazzjoni tas-suq biex teżamina jekk servizz wieħed jew aktar fis-settur diġitali għandhomx jiżdiedu mal-lista tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew biex tidentifika tipi ta' Prattiki li jistgħu jillimitaw il-kontestabbiltà tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma jew li jkunu inġusti, u li ma jkunux indirizzati b'mod effettiv minn dan ir-Regolament. Għandha toħroġ rapport pubbliku fi żmien **18-il** xahar mill-ftuħ tal-investigazzjoni tas-suq.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 175**Proposta għal regolament****Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(ba) Il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li timponi miżuri interim jekk ikun hemm riskju ta' ħsara serja u immedjata għall-utenti kummerċjali jew għall-utenti finali tal-gwardjani.

Emenda 176**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' talba sempliċi jew deċiżjoni, titlob li impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluż għall-fini ta' monitoraġġ, implimentazzjoni u infurzar tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll aċċess għal bażijiet tad-data u algoritmi ta' impriżi u titlob spjegazzjonijiet dwar dawk b'talba sempliċi jew b'deċiżjoni.

1. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' talba sempliċi jew deċiżjoni, titlob li impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluż għall-fini ta' monitoraġġ, implimentazzjoni u infurzar tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll aċċess għal bażijiet tad-data, algoritmi ta' impriżi **u informazzjoni dwar l-ittestjar** u titlob spjegazzjonijiet dwar dawk b'talba sempliċi jew b'deċiżjoni.

Emenda 177**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

2. Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni mingħand impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi skont il-paragrafu 1 ukoll qabel il-ftuħ ta' investigazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 14 **jew ta' proċedimenti skont l-Artikolu 18.**

2. Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni mingħand impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi skont il-paragrafu 1 ukoll qabel il-ftuħ ta' investigazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 14.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 178**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 4***Test propost mill-Kummissjoni*

4. Meta l-Kummissjoni titlob l-informazzjoni mingħand impriżi u assoċjazzjonijiet tal-impriżi permezz ta' deċiżjoni, din għandha tiddikjara l-iskop tat-talba, tispeċifika liema informazzjoni hi meħtieġa u tiffissa l-limitu ta' żmien sa meta għandha tingħata. Meta l-Kummissjoni titlob li l-impriżi jipprovdu aċċess għall-bażijiet tad-data u l-algoritmi tagħhom, din għandha tiddikjara ***l-bażi ġuridika u*** l-iskop tat-talba, u tiffissa l-limitu ta' żmien sa meta għandu jingħata. Għandha tindika wkoll il-penali previsti fl-Artikolu 26, u tindika jew timponi l-pagamenti perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 27. Għandha tindika wkoll id-dritt li d-deċiżjoni tiġi riveduta mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Emenda

4. Meta l-Kummissjoni titlob l-informazzjoni mingħand impriżi u assoċjazzjonijiet tal-impriżi permezz ta' deċiżjoni, din għandha tiddikjara l-iskop tat-talba, tispeċifika liema informazzjoni hi meħtieġa u tiffissa l-limitu ta' żmien sa meta għandha tingħata. Meta l-Kummissjoni titlob li l-impriżi jipprovdu aċċess għall-bażijiet tad-data u l-algoritmi tagħhom, din għandha tiddikjara l-iskop tat-talba, ***tispeċifika liema informazzjoni hija meħtieġa*** u tiffissa l-limitu ta' żmien sa meta għandu jingħata. Għandha tindika wkoll il-penali previsti fl-Artikolu 26, u tindika jew timponi l-pagamenti perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 27. Għandha tindika wkoll id-dritt li d-deċiżjoni tiġi riveduta mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Emenda 179**Proposta għal regolament****Artikolu 20 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni ***tista' tintervista*** kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li taċċetta intervista biex tingħabar informazzjoni relatata mas-suġġett ta' investigazzjoni, inkluż b'rabta mal-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda

Il-Kummissjoni ***u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu, skont l-Artikolu 31c, jintervistaw*** kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li taċċetta intervista biex tingħabar informazzjoni relatata mas-suġġett ta' investigazzjoni, inkluż b'rabta mal-monitoraġġ, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 180**Proposta għal regolament****Artikolu 21 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jsiru wkoll bl-assistenza ta' awdituri jew esperti maħtura mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(2).

Emenda

2. L-ispezzjonijiet fuq il-post jistgħu jsiru wkoll bl-assistenza ta' awdituri jew esperti ***b'rotazzjoni*** maħtura mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(2).

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 181**Proposta għal regolament****Artikolu 22 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. **F'każ** ta' urġenza minħabba r-riskju ta' dannu serju u **irreparabbli** għall-utenti kummerċjali jew għall-utenti finali tal-gwardjani, il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4), tordna miżuri interim **kontra** gwardjan abbażi ta' sejba prima facie ta' ksur tal-Artikoli 5 jew 6.

Emenda

1. **F'każijiet** ta' urġenza minħabba r-riskju ta' dannu serju u **immedjat** għall-utenti kummerċjali jew għall-utenti finali tal-gwardjani, il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4), tordna miżuri interim **fil-konfront ta'** gwardjan abbażi ta' sejba prima facie ta' ksur tal-Artikoli 5 jew 6.

Emenda 182**Proposta għal regolament****Artikolu 22 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. Deċiżjoni skont il-paragrafu 1 **tista'** tiġi adottata biss fil-kuntest ta' proċedimenti miftuħa **fid-dawl tal-adozzjoni** possibbli ta' deċiżjoni ta' nonkonformità skont l-Artikolu 25 (1). **Din** id-deċiżjoni għandha tapplika għal perjodu ta' żmien speċifikat u tista' tiġġedded sa fejn dan ikun meħtieġ u xieraq.

Emenda

2. Deċiżjoni skont il-paragrafu 1 **għandha** tiġi adottata biss fil-kuntest ta' proċedimenti miftuħa **bl-għan li ssir l-adozzjoni** possibbli ta' deċiżjoni ta' nonkonformità skont l-Artikolu 25(1). **Dik** id-deċiżjoni għandha tapplika għal perjodu ta' żmien speċifikat u tista' tiġġedded sa fejn dan ikun meħtieġ u xieraq.

Emenda 183**Proposta għal regolament****Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

2a. **F'każijiet ta' urġenza, minħabba r-riskju ta' dannu serju u immedjat għall-utenti kummerċjali jew għall-utenti finali tal-gwardjani, li jirriżultaw minn Prattiki ġodda implimentati minn gwardjan wieħed jew aktar li jistgħu jimminaw il-kontestabbiltà tas-servizzi tal-pjattaforma ewlenija jew li jistgħu jkunu inġusti skont l-Artikolu 10(2), il-Kummissjoni tista' timponi miżuri interim fuq il-gwardjani kkonċernati sabiex tiġi evitata l-materjalizzazzjoni ta' tali riskju.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 184

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. *Deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2a ta' dan l-Artikolu għandha tiġi adottata biss fil-kuntest ta' investigazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 17 u fi żmien sitt xhur mill-ftuħ ta' tali investigazzjoni. Il-miżuri interim għandhom japplikaw għal perjodu ta' żmien speċifikat u, fi kwalunkwe każ, għandhom jiġġeddu jew jiġu rtirati sabiex titqies id-deċiżjoni finali li tirriżulta mill-investigazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 17.*

Emenda 185

Proposta għal regolament

Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 23

imħassar

Impenji

1. *Jekk waqt proċedimenti skont l-Artikoli 16 jew 25, il-gwardjan ikkonċernat joffri impenji għas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma rilevanti biex jiżgura konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6, il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4), tagħmel dawk l-impenji vinkolanti għal dak il-gwardjan u tiddikjara li mhemmx raġunijiet oħra għal azzjoni.*

2. *Il-Kummissjoni tista', meta tintalab jew b'inizjattiva tagħha stess, tiftaħ mill-ġdid il-proċedimenti rilevanti b'deċiżjoni, meta:*

- (a) *tkun saret bidla materjali f'xi wieħed mill-fatti li fuqhom tkun issejset id-deċiżjoni;*
- (b) *il-gwardjan kkonċernat jaġixxi kontra l-impenji tiegħu;*
- (c) *id-deċiżjoni kienet issejset fuq informazzjoni mhux kompluta, skorretta jew qarrieqa mogħtija mill-partijiet.*

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Jekk il-Kummissjoni jidhrilha li l-impjenji magħmula mill-gwardjan ikkonċernat ma jistgħux jiżguraw konformità effettiva mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6, din għandha tispjega r-raġunijiet għalfejn mhix se tagħmel dawk l-impjenji vinkolanti, fid-deċiżjoni li tikkonkludi l-proċedimenti rilevanti.

Emenda 186

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni **tista'** tiegħu l-azzjonijiet meħtieġa biex timmonitorja l-implimentazzjoni effettiva u l-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 u d-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikoli 7, 16, 22 u 23.

1. Il-Kummissjoni **għandha** tiegħu l-azzjonijiet meħtieġa biex timmonitorja l-implimentazzjoni effettiva u l-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6 u d-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikoli 7, 16, 22 u 23.

Emenda 187

Proposta għal regolament

Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 24a

Mekkaniżmu ta' lment

1. L-utenti kummerċjali, il-kompetituri, l-utenti finali tas-servizzi tal-pjattaforma ewlenija kif ukoll ir-rappreżentanti tagħhom jew persuni oħra b'interess leġittimu jistgħu, permezz ta' lment, jirrapportaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar kwalunkwe prattika jew imġiba minn gwardjani li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż in-nonkonformità.

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jivvalutaw tali lmenti u għandhom jirrapportawhom lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha teżamina jekk hemmx raġunijiet raġonevoli biex tiftaħ proċedimenti skont l-Artikolu 18 jew investigazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 14

2. Id-Direttiva (UE) 2019/1937 għandha tapplika għall-ilmenti u r-rapportar ta' ksur ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw tali ksur.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 188
Proposta għal regolament
Artikolu 24b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 24b

Funzjoni ta' verifika tal-konformità

1. Il-gwardjani għandhom jistabbilixxu funzjoni ta' verifika tal-konformità li tkun indipendenti mill-funzjonijiet operazzjonali tal-gwardjan u jaħtru uffiċjal tal-konformità wieħed jew aktar, inkluż il-kap tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità.

2. Il-gwardjan għandu jiżgura li l-funzjoni ta' verifika tal-konformità skont il-paragrafu 1 ikollha awtorità, statura u riżorsi suffiċjenti, kif ukoll aċċess għall-korp maniġerjali tal-gwardjan biex jimmonitorja l-konformità tal-gwardjan ma' dan ir-Regolament.

3. Il-gwardjani għandhom jiżguraw li l-uffiċjali tal-konformità maħtura skont il-paragrafu 1 ikollhom il-kwalifiki professjonali, l-għarfien, l-esperjenza u l-kapaċità meħtieġa biex iwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafu 4.

Il-gwardjani għandhom jiżguraw ukoll li l-kap tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità maħtur skont il-paragrafu 1 ikun maniġer superjuri b'responsabbiltà distinta għall-funzjoni ta' verifika tal-konformità u għandu jkun indipendenti mill-funzjonijiet operazzjonali u mill-korp maniġerjali tal-gwardjan.

4. Il-kap tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità għandu jirrapporta direttament lill-korp maniġerjali tal-gwardjan u għandu jkollu s-setgħat li jqajjem tħassib u jwissi lil dak il-korp fejn jirriżultaw riskji ta' nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali fil-funzjonijiet superviżorji u maniġerjali tiegħu.

Il-kap tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità ma għandux jitneħħa mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-korp maniġerjali tal-gwardjan.

5. L-uffiċjali tal-konformità maħtura mill-gwardjan skont il-paragrafu 1 għandhom jissorveljaw il-konformità tal-gwardjan mal-obbligi f'dan ir-Regolament, inklużi mill-inqas il-kompiti li ġejjin:

(a) l-organizzazzjoni, il-monitoraġġ u s-superviżjoni tal-miżuri u l-attivitajiet tal-gwardjani li għandhom l-għan li jiżguraw il-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament;

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *l-infurmar u l-għoti ta' pariri lill-maniġment u lill-impjegati tal-gwardjan dwar l-obbligi rilevanti skont dan ir-Regolament;*

(c) *fejn applikabbli, il-monitoraġġ tal-konformità mal-impenji magħmula vinkolanti skont l-Artikolu 23, mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-Kummissjoni tkun tista' taħtar esperti esterni indipendenti skont l-Artikolu 24(2).*

(d) *il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni għall-fini ta' dan ir-Regolament;*

6. *Il-gwardjani għandhom jikkomunikaw l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-kap tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità lill-Kummissjoni.*

7. *Il-korp maniġerjali tal-gwardjan għandu jiddefinixxi, jissorvelja u jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza tal-gwardjan li jiżguraw l-indipendenza tal-funzjoni ta' verifika tal-konformità, inkluż s-segregazzjoni tad-dmirijiet fl-organizzazzjoni tal-gwardjan u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess.*

Emenda 189

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1 – punt e

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(e) *l-impenji magħmula vinkolanti legalment skont l-Artikolu 23.*

imħassar

Emenda 190

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1a (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

1a. *Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha fi żmien 12-il xahar mill-ftuħ tal-proċedimenti skont l-Artikolu 18.*

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 191**Proposta għal regolament****Artikolu 25 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. Qabel ma tadotta d-deċiżjoni skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkomunika s-sejbiet preliminari tagħha lill-gwardjan ikkonċernat. **Fis-sejbiet** preliminari, il-Kummissjoni għandha tispjega l-miżuri li tqis li se tieħu jew li l-gwardjan għandu jieħu biex is-sejbiet preliminari jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Emenda

2. Qabel ma tadotta d-deċiżjoni skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkomunika s-sejbiet preliminari tagħha lill-gwardjan ikkonċernat. **F'dawk is-sejbiet** preliminari, il-Kummissjoni għandha tispjega l-miżuri li **qed** tqis li se tieħu jew **li tqis** li l-gwardjan għandu jieħu biex is-sejbiet preliminari jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Emenda 192**Proposta għal regolament****Artikolu 25 – paragrafu 4***Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-gwardjan għandu jagħti deskrizzjoni lill-Kummissjoni tal-miżuri li jkun ħa biex jiżgura l-konformità mad-deċiżjoni adottata skont il-paragrafu 1.

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Emenda 193**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 1 – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fid-deċiżjoni skont l-Artikolu 25, il-Kummissjoni tista' timponi multi fuq gwardjan li ma jaqbżux l-**10** % tal-fatturat totali tiegħu fis-sena finanzjarja preċedenti meta ssib li l-gwardjan, intenzjonalment jew b'negliġenza, jonqos milli jikkonforma ma':

Emenda

1. Fid-deċiżjoni skont l-Artikolu 25, il-Kummissjoni tista' timponi multi fuq gwardjan li ma **jkunux inqas minn 4 % u ma** jaqbżux l-**20** % tal-fatturat totali **dinji** tiegħu fis-sena finanzjarja preċedenti meta ssib li l-gwardjan, intenzjonalment jew b'negliġenza, jonqos milli jikkonforma ma':

Emenda 194**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(aa) L-obbligu li jinnotifika informazzjoni li hija meħtieġa skont l-Artikolu 12;

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 195**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) l-obbligu li jinnotifika informazzjoni li hija meħtieġa skont l-Artikolu 13 jew jipprovdri informazzjoni skorretta, mhux kompluta jew qarrieqa;

Emenda 196**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt e**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(e) impenn magħmul vinkolanti b'deċiżjoni skont l-Artikolu 23.

imħassar

Emenda 197**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 2 – punt b**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jonqsu milli jinnotifikaw informazzjoni li hija meħtieġa skont l-Artikolu 12 jew jipprovdri informazzjoni skorretta, mhux kompluta jew qarrieqa;

imħassar

Emenda 198**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 2 – punt c**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(c) jonqsu milli jagħtu d-deskrizzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 13;

imħassar

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 199**Proposta għal regolament****Artikolu 27 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta l-impriżi jkunu ssodisfaw l-obbligu li l-pagament perjodiku ta' penali kien maħsub jinforza, il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4), tistabbilixxi l-ammont definittiv tal-pagament perjodiku ta' penali ***f'ċifra aktar baxxa minn dik li tirriżulta mid-deċiżjoni oriġinali.***

Emenda

2. Meta l-impriżi jkunu ssodisfaw l-obbligu li l-pagament perjodiku ta' penali kien maħsub jinforza, il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4), tistabbilixxi l-ammont definittiv tal-pagament perjodiku ta' penali.

Emenda 200**Proposta għal regolament****Artikolu 28 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikoli 26 u 27 għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' preskrizzjoni ta' ***tliet*** snin.

Emenda

1. Is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikoli 26 u 27 għandhom ikunu soġġetti għal perjodu ta' preskrizzjoni ta' ***ħames*** snin.

Emenda 201**Proposta għal regolament****Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Qabel ma tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 7, l-Artikolu 8 (1), l-Artikolu 9(1), l-Artikoli 15, 16, 22, 23, 25 u 26, u l-Artikolu 27(2), il-Kummissjoni għandha tagħti l-opportunità ta' smiġh lill-gwardjan jew lill-impriża jew lill-assoċjazzjoni ta' impriżi kkonċernati, dwar:

Emenda

1. Qabel ma tadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 7, l-Artikolu 8 (1), l-Artikolu 9(1), l-Artikoli 15, 16, 22, 23, 25 u 26, u l-Artikolu 27(2), il-Kummissjoni għandha tagħti l-opportunità ta' smiġh lill-gwardjan jew lill-impriża jew lill-assoċjazzjoni ta' impriżi kkonċernati, ***inklużi l-partijiet terzi b'interess leġittimu,*** dwar:

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 202**Proposta għal regolament****Artikolu 30 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-gwardjani, l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom għas-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni flimitu ta' żmien li trid tistabbilixxi l-Kummissjoni fis-sejbiet preliminari tagħha u li ma jistax ikun inqas minn 14-il jum.

Emenda

2. Il-gwardjani, l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati **inklużi partijiet terzi b'interess leġittimu** jistgħu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom għas-sejbiet preliminari tal-Kummissjoni flimitu ta' żmien li trid tistabbilixxi l-Kummissjoni fis-sejbiet preliminari tagħha u li ma jistax ikun inqas minn 14-il jum.

Emenda 203**Proposta għal regolament****Artikolu 30 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom setgħu jikkumentaw il-gwardjani, l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom setgħu jikkumentaw il-gwardjani, l-impriżi, l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati u **partijiet terzi b'interess leġittimu**.

Emenda 233**Proposta għal regolament****Artikolu 30a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***Artikolu 30a****Obbligu ta' rendikont**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta rapport annwali dwar l-istat tal-ekonomija diġitali. Dan ir-rapport għandu jagħti analiżi tal-pożizzjoni tas-suq, l-influwenza u l-mudelli kummerċjali tal-gwardjani fis-suq komuni. Ir-rapport għandu jinkludi sommarju tal-attivitajiet tiegħu, b'mod partikolari l-miżuri superviżorji adottati skont il-Kapitolu II u IV ta' dan ir-Regolament kif ukoll valutazzjoni dwar jekk ir-regoli tal-kompetizzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament (u r-Regolament XX/2021 DSA) u l-livelli attwali ta' infurzar humiex adegwati biex jindirizzaw imġiba antikompetittiva u jiżguraw il-kontestabbiltà u l-ġustizzja tas-swieq diġitali. Dan ir-rapport annwali għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tar-rapporti tal-awditjar previsti fl-Artikolu 13 u valutazzjoni tal-impatt soċjali, li tivvaluta prodotti u servizzi diġitali ġodda u l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-saħħa mentali, l-imġiba tal-utent, id-diżinformazzjoni, il-polarizzazzjoni u d-demokrazija. Fil-qadi ta' dan il-mandat, il-Kummissjoni għandha tikkordina l-isforzi superviżorji u ta' monitoraġġ tagħha ma' dawk previsti skont ir-Regolament dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali, sabiex jinkisbu l-aħjar sinerġiji possibbli.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Parlament Ewropew, permezz tal-komitati kompetenti tiegħu, jista' jifformula opinjoni fuq bażi annwali dwar ir-rapport mill-Kummissjoni inklużi proposti għal investigazzjonijiet tas-suq dwar servizzi ġodda u prattiki ġodda skont l-Artikolu 17.

3. Il-Kummissjoni għandha twieġeb bil-miktub l-opinjoni adottata mill-Parlament Ewropew kif ukoll twieġeb kwalunkwe sejħa għal azzjoni li tikkonċerna l-Artikolu 17 tagħha, inkluż billi tipprova għal azzjoni prevista, u kwalunkwe mistoqsija indirizzata lilha mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ħames ġimgħat minn meta tirċeviha.

4. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tipparteċipa f'seduta ta' smiġh quddiem il-Parlament Ewropew. Għandha ssir seduta ta' smiġh tal-inqas darbtejn fis-sena. Il-Kummissarju rispettiv għandu jagħmel dikjarazzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u jwieġeb kwalunkwe mistoqsija mill-membri tiegħu, kull meta jintalab jagħmel dan. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat djalogu kontinwu u ta' livell għoli bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni permezz ta' skambji li jsiru mhux inqas minn erba' darbtejn fis-sena.

Emenda 204

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-informazzjoni miġbura skont l-Artikoli 3, **12, 13**, 19, 20 u **21** għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

1. L-informazzjoni miġbura skont l-Artikoli 3, 19, 20, **21** u **31d** għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Emenda 205

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 12 għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (KE) Nru 139/2004.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 206
Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. L-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 13 għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2016/679.

Emenda 207
Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Mingħajr preġudizzju għall-iskambju u l-użu ta' informazzjoni mogħtija għall-fini tal-użu skont l-Artikoli 32 u 33, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-uffiċjali u l-aġenti tagħhom u persuni oħra li jaħdmu bis-superviżjoni ta' dawn l-awtoritajiet u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inkluż l-awdituri u l-esperti maħtura skont l-Artikolu 24(2), ma għandhomx jiżvelaw informazzjoni miksuba jew skambjata minnhom skont dan ir-Regolament u tat-tip kopert mill-obbligu tas-segretezza professjonali. Dan l-obbligu għandu japplika wkoll għar-rappreżentanti u l-esperti kollha tal-Istati Membri li jipparteċipaw f'xi waħda mill-attivitajiet tal-Kumitat Konsultattiv għas-Swieq Diġitali skont l-Artikolu 32.

2. Mingħajr preġudizzju għall-iskambju u l-użu ta' informazzjoni mogħtija għall-fini tal-użu skont l-Artikoli **12, 13, 31d**, 32 u 33, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-uffiċjali u l-aġenti tagħhom u persuni oħra li jaħdmu bis-superviżjoni ta' dawn l-awtoritajiet u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inkluż l-awdituri u l-esperti maħtura skont l-Artikolu 24(2), ma għandhomx jiżvelaw informazzjoni miksuba jew skambjata minnhom skont dan ir-Regolament u tat-tip kopert mill-obbligu tas-segretezza professjonali. Dan l-obbligu għandu japplika wkoll għar-rappreżentanti u l-esperti kollha tal-Istati Membri li jipparteċipaw f'xi waħda mill-attivitajiet tal-Kumitat Konsultattiv għas-Swieq Diġitali skont l-Artikolu 32.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 208
Proposta għal regolament
Artikolu 31a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 31a

Grupp Ewropew ta' Livell Għoli ta' Regolaturi Diġitali

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Grupp ta' Livell Għoli Ewropew ta' Regolaturi Diġitali ("il-Grupp") fil-forma ta' grupp ta' esperti, li jikkonsisti minn rappreżentant tal-Kummissjoni, rappreżentant tal-korpi tal-Unjoni rilevanti, rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, u rappreżentanti ta' awtoritajiet kompetenti nazzjonali oħra f'setturi speċifiċi inklużi l-protezzjoni tad-data, il-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali rilevanti għandhom ikunu rappreżentati fil-grupp mill-kapijiet rispettivi tagħhom. Sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-Grupp, il-Kummissjoni għandha tipprovdilu segretarjat.
3. Il-ħidma tal-Grupp tista' tiġi organizzata fi gruppi ta' ħidma ta' esperti li jibnu timijiet interdixiplinari ta' regolaturi speċjalizzati li jipprovdur livell għoli ta' għarfien espert lill-Kummissjoni.

Emenda 209
Proposta għal regolament
Artikolu 31b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 31b

Kompiti tal-Grupp Ewropew ta' Livell Għoli ta' Regolaturi Diġitali

1. Il-Grupp għandu jassisti lill-Kummissjoni fl-iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament u fil-monitoraġġ tal-konformità tiegħu permezz ta' pariri, għarfien espert u rakkomandazzjonijiet. Għal dak il-għan, il-Grupp għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:
 - (a) li jikkunsidra kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom billi jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar Prattiki dwar il-ħidma tagħhom u l-prinċipji u l-prattiki tat-teħid tad-deċiżjonijiet bl-għan li jiġi żviluppat approċċ regolatorju konsistenti;
 - (b) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jitwettqu investigazzjonijiet tas-suq skont l-Artikoli 14, 15, 16 u 17;
 - (c) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jiġu aġġornati l-obbligi tar-Regolament skont l-Artikoli 5 u 6;

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (d) li jipprovdi pariri u għarfien espert lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' proposti leġiżlattivi u inizjattivi ta' politika inkluż skont l-Artikolu 38;
- (e) li jipprovdi pariri u għarfien espert lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' atti delegati;
- (f) fejn meħtieġ, li jipprovdi pariri u għarfien espert fit-tħejjija bikrija ta' atti ta' implimentazzjoni, qabel ma jiġu ppreżentati lill-kumitat b'mod konformi mar-Regolament (UE) Nru 182/2011; u
- (g) fuq it-talba tal-Kummissjoni, li jipprovdi parir tekniku u għarfien espert qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' speċifikazzjoni skont l-Artikolu 7.

2. Il-Grupp għandu jirrapporta kull sena dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Parlament Ewropew u joffri rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti ta' politika relatati mal-infurzar ta' dan ir-Regolament u kwistjonijiet oħra li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' approċċ regolatorju konsistenti għas-suq uniku diġitali.

3. Il-Grupp għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu f'konformità mar-regoli tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni stabbiliti bid-deċiżjoni C(2016)3301 tal-Kummissjoni.

4. Il-laqgħat tal-Grupp mal-partijiet ikkonċernati u mal-wardjani għandhom jiġu rreġistrati u ppubblikati kull xahar f'konformità mar-reġistru ta' trasparenza tal-UE.

Emenda 210

Proposta għal regolament

Artikolu 31c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 31c

Ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u ta' awtoritajiet kompetenti oħra

1. L-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni kif ukoll awtoritajiet kompetenti oħra ddeżinjati mill-Istati Membri għandhom jappoġġaw lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament u tal-infurzar tal-istess obbligi u jirrapportaw regolarment lill-Kummissjoni dwar il-konformità ma' dan ir-Regolament.
2. L-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni kif ukoll awtoritajiet kompetenti oħra jistgħu jipprovdu, taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni, appoġġ għal investigazzjoni tas-suq jew proċedimenti skont l-Artikoli 7(2), 15, 16, 17, 19, 20, 21 billi jiġbru informazzjoni u jipprovdu għarfien espert.
3. L-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni kif ukoll awtoritajiet kompetenti oħra jistgħu jiġbru lmenti skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 24a.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 211
Proposta għal regolament
Artikolu 31d(ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 31d

Kooperazzjoni u koordinazzjoni mal-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib u jikkoordinaw l-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom biex jiżguraw infurzar koerenti, effettiv u komplementari ta' dan ir-Regolament.

2. Fejn awtorità nazzjonali tkun biħsiebha tnedi investizzjoni dwar gwardjani abbażi ta' liġijiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 1(6), hija għandha tinforma lill-Kummissjoni bil-miktub dwar l-ewwel miżura investigattiva formali, qabel jew immedjatament wara l-bidu ta' tali miżura. Din l-informazzjoni tista' titqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni kif ukoll ta' awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri l-oħra.

3. Fejn awtorità nazzjonali tkun biħsiebha timponi obbligi fuq gwardjani abbażi ta' liġijiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 1(6), hija għandha, sa mhux aktar tard minn 60 jum qabel l-adozzjoni tiegħu, tikkomunika l-abbozz tal-miżura lill-Kummissjoni billi tiddikjara r-raġunijiet għall-miżura. Din l-informazzjoni tista' titqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni kif ukoll ta' awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri l-oħra. Fejn il-Kummissjoni, fi żmien daww is-60 jum, tindika lill-awtorità nazzjonali kkonċernata li l-abbozz tal-miżura jmur kontra dan ir-Regolament jew kontra deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament jew ikkontemplata fi proċedimenti mibdija mill-Kummissjoni, dik l-awtorità nazzjonali ma għandhiex tadotta l-miżura.

4. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni kif ukoll awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri li jinfurzw ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(6) għandu jkollhom is-setgħa li jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe kwistjoni ta' fatt jew ta' dritt, inkluża informazzjoni kunfidenzjali.

5. L-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni kif ukoll awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istati Membri li jinfurzw ir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(6) jistgħu jikkonsultaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 212

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Għal laqgħat li fihom ikunu qed jiġu diskussi kwistjonijiet speċifiċi, l-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jaħtru rappreżentant addizzjonali minn awtorità bl-għarfien espert rilevanti għal dawk il-kwistjonijiet. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-membri tal-Kumitat li jkunu meġhuna minn esperti oħra mill-Istati Membri.

Emenda 213

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv għas-Swieq Diġitali u l-Kummissjoni ma' rappreżentanti tal-gwardjani u partijiet ikkonċernati oħra għandhom jiġu rreġistrati u ppubblikati kull xahar f'konformità mar-reġistru ta' trasparenza tal-UE.

Emenda 214

Proposta għal regolament

Artikolu 33 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. **Meta tliet Stati Membri** jew aktar jitolbu lill-Kummissjoni biex tiftaħ investigazzjoni skont l-Artikolu 15 għax ikun jidhrilhom li hemm raġunijiet raġonevoli biex jissuspettaw li fornitur ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandu jiġi ddeżinjat bħala gwardjan, il-Kummissjoni għandha teżamina fi żmien erba' xhur jekk hemmx raġunijiet raġonevoli biex tiftaħ din l-investigazzjoni.

1. **Żewġ awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni** jew aktar jew awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tiftaħ investigazzjoni skont l-Artikoli 15, 16, 17 jew 25. L-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippreżentaw evidenza li ssostni t-talba tagħhom. Il-Kummissjoni għandha teżamina fi żmien erba' xhur jekk hemmx raġunijiet raġonevoli biex tiftaħ din l-investigazzjoni. Fejn il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet huma insuffiċjenti biex jinbdew proċedimenti, hija tista' tirrifjuta tali talba u tinforma lill-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti rispettivi bir-raġunijiet tagħha. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati tal-valutazzjoni tagħha.

Emenda 215

Proposta għal regolament

Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw evidenza li ssostni t-talba tagħhom.

imħassar

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 216
Proposta għal regolament
Artikolu 36 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni

Arranġamenti dettaljati

Emenda 217
Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li **jikkonċernaw: 3, 6, 12, 13, 15, 16, 17, 20, 22, 23, 25 u 30**

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li **jistabbilixxu arranġamenti dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan li ġej:**

Emenda 218
Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) il-forma, il-kontenut u dettalji oħra dwar kif għandhom jingħataw l-għażla u l-kunsens, skont l-Artikolu 5(a);

Emenda 219
Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) il-forma, il-kontenut u dettalji oħra dwar kif għandha tingħata informazzjoni dwar il-prezz u r-remunerazzjoni, skont l-Artikolu 5(g);

Emenda 220
Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) l-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri previsti fl-Artikolu 31d.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 221**Proposta għal regolament****Artikolu 36 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***L-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri previsti fl-Artikolu 1(7).*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4). Qabel l-adozzjoni ta' xi miżura skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippubblika abbozz tagħha u tistieden lill-partijiet **ikkonċernati** kollha biex jissottomettu l-kummenti tagħhom fiż-żmien stipulat, li ma jistax ikun inqas minn xahar.

Emenda

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 32(4). Qabel l-adozzjoni ta' xi miżura skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippubblika abbozz tagħha u tistieden lill-partijiet **interessati** kollha biex jissottomettu l-kummenti tagħhom fiż-żmien stipulat, li ma jistax ikun inqas minn xahar.

Emenda 222**Proposta għal regolament****Artikolu 36a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***Artikolu 36a****Linji Gwida**

Biex jiġu ffaċilitati l-konformità tal-gwardjani mal-obbligi fl-Artikoli 5, 6, 12 u 13 u l-infurzar tagħhom, il-Kummissjoni tista' takkumpanja l-obbligi stabbiliti f'dawk l-Artikoli b'linji gwida, fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq. Fejn ikun xieraq u meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tagħti s-setgħa lill-korpi ta' standardizzazzjoni biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-obbligi billi jiġu żviluppanti standards xierqa.

Emenda 223**Proposta għal regolament****Artikolu 37 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

2. Is-setgħa ta' adoxxjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 3(6) u **9(1)** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn JJ/XX/SSSS. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

2. Is-setgħa ta' adoxxjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 3(6) u **10** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn JJ/XX/SSSS. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 224**Proposta għal regolament****Artikolu 37 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 3(6) u **9(1)** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 3(6) u **10** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 225**Proposta għal regolament****Artikolu 37a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***Artikolu 37a****Emenda għad-Direttiva (UE) 2019/1937**

Fil-Parti XX tal-Anness tad-Direttiva (UE) 2019/1937, jiddied il-punt li ġej:

“Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar XX (UE) 2021/XXX u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L ...)”.

Emenda 226**Proposta għal regolament****Artikolu 37b (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***Artikolu 37b**

Emendi għad-Direttiva (UE) 2020/1828 dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi għall-Protezzjoni tal-Interessi Kollektivi tal-Konsumaturi

Jiddied mal-Anness I dan li ġej:

“(X) Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)”

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 227

Proposta għal regolament

Artikolu 39 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika wara **sitt xhur** mid-dħul fis-seħħ.

Emenda

Dan ir-Regolament għandu japplika wara **xahrejn** mid-dħul fis-seħħ.

Emenda 228

Proposta għal regolament

Anness 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

a. “Ġenerali”

1. L-anness preżenti għandu l-għan li jispeċifika l-metodoloġija għall-identifikazzjoni u l-kalkolu tal-“utenti finali” u l-“utenti kummerċjali” għal kull servizz ewleni tal-pjattaforma definit fl-Artikolu 2(2) għall-fini tal-punt (b) ta- l-Artikolu 3(2). Dan jipprovdi referenza biex impriża tkun tista' tivvaluta jekk is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħha jissodisfawx il-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(b) u għalhekk ikun preżunt li jissodisfaw ir-rekwiżit fl-Artikolu 3(1)(b). Għalhekk se tkun ugwalment rilevanti għal kwalunkwe valutazzjoni usa' skont l-Artikolu 3(6). Hija r-responsabbiltà tal-impriża li tasal għall-aħjar approssimazzjoni possibbli skont il-prinċipji komuni u l-metodoloġija speċifika stabbiliti f'dan l-anness. Xejn f'dan l-anness ma jipprekludi lill-Kummissjoni milli tirrikjedi li l-impriża li tippovdi servizzi ewlenin tal-pjattaforma tippovdi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati u kkalkulati l-“utenti finali” u l-“utenti kummerċjali”. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni hija marbuta bl-iskedi ta' żmien stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament. Xejn fl-anness preżenti ma għandu jikkostitwixxi bażi legali għat-traċċar tal-utenti. Il-metodoloġija li tinsab f'dan l-anness hija wkoll mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu fir-Regolament, inkluż b'mod partikolari dawk stipulati fl-Artikolu 3(3), l-Artikolu 3(6) u l-Artikolu 11(1). B'mod partikolari, il-konformità meħtieġa mal-Artikolu 11(1) tfisser ukoll l-identifikazzjoni u l-kalkolu tal-utenti finali u l-utenti kummerċjali abbażi ta' kejl preċiż jew tal-aħjar approssimazzjoni disponibbli – f'konformità mal-kapaċitajiet ta' identifikazzjoni u kalkolu attwali li l-impriża li tippovdi s-servizzi ewlenin tal-pjattaforma jkollha fil-mument rilevanti. Dan il-kejl jew l-aħjar approssimazzjoni disponibbli għandhom ikunu konsistenti ma', u jinkludu, dawk irrapportati skont l-Artikolu 13.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-Artikolu 2(16) u (17) jistabbilixxu d-definizzjonijiet ta' "utent finali" u "utent kummerċjali", li huma komuni għas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma kollha.

3. Sabiex jidentifika u jikkalkula l-għadd ta' "utenti finali" u "utenti kummerċjali", l-anness preżenti jirreferi għall-kunċett ta' "utenti uniċi". Il-kunċett ta' "utenti uniċi" jinkludi "utenti finali" u "utenti kummerċjali" magħduda darba biss, għas-servizz ewlieni tal-pjattaforma rilevanti, matul perjodu ta' żmien speċifikat (jiġifieri xahar fil-każ ta' "utenti finali" u sena fil-każ ta' "utenti kummerċjali"), irrispettivament min-numru ta' interazzjonijiet mas-servizz ewlieni tal-pjattaforma rilevanti matul dak il-perjodu. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-istess persuna fiżika jew ġuridika tista' simultanament tkun utent finali jew utent kummerċjali għal servizzi ewlenin differenti tal-pjattaforma.

- b. "utenti finali"

4. L-għadd ta' "utenti uniċi" fir-rigward tal-"utenti finali": utenti uniċi għandhom jiġu identifikati skont l-aktar metrika preċiża rrapportata mill-impriża li tipprovdni kwalunkwe wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma, speċifikament:
 - a. Huwa meqjus li l-għbir ta' data dwar l-użu ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma minn ambjenti aċċessati permezz ta' reġistrazzjoni jew konnessjoni prima facie jippreżentaw l-aktar riskju baxx ta' duplikazzjoni, pereżempju fir-rigward tal-imġiba tal-utent fuq l-apparati jew il-pjattaformi. Għalhekk, l-impriża għandha tippreżenta data anonimizata aggregata dwar l-għadd ta' utenti uniċi għal kull servizz ewlieni tal-pjattaforma rispettiv ibbażat fuq ambjenti aċċessati permezz ta' reġistrazzjoni jew konnessjoni jekk tkun teżisti tali data.
 - b. Fil-każ ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma li huma aċċessati (wkoll) minn utenti finali barra ambjenti aċċessati permezz ta' reġistrazzjoni jew konnessjoni, l-impriża għandha tippreżenta addizzjonalment data anonimizata aggregata dwar l-għadd ta' utenti finali uniċi tas-servizz ewlieni tal-pjattaforma abbażi ta' metrika alternattiva li taqbad ukoll utenti finali barra mill-ambjenti aċċessati permezz ta' reġistrazzjoni jew konnessjoni bħal indirizzi tal-protokoll tal-internet, identifikaturi tal-cookies jew identifikaturi oħra bħal tags ta' identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju dment li dawk l-indirizzi jew identifikaturi jkunu (oġġettivament) neċessarji biex jiġu pprovduti s-servizzi ewlenin tal-pjattaforma.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. L-Artikolu 3(2) jirrikjedi wkoll li l-għadd ta' "utenti finali ta' kull xahar" ikun ibbażat fuq l-għadd medju ta' utenti finali ta' kull xahar tul perjodu ta' mhux inqas minn sitt xhur fl-aħħar sena finanzjarja. Impriża li ttipprovi servizz ewlieni jew servizzi ewlenin tal-pjattaforma tista' tiskonta ċ-ċifri outlier f'sena partikolari. Ċifri outlier ifissru b'mod inerenti ċ-ċifri li jaqgħu barra l-valuri normali bħal bejgħ massimu li jkun seħħ matul xahar wieħed f'sena partikolari iżda li ma jinkludux il-bejgħ annwali regolari u prevedibbli.
- c. "utenti kummerċjali"
6. L-għadd ta' "utenti uniċi" fir-rigward ta' "utenti kummerċjali": "utenti uniċi" għandhom jiġu determinati, fejn applikabbli, fil-livell tal-kont b'kull kont kummerċjali distint assoċjat mal-użu ta' servizz ewlieni tal-pjattaforma pprovdut mill-impriża li tikkostitwixxi utent kummerċjali uniku wieħed ta' dak is-servizz ewlieni rispettiv tal-pjattaforma. Jekk il-kunċett ta' "kont kummerċjali" ma japplikax għal servizz ewlieni tal-pjattaforma partikolari, l-impriża rilevanti li ttipprovi servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandha tiddetermina l-għadd ta' utenti kummerċjali uniċi billi tirreferi għall-impriża rilevanti.
- d. "Preżentazzjoni ta' informazzjoni"
7. L-impriża li tippreżenta informazzjoni rigward l-għadd ta' utenti finali u utenti kummerċjali għal kull servizz ewlieni tal-pjattaforma għandha tkun responsabbli biex tiżgura l-kompletezza u l-preċiżjoni ta' dik l-informazzjoni. F'dak ir-rigward:
- a. Fl-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni, l-impriża għandha tkun responsabbli mill-preżentazzjoni ta' data għal servizz ewlieni tal-pjattaforma rispettiv li tevita s-sottokalkolu u s-sovrakalkolu tal-għadd ta' utenti finali u utenti kummerċjali (pereżempju fejn l-utenti jaċċessaw is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma minn pjattaformi jew apparati differenti).
- b. L-impriża għandha tkun responsabbli mill-għoti ta' spjegazzjonijiet preċiżi u konċiżi dwar il-metodoloġija użata biex tasal għall-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni u minn kwalunkwe riskju tas-sottokalkolu u s-sovrakalkolu tal-għadd ta' utenti finali u utenti kummerċjali għal servizz ewlieni tal-pjattaforma rispettiv u mis-soluzzjonijiet adottati biex jiġi indirizzat dak ir-riskju.
- c. L-impriża għandha ttipprovi data lill-Kummissjoni li tkun ibbażata fuq metrika alternattiva meta l-Kummissjoni jkollha tħassib dwar il-preċiżjoni tad-data pprovduta mill-impriża li ttipprovi servizz ewlieni jew servizzi ewlenin tal-pjattaforma.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8. **Għall-fini tal-kalkolu tal-għadd ta' "utenti finali" u "utenti kummerċjali":**
- a. L-impriża li tipprovdi servizz ewlieni jew servizzi ewlenin tal-pjattaforma ma għandhiex tidentifika servizzi ewlenin tal-pjattaforma li jappartjenu għall-istess kategorija ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma skont l-Artikolu 2(2) bħala distinti prinċipalment fuq il-bażi li jiġu pprovduti bl-użu ta' ismijiet ta' dominji differenti – kemm jekk dominji tal-ogħla livell tal-kodiċi tal-pajjiż (country code top-level domains – ccTLDs) kif ukoll jekk dominji tal-ogħla livell ġeneriċi (generic top-level domains – gTLDs) – jew kwalunkwe attribut ġeografiku.
 - b. L-impriża li jipprovdu servizz ewlieni jew servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandhom iqisu bħala servizzi ewlenin tal-pjattaforma distinti daww is-servizzi ewlenin tal-pjattaforma, li minkejja li jappartjenu għall-istess kategorija ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma skont l-Artikolu 2(2) jintużaw għal finijiet differenti jew mill-utenti finali tagħhom jew l-utenti kummerċjali tagħhom, jew it-tnejn, anke jekk l-utenti finali u l-utenti kummerċjali jistgħu jkunu l-istess.
 - c. L-impriża li jipprovdu servizz ewlieni jew servizzi ewlenin tal-pjattaforma għandhom iqisu bħala servizzi ewlenin tal-pjattaforma distinti daww is-servizzi li l-impriża rilevanti toffri b'mod integrat iżda li (i) ma jappartjenux għall-istess kategorija tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma skont l-Artikolu 2(2) jew (ii) minkejja li jappartjenu għall-istess kategorija ta' servizzi ewlenin tal-pjattaforma skont l-Artikolu 2(2), jintużaw għal finijiet differenti jew mill-utenti finali tagħhom jew l-utenti kummerċjali tagħhom, jew it-tnejn, anke jekk l-utenti finali u l-utenti kummerċjali jistgħu jkunu l-istess.
- e. "Definizzjonijiet speċifiċi"
9. **Definizzjonijiet speċifiċi għal kull servizz ewlieni tal-pjattaforma: Il-lista ta' hawn taħt tagħti definizzjonijiet speċifiċi ta' "utenti finali" u "utenti kummerċjali" għal kull servizz ewlieni tal-pjattaforma.**

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Emenda 229

Proposta għal regolament

Anness 1 – tabella (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Servizz ewlieni tal-pjattaforma	utenti finali	utenti kummerċjali
Servizzi ta' intermedjazzjoni online	L-għadd ta' utenti finali uniċi li kellhom kuntatt mas-servizz ta' intermedjazzjoni online mill-inqas darba matul ix-xahar pereżempju billi aċċessaw attivament permezz ta' konnessjoni, billi għamlu tfittxija, ikklikkjaw jew skrolljaw jew billi kkonkludew tranżazzjoni permezz tas-servizz ta' intermedjazzjoni online mill-inqas darba matul ix-xahar.	L-għadd ta' utenti kummerċjali uniċi li kellhom mill-inqas oġġett wieħed elenkat fis-servizz ta' intermedjazzjoni online matul is-sena kollha jew li kkonkludew tranżazzjoni attivata mis-servizz ta' intermedjazzjoni online matul is-sena.
Magni tat-tiftix online	L-għadd ta' utenti finali uniċi li kellhom kuntatt mal-magna tat-tiftix online mill-inqas darba matul ix-xahar, pereżempju billi għamlu tfittxija.	L-għadd ta' utenti kummerċjali uniċi b'siti web tan-negozju (jiġifieri sit web użat f'kapaċità kummerċjali jew professjonali) indiċjati mill-magna tat-tiftix online jew parti mill-indiċi tagħha matul is-sena.
Servizzi ta' networking soċjali online;	L-għadd ta' utenti finali uniċi li kellhom kuntatt mas-servizz ta' networking soċjali online mill-inqas darba matul ix-xahar, pereżempju billi aċċessaw attivament permezz ta' konnessjoni, fetħu paġna, skrolljaw, ikklikkjaw, tefgħu like, għamlu tfittxija, tefgħu post jew ikkummentaw.	L-għadd ta' utenti kummerċjali uniċi li huma inklużi f'lista tan-negozju jew għandhom kont tan-negozju fis-servizz tan-networking soċjali online u li kellhom kuntatt b'xi mod mas-servizz mill-inqas darba matul is-sena, pereżempju billi aċċessaw attivament permezz ta' konnessjoni, fetħu paġna, skrolljaw, ikklikkjaw, tefgħu like, għamlu tfittxija, tefgħu post jew ikkummentaw jew użaw l-għodod tiegħu għan-negozji.
Servizzi ta' pjattaforma tal-video-sharing;	L-għadd ta' utenti finali uniċi li kellhom kuntatt mas-servizz ta' pjattaforma tal-video-sharing mill-inqas darba matul ix-xahar, pereżempju billi raw parti minn kontenut awdjoviżiv, għamlu tfittxija jew tellgħu kontenut awdjoviżiv, b'mod partikolari inkluż filmati ġġenerati mill-utenti.	L-għadd ta' utenti kummerċjali uniċi li pprovdew mill-inqas silta waħda ta' kontenut awdjoviżiv intella' jew viżwalizzat fuq is-servizz ta' pjattaforma tal-video-sharing matul is-sena.
Servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri	L-għadd ta' utenti finali uniċi li bdew jew ipparteċipaw b'xi mod f'komunikazzjoni permezz tas-servizz ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri mill-inqas darba matul ix-xahar.	L-għadd ta' utenti kummerċjali uniċi li użaw kont tan-negozju jew inkella bdew jew ipparteċipaw b'xi mod f'komunikazzjoni permezz tas-servizz ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri biex jikkomunikaw direttament ma' utent finali mill-inqas darba matul is-sena.

L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2021

Servizz ewlieni tal-pjattaforma	utenti finali	utenti kummerċjali
Sistemi operatorji	L-għadd ta' utenti finali uniċi li użaw apparat bis-sistema operatorja, li ġie attiv, aġġornat jew użat mill-inqas darba matul ix-xahar.	L-għadd ta' żviluppaturi uniċi li ppubblikaw, aġġornaw jew offrew mill-inqas applikazzjoni waħda ta' software jew programm ta' software bl-użu tal-lingwa ta-l-ipprogrammar jew kwalunkwe għodda għall-iżvilupp ta' software tas-sistema operatorja, jew li juża b'xi mod l-istess software, matul is-sena.
Servizzi ta' cloud computing	L-għadd ta' utenti finali uniċi li użaw xi servizz ta' cloud computing mill-fornitur rilevanti ta' servizzi ta' cloud computing mill-inqas darba matul ix-xahar, għal kwalunkwe tip ta' remunerazzjoni, irrispettivament minn jekk din ir-remunerazzjoni sseħx fl-istess xahar.	L-għadd ta' utenti kummerċjali uniċi li pprovdew xi servizz ta' cloud computing ospitat fl-infrastruttura tal-cloud tal-fornitur rilevanti tas-servizzi ta' cloud computing matul is-sena.
Servizzi ta' reklamar	<p>Bejgħ proprjetarju ta' spazju għar-reklamar</p> <p>L-għadd ta' utenti finali uniċi li kienu esposti għal impressjoni ta' reklamar mill-inqas darba fix-xahar.</p> <p>Intermedjazzjoni tar-reklamar (inklużi networks tar-reklamar, skambji tar-reklamar u kwalunkwe servizz ieħor ta' intermedjazzjoni tar-reklamar)</p> <p>L-għadd ta' utenti finali uniċi li kienu esposti għal impressjoni tar-reklamar li skattat is-servizz ta' intermedjazzjoni tar-reklamar mill-inqas darba fix-xahar.</p>	<p>Bejgħ proprjetarju ta' spazju għal reklamar</p> <p>L-għadd ta' reklamaturi uniċi li kellhom mill-inqas impressjoni tar-reklamar waħda murija matul is-sena.</p> <p>Intermedjazzjoni tar-reklamar (inklużi networks tar-reklamar, skambji tar-reklamar u kwalunkwe servizz ieħor ta' intermedjazzjoni tar-reklamar)</p> <p>L-għadd ta' utenti kummerċjali uniċi (inklużi reklamaturi, pubblikaturi jew intermedjarji oħra) li interaġixxew permezz tas-servizz ta' intermedjazzjoni tar-reklamar jew li kienu moqdija minnu matul is-sena.</p>